# Hawn Ħaġa... X'inhija? Il-Ħaġa Moħġaġa fit-Tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Medji u Sekondarji

Michela Saliba

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

bi twettiq parzjali għall-grad

fl-Università ta' Malta

Ġunju 2020

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**Dikjarazzjoni tal-Awtentiċità**

## FACULTY/INSTITUTE/CENTRE/SCHOOL

## DECLARATIONS BY POSTGRADUATE STUDENTS

Student's Code ______________

Student's Name & Surname Michela Saliba

Course Master in Teaching & Learning

Title of Dissertation

*Hawn Ħaġa... X'inhija?*

*Il-Ħaġa Moħġaġa fit-Tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Medji u Sekondarji*

### (a) Authenticity of Dissertation

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third party right infringement.

### (b) Research Code of Practice and Ethics Review Procedures

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures. Research Ethics & Data Protection form code 1995_03062019_Michela Saliba.

As a Master's student, as per Regulation 58 of the General Regulations for University Postgraduate Awards, I accept that should my dissertation be awarded a Grade A, it will be made publicly available on the University of Malta Institutional Repository.

MICHELA SALIBA

Signature of Student | Name of Student (in Caps)

10/06/2020
Date

30.01.2020

# Is-Sintesi

Anki jekk il-ħwejjeġ moħġaġa ftit li xejn jixirfu f'politiki u f'dokumenti ewlenin edukattivi, dan il-ġeneru umoristiku ċkejken li jistrieħ fuq il-logħob bil-kliem għandu potenzjal pedagoġiku qawwi. Il-klassi tal-Malti, bl-attenzjoni li tagħti għall-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa, hi l-post ideali fejn it-tagħlim tal-ħwejjeġ moħġaġa jsiru b'ħeffa, b'sistematiċità u b'effettività. Il-pedagoġija mħaddma f'din it-teżi tinqasam fi tnejn: it-tagħlim ta' unità didattika ddedikata kollha kemm hi għal dan il-ġeneru li jagħmel parti mit-tradizzjoni orali u għaldaqstant mill-Esperjenza Letterarja; u l-metodu ta' tagħlim integrat fejn il-ħaġa moħġaġa sservi ta' spunt mhux tas-soltu jew riżorsa kreattiva f'idejn l-għalliema biex tqanqal l-interess tal-istudenti tagħha. Għal dan il-għan, qed ikunu ppreżentati żewġ pjanijiet ta' ħidma skont l-abbiltajiet tal-istudenti indirizzati f'kisbiet miktuba *ad hoc.* Imbagħad, kollox jitwettaq f'għadd ta' lezzjonijiet b'riżorsi kreattivi u damma ta' taħriġiet innovattivi, bil-ħsieb li jissensibbilizzaw lill-istudenti għal aspetti tematiċi u stilistiċi tal-ħwejjeġ moħġaġa Maltin. Il-komponent tal-evalwazzjoni u/jew tal-assessjar tal-unità didattika jimxi mal-mudell ta': stħarriġ tal-bżonnijiet tal-istudenti fl-ewwel lezzjoni; assessjar formattiv tul l-unità didattika; u forma ta' evalwar summattiv fl-aħħar. Dan l-istudju jagħlaq bir-riflessjoni tar-riċerkatriċi tax-xogħol li pproponiet, b'risq il-bidla li għandha ssir f'livelli ta' ppjanar kurrikulari min-nies interessati f'dan il-qasam. B'hekk, l-istudenti tal-Malti għandhom jieħdu gost jitgħallmu permezz u fuq il-ħwejjeġ moħġaġa, biex japprezzaw aktar il-wirt tradizzjonali orali Malti u jżommuh ħaj għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

*Il-kliem muftieħ:* Tagħlim tal-Malti; Ħaġa Moħġaġa; Umoriżmu; Livell Medju u Sekondarju; Skema ta' Proġett; Tagħlim Integrat; Unità didattika.

*Niddedika dan ix-xogħol*

*lill-ġenituri tiegħi*

*li dejjem kienu hemm*

*għalija*

*b'paċenzja u b'kuraġġ*

# Ir-Radd ta' Ħajr

L-ewwelnett, nixtieq nuri apprezzament kbir lis-superviżur tiegħi, Dr Terence Portelli, tas-sapport li sibt mingħandu biex jiggwidani matul il-ħidma ta' din it-teżi u talli dejjem kien ta' għajnuna għalija. Nixtieq nirringrazzjah tas-suġġerimenti u l-ideat kontinwi li dejjem tani sabiex eventwalment dan l-istudju jirnexxi. B'dedikazzjoni ggwidani u inkoraġġieni matul dan ix-xogħol, u nirringrazzjah tal-ammont sostanzjali ta' ħin u l-paċenzja li ħa biex jiddiskuti miegħi kwalunkwe informazzjoni marbuta ma' din it-teżi.

Nixtieq inrodd ħajr lill-persuni l-aktar għal qalbi. Lill-ġenituri tiegħi tas-sapport kbir li dejjem sibt mingħandhom u tal-għajnuna kontinwa biex nirnexxi. Nirringrazzja wkoll lil oħti Alexia u lin-nanniet tiegħi tal-kuraġġ kontinwu u tal-fiduċja li dejjem urew matul l-istudju tiegħi sa mill-bidu nett. Minn qalbi, nuri apprezzament lill-għarus tiegħi Kurt, tal-paċenzja kbira u talli dejjem serva ta' spalla għalija fl-aktar mumenti diffiċli.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kors li magħhom irnexxieli nifforma wħud mill-isbaħ memorji ta' ħajti. Ilkoll konna ta' għajnuna għal xulxin u permezz tal-fiduċja rnexxielna naslu s'hawn!

# Il-Werrej


Id-Dikjarazzjoni ta' Awtentitá ..... ii

Is-Sintesi ..... iii

Id-Dedika ..... iv

Ir-Radd ta' Ħajr ..... v

Werrej ..... vi

Il-Werrej tat-Tabelli ..... xi

Il-Werrej tal-Istampi ..... xii

Daħla ..... 1

L-Ewwel Kapitlu: **It-Tradizzjoni Orali** ..... 5

1.0 B'risq definizzjoni tat-tradizzjoni orali ..... 5

1.1 Il-bidu tat-tradizzjoni orali ..... 5

1.2 Il-ħaġa moħġaġa bħala fergħa mit-tradizzjoni orali ..... 7

1.3 L-element umoristiku fil-ħaġa moħġaġa ..... 9

1.3.1 Il-paronomasja fil-ħaġa moħġaġa ..... 10

1.3.2 Il-metafora fil-ħaġa moħġaġa ..... 11

1.3.3 Il-kontradizzjoni fil-ħaġa moħġaġa ..... 12

1.3.4 Id-doppju sens fil-ħaġa moħġaġa ..... 12

1.4 It-tradizzjoni orali fil-klassi: Ħarsa kritika lejn xi riċerka lokali ..... 13

1.5 Il-ħaġa moħġaġa u l-Malti ..... 15

1.5.1 Xi ġabriet ewlenin tal-ħaġa moħġaġa bil-Malti ..... 15

1.5.2 Il-kotba tal-primarja u l-ħaġa moħġaġa ..... 17

1.5.3 It-teknoloġija u l-ħaġa moħġaġa ........ 19

1.6 L-għażla u r-relevanza tal-ħaġa moħġaġa fit-tagħlim ........ 20

1.7 Kif it-tradizzjoni orali tiġi mgħallma? ........ 21

1.8 Konklużjoni ........ 22

It-Tieni Kapitlu: **Ħoloq Kurrikulari b'Rabta mal-Ħaġa Moħġaġa** ........ 23

2.0 Il-kurrikulu ........ 23

2.1 Il-Malti u L-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd (2012) ........ 24

2.1.1 Il-kreattività u l-innovazzjoni ........ 25

2.2 L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2014) ........ 25

2.3 Il-Malti u l-Iskaluni ........ 26

2.3.1 Il-Kisbiet tat-Tagħlim ........ 27

2.4 Is-sillabu ........ 28

2.4.1 It-tfassil tas-sillabu ........ 28

2.5 Għamliet differenti ta' sillabu ........ 29

2.6 Ħarsa lejn it-tradizzjoni orali fid-dokumenti kurrikulari ........ 30

2.7 Il-potenzjal tal-kultura u t-tradizzjoni orali fil-klassi tal-Malti ........ 34

2.7.1 Il-ħwejjeġ moħġaġa x'għandhom x'joffru fil-qasam edukattiv u x'jista' jkun l-użu tagħhom fil-klassi? ........ 34

2.8 Kif il-ħaġa moħġaġa b'aspetti umoristiċi jistgħu jiġu inkorporati fis-sillabu tal-Malti? ........ 35

2.8.1 Il-mudelli pedagoġiċi li se jitħaddmu: it-tagħlim bħala unità didattika u t-tagħlim integrat ........ 36

2.8.2 It-tagħlim bl-aspett tal-umoriżmu ........ 41

2.8.2.1 L-immaniġġar fil-klassi ........ 42

2.9 Il-pjan ta' ħidma spirall ........ 42

2.10 Il-pjan ta' ħidma f'forma ta' lista ..... 44

2.11 L-użu tal-multimodalità ..... 45

2.12 Il-modi ta' assessjar ..... 46

2.13 Il-konklużjoni ..... 47

It-Tielet Kapitlu: **Il-Metodoloġija ta' dan l-Istudju** ..... 49

3.0 L-epistemoloġija tal-istudju ..... 49

3.0.1 L-għarfien empiriku ..... 49

3.1 Id-differenza bejn il-metodoloġija u l-metodu ..... 50

3.2 Ir-riċerka kwantitattiva u kwalitattiva ..... 51

3.3 L-intervisti ..... 52

3.3.1 Tipi differenti ta' intervisti ..... 53

3.3.2 L-iskop tal-intervisti lill-għalliema ..... 54

3.3.3 Xi kriterji b'rabta mal-intervisti ..... 54

3.4 Il-pandemija tal-Covid-19 ..... 55

3.5 Xi limiti u nuqqasijiet tal-metodu tal-intervisti ..... 55

3.6 Xi kwistjonijiet etiċi ..... 58

3.7 Konklużjoni ..... 59

Ir-Raba' Kapitlu: **Il-Proposta ta' Tagħlim b'Użu ta' Żewġ Pedagoġiji għal-Livell Medju u Sekondarju** ..... 60

4.0 It-tip ta' proposta li se titħaddem ..... 60

4.1 Il-pjan tal-proġett ..... 61

4.1.1 L-elementi varji fil-pakkett tar-riżorsi ..... 65

4.2 Il-ħtieġa ta' din il-proposta ta' tagħlim ..... 66

4.3 Il-mudell għat-tagħlim bħala unità didattika tal-ħaġa moħġaġa ..... 66

4.4 Il-mudell għat-tagħlim integrat tal-ħaġa moħġaġa ..... 68

4.5 Konklużjoni .......... 70

Il-Ħames Kapitlu: **Il-Ħaġa Moħġaġa fil-Klassi: Ġabra ta' Lezzjonijiet** .......... 72

5.0 L-introduzzjoni .......... 72

5.1 Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet .......... 72

5.1.1 L-għanjiet .......... 73

5.1.1.1 L-għanijiet fil-lezzjonijiet tal-unità didattika .......... 74

5.1.1.2 L-għanijiet fil-lezzjonijiet tat-tagħlim integrat .......... 74

5.1.2 L-għażla tal-attivitajiet .......... 74

5.1.3 Riflessjoni fuq ir-riżorsi .......... 75

5.1.4 L-assessjar u l-evalwar tat-tagħlim .......... 76

5.1.4.1 L-evalwar summattiv .......... 76

5.1.4.2 L-assessjar formattiv .......... 77

5.2 L-unità didattika tal-'Logħob bil-Kliem' .......... 78

5.2.1 Lezzjoni numru 1: X'inhi l-ħaġa moħġaġa? .......... 80

5.2.2 Lezzjoni numru 2: Il-ġbir u l-użu tal-ħaġa moħġaġa f'Malta .......... 85

5.2.3 Lezzjoni numru 3: Il-forma tal-ħaġa moħġaġa .......... 91

5.2.4 L-assessjar formattiv .......... 96

5.2.5 Lezzjoni numru 4: It-temi tal-ħaġa moħġaġa .......... 97

5.2.6 Lezzjoni numru 5: Xi mekkaniżmi fil-ħwejjeġ moħġaġa .......... 101

5.2.7 Lezzjoni numru 6: Il-kitba tal-ħaġa moħġaġa .......... 105

5.2.8 L-evalwar summattiv .......... 111

5.3 Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet bħala tagħlim integrat tal-ħaġa moħġaġa .......... 115

5.3.1 Il-Grammatika .......... 117

5.3.2 Is-Smigħ .......... 122

5.3.3 Il-Kitba .......... 124

5.3.4 It-Taħdit ... 125
5.3.5 Il-Qari ... 127
5.3.6 L-Esperjenza Letterarja ... 128
5.3.7 Il-Kultura ... 130
5.3.8 L-Istorja tal-lingwa ... 132
5.4 Konklużjoni ... 133

Is-Sitt Kapitlu: **Ir-Riflessjoni Tiegħi fuq dan l-Istudju** ... 134
6.0 L-Importantza tar-riflessjoni ... 134
6.1 It-tradizzjoni orali u l-ħaġa moħġaġa ... 135
6.2 Il-ħidma ta' entitajiet differenti b'risq il-ħaġa moħġaġa ... 137
6.3 Bidliet fuq livell istituzzjonali ... 138
6.3.1 Ħidma mal-għalliema ... 139
6.3.2 Ħidma fl-iskejjel ... 140
6.3.2.1 L-inklużjoni u l-ekwità fil-klassijiet ... 140
6.3.3 Ħidma mill-ġenituri/kustodji ... 141
6.4 Bidliet fuq livell komunitarju ... 141
6.5 Skop għal aktar riċerka ... 143
6.6 Xi limitazzjonijiet ... 146
6.7 Il-konklużjoni ... 146

Il-Lista tar-Referenzi ... 149

Appendiċi 1: Ittra ta' informazzjoni lill-parteċipanti ... 165
Appendiċi 2: Il-formola tal-kunsens ... 167
Appendiċi 3: Il-mistoqsijiet tal-intervista ... 168

# Il-Werrej tat-Tabelli

Tabella 1: L-istruttura tal-ħaġa moħġaġa ........ 7

Tabella 2: L-għamla tal-ħaġa moħġaġa ........ 8

Tabella 3: Għamliet differenti ta' sillabu ........ 30

Tabella 4: Il-QKN (2012) u l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2011) ........ 31

Tabella 5: Għażla ta' skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja ........ 32

Tabella 6: Il-karatteristiċi tal-ħaġa moħġaġa ........ 38

Tabella 7: Il-fokus tal-lezzjonijiet integrati ........ 40

Tabella 8: L-iffukar tat-tagħlim fil-lezzjonijiet tal-Malti ........ 41

Tabella 9: Il-pjan ta' ħidma spirall ........ 43

Tabella 10: Il-pjan ta' ħidma għat-tagħlim integrat fil-lezzjonijiet tal-Malti ........ 44

Tabella 11: It-tipi ta' intervisti ........ 53

Tabella 12: Ħarsa ġenerali lejn il-parti prattika ta' din ir-riċerka ........ 62

Tabella 13: Il-werrej tal-lezzjonijiet tal-unità didattika ........ 78

Tabella 14: Il-werrej tal-lezzjoni f'lezzjoni ........ 116

# Il-Werrej tal-Istampi

Stampa 1: Paġna 80 meħuda minn *Stilel 1* ............................................................. 17

Stampa 2: Paġni 3 u 4 meħuda mill-ktejjeb *Ħaġa Moħġaġa*.................................... 18

# Id-Daħla
# It-Tifkiriet f'Ħajti li Wassluni għal dan l-Istudju

"Fejn qiegħda Michela?"

"Isma ħa nkellmek!"

Niftakar qisu lbieraħ meta jien kien għad kelli madwar tmien snin, fis-sajf kont inkun fuq l-għatba tad-dar tan-nannu, nisimgħu jgħidli l-ħrejjef Maltin. Kont inkun ħerqana biex kuljum jgħidli xi waħda ġdida u jien eċitata biex nisma' u nimmaġina dak kollu li jirrakonta. Kienet saret drawwa u ta' kull filgħaxija kont inkun qed nistenna dan il-ħin partikolari.

Ma nistax ninsa wkoll meta missieri kien jeħodni l-Mosta ħdejn l-Għar tal-Isperanza u kien jirrakkontali l-leġġenda tat-tfajla li daħlet tistaħba fih biex taħrab mit-Torok. Kull meta kien isib ftit tal-ħin, dejjem kien jieħu lili u lil oħti sa dan l-għar. Għalkemm ir-rakkont ta' din il-leġġenda kien isir kważi dejjem bl-istess mod, xorta ma kontx nixba nisma' din il-leġġenda speċjalment kif kien jirrakkontahieli missieri stess! Kont nagħmel ħin twil nipprova nifhem u nimmaġina kif setgħet tkun din ix-xena ġewwa l-għar. Ta' tifla ċkejkna li kont, l-immaġinazzjoni kienet tiġri bija u kont qisni nidħol f'dinja oħra. Kull darba li kien jeħodni ħdejn dan l-għar, kont inħossni xi ditektiv, nipprova nifli kull dettall biex nispjega u nsolvu dan il-każ partikolari.

L-isbaħ ħin tal-ġurnata kien ikun meta kont noqgħod naqra *Il-Praspar ta' Ġaħan* (1980) ta' Ġorġ Mifsud Chircop, il-praspar *Id-Dinja ta' Wenzu u Rożi* (1976)

ta' George Zammit, u kif ukoll *Il-Praspar Kollha ta' Kunċett u Marinton* (1991) miktub minn Trevor Żahra. Dawn kienu l-iktar kotba li kont infittex meta kont immur nissellef mil-librerija ta' Ħad-Dingli, raħal twelidi. Kienet tkun l-hena tiegħi nintefa' naqra dawn il-praspar Maltin għaliex it-tbissim u d-daħk kienu kontinwu waqt dan il-qari. Dan l-interess fit-tradizzjonijiet orali beda minn meta kont għadni tifla u maż-żmien, dan l-interess, kompla jikber...

Darba kont mort Għawdex f'ħanut tal-kotba, u waqt li kont qiegħda nfittex biex nara x'kien hemm addattat għalija, sibt dan il-ktieb *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor* (2003) ta' Ġużè Cassar Pullicino. Dan il-ktieb kien mimli bi ħwejjeġ moħġaġa u kif ukoll għadd ta' logħob bil-kliem ieħor fosthom il-mistoqsijiet tal-ħsieb. Fil-ftit minuti li għamilt inqalleb fih, ħadt gost nipprova naqta' t-tweġiba qabel ma nħares lejn it-tweġiba li kien hemm fuq kull ħaġa moħġaġa. Dan kollu reġa' fakkarni fi tfuliti, u bqajt niftakar xi wħud minnhom li kien jgħidli nannuwi stess. B'hekk spiċċajt biex xtrajtu u kont nieħu gost nipprova naqtagħhom waħdi. Dawk li kienu jogħġbuni kont nispiċċa ngħidhom lil sħabi tal-iskola u lill-kollegi tiegħi tax-xogħol. L-iktar ħaġa li ġibditli l-attenzjoni fl-aħħar tal-ktieb kienet meta Cassar Pullicino, għadda s-suġġeriment li jekk il-qarrej jiftakar f'xi ħaġa moħġaġa, għandu jgħaddihielu sabiex meta jerġgħu joħorġu dan l-istudju, dan ikun miżjud b'materjal ġdid u tkun laħqet twessgħet din il-fergħa folkloristika. Kienet din is-sejħa umli u kollha tama li sa ċertu punt ispiratni biex naħdem fuq dan il-qasam.

Meta bdejt il-kors tal-Baċellerat tal-Arti (Unuri) fil-Malti, fl-Univeristà ta' Malta, mill-bidu xtaqt li t-teżi tiegħi tkun fuq waħda mill-fergħat tat-tradizzjoni orali u b'hekk għażilt li nagħmel analiżi lingwistika tal-ħaġa moħġaġa. L-istudju li għamilt kien

ikompli fuq ix-xogħol ta' riċerkaturi oħrajn, b'mod partikolari fuq ix-xogħol ta' Ġużè Cassar Pullicino *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor* (1957). Cassar Pullicino, minbarra li għamel ġabra ġmielha ta' ħwejjeġ moħġaġa minn ħafna bnadi tal-gżejjer Maltin, tana analiżi ta' kif taħdem il-ħaġa moħġaġa, tat-temi rikorrenti li tittratta, u tal-mod kif titħaddem fil-letteratura orali. Fi kliem ieħor, l-għan tat-teżi tiegħi kien doppju. Qabelxejn, ġbart aktar ħwejjeġ moħġaġa, bil-varjanti tagħhom, minn lokalitajiet differenti biex komplejt inżid ma' dawk li għandna miġburin. Imbagħad, stħarriġt fid-dettall il-mekkaniżmi lingwistiċi u figurattivi li ninqdew bihom f'din il-logħba bil-kliem.

Wara dan ix-xogħol kollu, ksibt ukoll il-frott ta' dan. Meta t-teżi ġiet ippubblikata, irċivejt stedina mid-Dipartiment tal-Malti bħala parti mill-proġett tat-Tradizzjoni Orali sabiex nagħmel taħdita fuq ix-xogħol li jien irriċerkajt fuqu. Ħassejtni grata u sodisfatta għal dan u b'hekk aċċettajt l-istedina immedjatament. F'din it-taħdita, il-maġġoranza tal-udjenza bdew jippruvaw jaħsbu u jħabblu rashom, x'tista' tkun kull tweġiba tal-ħaġa moħġaġa li jien ippreżentajt. Fl-aħħar ta' din it-taħdita, kien hemm persuna li ma nistax ninsa għaliex għaddieli xi suġġeriment dwar li kieku kelli nagħmel teżi li tinkorpora fiha t-tradizzjoni orali u li kieku nsib mezz biex nara kif jistgħu jidħlu fit-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel. Din l-opinjoni għoġbitni ħafna u b'hekk żammejtha f'moħħi.

Tant hu hekk, li meta ggradwajt fil-Baċellerat tal-Arti (Unuri) tal-Malti u dħalt għall-kors tal-*Master in Teaching and Learning,* bqajt naħseb fuq dik l-idea u b'hekk mill-ewwel xtaqt li din it-teżi terġa' tibni fuq dan il-qasam, iżda b'differenza. F'din id-dissertazzjoni se nkun qiegħda nistħarreġ kif il-ġeneru tat-tradizzjoni orali, il-ħaġa

moħġaġa, tista' tkun inkorporata fil-lezzjonijiet tal-Malti fil-livell Medju u dak Sekondarju permezz ta' metodi ta' tagħlim varji.

Biex inwettaq dan, se nkun qed inħaddem żewġ stadji. L-ewwel stadju huwa li nfassal skema ta' proġett, kemm għal-livell tal-iskola medja u anke dak tas-sekondarja. It-tieni stadju huwa li nistħarreġ kif il-ħaġa moħġaġa tista' tintuża fit-tagħlim f'lezzjonijiet tal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa varji. Barra minnhekk, wettaqt ukoll tagħlim permezz tal-unità didattika. L-għan wara dan il-pakkett huwa li nikxef il-potenzjal pedagoġiku tal-element orali t-tagħlim tal-lingwa nattiva.

Għalhekk, ix-xewqa tiegħi hija li din it-teżi tkun ta' ġid u siwi għall-għalliema skont dan il-mudell doppju biex iżommu l-ħaġa moħġaġa ħajja fost l-istudenti fit-tagħlim tal-Malti.

# L-Ewwel Kapitlu
# It-Tradizzjoni Orali

## 1.0 B'risq definizzjoni tat-tradizzjoni orali

Il-tradizzjoni orali hija letteratura li tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-fomm, u bis-saħħa t'hekk din il-parti mit-tradizzjoni Maltija baqgħet ħajja sal-lum. Briffa (2002) juri li din hija "letteratura akkumulata minn ġenerazzjoni għal oħra li ssir element essenzjali fil-wirt kulturali tal-pajjiż" (Briffa, p.71). Skont Żahra (2002), it-tradizzjoni orali tiġbor xogħlijiet li jittrattaw aspetti bħall-mitoloġija, in-narrattiva, it-taqbil, il-ħaġa moħġaġa, il-qwiel u anke l-poeżija folkloristika li tinkludi l-għana.

It-tradizzjonijiet orali, għal Nnyagu (2017), huma sorsi storiċi ta' natura soċjali li jirriżultaw mill-fatt li mhumiex miktuba, jistgħu jiġu trażmessi, minn ġenerazzjoni għal oħra; il-preservazzjoni tiddependi fuq il-ħila tal-memorja tal-ġenerazzjonijiet suċċessivi tal-bniedem. It-tradizzjoni orali tifforma s-sors ewlieni disponibbli għal rikostruzzjoni tal-passat, li m˒għandha ebda prattika tal-kultura miktuba u anke fost il-popli li għandhom kitba, ħafna sorsi storiċi, inklużi dawk l-aktar antiki, huma bbażati fuq tradizzjonijiet orali.

## 1.1 Il-bidu tat-tradizzjoni orali

It-tradizzjoni orali minn dejjem kienet preżenti f'ħafna pajjiżi differenti. B'mod partikolari, meta l-kitba kienet għadha ma teżistix. Dan il-perjodu kien jinkludi letteratura orali jew kif isejħulha ħafna 'arti verbali'. Mifsud Chircop (2003) jgħid li 'arti verbali' ma tiħux inkonsiderazzjoni l-kelma biss, iżda wkoll il-mod li bih jitwassal id-

diskors. Dan jinkludi l-parteċipazzjoni tal-udjenza, interpretazzjonijiet differenti, ir-rabta ta' bejn dak li jkun qed jitqal u l-kuntest, kif ukoll ir-rabta mar-realtà, fost affarijiet oħra.

Fost id-diversi tipi ta' sorsi storiċi, it-tradizzjonijiet orali jokkupaw post speċjali. Huma użati kontinwament mhux biss bħala l-aktar sorsi importanti għall-istorja tal-popli qabel żviluppaw il-kitba, imma wkoll bħala l-pedament ta' ħafna sorsi miktuba wkoll, speċjalment dawk tal-antikità klassikali u l-bidu tal-Medju Evu (Wilson, 2015).

Għalhekk, għal Wilson (2015), it-tradizzjoni orali mhijiex biss is-sorsi tal-istorja imma hija wkoll storja ta' lingwa, kultura, soċjetà u tradizzjoni. Wilson (2015), ikompli jżid li kull persuna litterata jew illitterata għandha ċerta tip ta' prattika "orali". Nnyagu (2017), jirreferi għal din it-tip ta' letteratura bħala forma ta' arti verbali li tiġi mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra bil-fomm, minflok tkun miktuba. Għal dawk illitterati, il-komunikazzjoni orali ssir kruċjali għaliex il-komunità litterata tuża l-kitba biex tgħaddi l-ideat, it-twemmin u l-valuri tagħhom, u tinnegozja permezz tar-relazzjonijiet soċjali. Għalhekk, dan huwa mezz primarju ta' komunikazzjoni u prattika tal-ħajja ta' kuljum. In-nies jistgħu jiftakru u jittrażmettu ħafna tradizzjonijiet orali, li għandhom jew li huma semgħu mill-antenati tagħhom, irrispettivament jekk għandhomx prattika ta' kif jiktbu jew le. Mingħajr tradizzjonijiet orali, ftit li xejn ikun magħruf dwar il-passat ta' partijiet kbar tad-dinja għaliex dawn mhumiex biss sorsi tal-passat, iżda l-istorja tal-passat li tagħti l-interpretazzjoni ta' kif in-nies interpretawha.

## 1.2 Il-ħaġa moħġaġa bħala fergħa mit-tradizzjoni orali

It-tradizzjoni orali hija wirt missirijietna u ommijietna f'forma ta' komunikazzjoni li tiġbor fiha l-għarfien, l-ideat, il-valuri u l-kultura tal-poplu li għaddieha minn ġenerazzjoni għall-oħra, bl-istess mod jew b'xi varjanti. Il-ħaġa moħġaġa hija parti mit-tradizzjoni orali. Il-ħwejjeġ moħġaġa jidhru b'modi mhux mistennija, u l-abbundanza tagħhom tal-forom u l-użi juru l-versatilità, il-flessibilità u l-utilità tal-ilsien. Jiddependu wkoll minn użi sorprendenti ta' għarfien komuni. Il-folklorist Amerikan Abrams (2005) jiddeskrivihom bħala mill-ħafna "traditional forms oflicensed aggression; since the aim of the riddler is to confuse the listener by giving hints that point to the right answer only in hindsight" (p.30). Il-ħwejjeġ moħġaġa ta' spiss ikollhom ħjiel li jservu biss biex iħawdu l-udjenza u joskuraw is-soluzzjoni. Tabella 1 turi l-istrutturi differenti li jeżistu fil-ħaġa moħġaġa.

Tabella 1: L-istruttura tal-ħaġa moħġaġa

| Tip ta' struttura | Karatterisitiċi ewlenin |
|---|---|
| **1) Struttura sempliċi** | L-iktar elementi sinifikanti tal-istruttura jidhru li huma l-premessi varjabbli; il-varjabbli moħbija huma konsistenti u awtomatikament huma magħrufa li huma veru wkoll tat-terminu mogħti. Il-varjabbli mogħtija huma l-indikaturi biex tinqata' t-tweġiba. |
| **2) Struttura komposta** | Il-konsistenza hija impliċità u ma tissemmiex b'mod dirett. F'din l-istruttura komposta, il-konnessjoni tista' titqies metonimika; kelma miktuba hi għalhekk marbuta mill-qrib ma' kelma oħra li mhix imsemmija. |
| **3) Ir-riversabilità fil-ħaġa moħġaġa** | Il-metafora l-ġdida hi l-maqlub tal-metafora oriġinali: "A=B" twassal għal "B=A". Din ir-riversabilità tidher ukoll fil-ġens li l-ħaġa moħġaġa tidher li tkun qed titkellem dwaru imma mbagħad jirriżulta bil-maqlub. Eżempju:<br>*Paljett fuq paljett*<br>*U paljett mhix.* (Kaboċċa)<br>'Paljett' hu ta' ġens maskil u 'kaboċċa' hi ta' ġens femminili. |

Maranda (1971) iddistingwiet bejn varjetà ta' strutturi tal-ħaġa moħġaġa. L-istrutturi jidhru li huma ta' gradi differenti ta' kumplessità. L-istruttura sempliċi għandhom biss terminu wieħed, premessa vera waħda, premessa falza u tweġiba waħda tajba. Jekk xi wieħed minn dawn il-komponenti jiġi mmultiplikat, tkun ħaġa moħġaġa komposta. Struttura oħra hija bbażata fuq ir-riversabilità li teżisti fil-ħwejjeġ moħġaġa. F'Tabella 2 jidhru l-għamliet differenti tal-ħaġa moħġaġa.

| L-għamla | L-eżempji |
|---|---|
| 1) Magħmula minn sentenza waħda | *Tħossha u ma tarahiex.* – (Ir-riħ) |
| 2) Magħmula minn żewġ versi | *Filgħodu nużawhom,*<br>*Filgħaxija nneħuhom.* – (Snien foloz) |
| 3) Fiha tliet, erba' versi, u iktar | *Nidħol minn toqba,*<br>*Noħroġ minn tnejn*<br>*U nibqa' ġo fiha.* – (Qalziet) |
| 4) Tirrima | *Ommi kellha tarbija,*<br>*La kienet oħti*<br>*U lanqas ħija.* – (Jien) |
| 5) Bla rima | *Ħafna rġiel jiġru wara xulxin,*<br>*U wieħed ma jilħaqx l-ieħor.* – (Rota) |
| 6) Il-bidu formolarju u t-tmiem formolarju | *Hawn ħaġa:*<br>*Tidħol f'kollox.*<br>*X'inhija?* – (L-isem) |
| 7) Tingħad fl-ewwel persuna | *Twelidt aħdar u aħdar kbirt,*<br>*Għaddejt qalb ix-xewk u l-imsiemer,*<br>*U mis-slaten tant jien stmat.* – (Biċċa għażel) |
| 8) Tingħad fit-tieni persuna | *Tagħlaq minn fejn tagħlaq*<br>*Dejjem tilħwek u ssibek.* – (Il-mewt) |
| 9) Tinkludi ambigwità lessikali | *Meta tiekol issib 'il seħbitha* – (Ġewża) |
| 10) Ikollha ambigwità strutturali | *Taqa' minn fuq sur*<br>*U qatt ma tkorri.* – (Tibna) |

Tabella 2: L-għamla tal-ħaġa moħġaġa

Minn tabella 2, jidher biċ-ċar li l-ħwejjeġ moħġaġa jista' jkollhom għamliet differenti: għadd ta' versi jvarja; tip ta' versi differenti, ir-rima jew bla rima; dawk ta' bla rima; u l-mod kif tiġi indirizzata jekk hux bl-użu tat-tielet persuna jew bl-ewwel persuna. L-amigwitajiet u interpretazzjonijiet varji jiġu implimentati fil-ħaġa moħġaġa sabiex tkun diffiċli iżjed biex tinqata' r-risposta. L-ambigwità lessikali fl-eżempju tal-ħaġa moħġaġa hija fuq il-kelma 'ġewża'. Din qiegħda tirreferi għall-parti mill-gerżuma li tissejjaħ il-ġewża. Għalhekk meta tiekol ġewża jew kull ħaġa oħra, trid tmiss mal-ġewża, li hawn tissejjaħ seħbitha (Cassar Pullicino, 2003: 53). L-ambigwità strutturali tidher permezz tal-mekkaniżmu tal-kontradizzjoni. Dak li jingħad ma jagħmilx sens għaliex jidher għall-kuntrarju ta' dak li jkun, għalhekk il-ħwejjeġ moħġaġa jidhru strambi għall-aħħar. Fl-eżempju jidher li xi ħaġa li taqa' minn fuq sur qatt ma tkorri li din permezz tal-kontradizzjoni tidher impossibbli.

Il-ħaġa moħġaġa hi magħmula minn sensiela ta' kliem u versi ta' qisien differenti u tkun imnebbħa minn bnedmin, oġġetti fil-ħolqien u mill-ħajja ta' kuljum li t-tweġiba ma tissemmiex direttament għaliex tkun magħmula b'għaqal kbir minħabba l-implikazzjoni ta' iktar minn ħaġa waħda.

## 1.3 L-element umoristiku fil-ħaġa moħġaġa

L-umoriżmu hu "that quality of action, speech, or writing which excites amusement; oddity, jocularity, facetiousness, comicality, fun" (Martin, 2007: 5). L-umoriżmu jidher ukoll fil-kuntest pedagoġiku. Berk u Nanda (1998), Wanzer u Frymier (1999) juru li li l-umoriżmu jippromovi sens ta' konnessjoni bejn l-għalliem u l-istudenti, inaqqas l-ansjetà, iżid it-tgawdija u l-interess fil-klassi.

Dan joffri wkoll attitudni pożittiva li tagħmel bosta ġid fit-tiswir tal-psikoloġija infantili. Għal Romero u Cruthirds (2006), l-umoriżmu hu komunikazzjoni divertenti li tipprovdi emozzjonijiet u perċezzjonijiet pożittivi lil kulħadd.

Il-ħwejjeġ moħġaġa huma kitbiet qosra magħmula minn versi ta' qisien differenti li jinkludu s-sorpriżi, il-moħba tal-ħsieb u l-għerf popolari. F'din il-logħba bil-kliem ikollok xi skambju umoristiku ta' kliem. Dan iseħħ meta kelma ġġorr iżjed minn tifsira waħda u li dan it-tifsir għandu xebh fil-ħoss u b'hekk joħloq sens ta' umoriżmu permezz tat-teknika tal-paronomasja. Din tħaddan fiha l-logħob bit-tifsir u b'hekk dan joħloq is-sens ta' umoriżmu. Din il-logħba bil-kliem ma ssemmiex direttament it-tweġiba għaliex tkun magħmula b'għaqal kbir minħabba l-implikazzjoni ta' iktar minn ħaġa waħda. Dan jirnexxilu jħawwad lil min ikun qiegħed jipprova jaqtagħha. Il-metafori, l-interpretazzjonijiet varji semantiċi u l-kontradizzjonijiet jagħmluha diffiċli sabiex tinqata' r-risposta. Bil-kontradizzjoni, dak li jingħad jispiċċa ma jagħmilx sens għaliex jidher għall-kuntrarju. Hawn Malta, bħal pajjiżi oħra, jiġri li min jagħmel il-mistoqsija, biex iqarraq kemm jista' jkun bl-oħrajn, aktarx jinqeda bid-doppju sens. L-iktar ħwejjeġ sempliċi jidhru maħmuġin għall-aħħar u għalhekk il-kuntest innifsu ikun umoristiku.

### *1.3.1 Il-paronomasja fil-ħaġa moħġaġa*

*Mingħajrha ma tgħaddix* – (Ħadida tal-mogħdija)

(Meħuda minn Cassar Pullicino, 2003: 35)

Il-logħba qiegħda fuq il-kelma 'tgħaddi' li din għandha tifsira doppja. Tista' tfisser "tgħaddi l-ħwejjeġ", u għalhekk bla ħadida ma tgħaddix. F'sens ieħor din tfisser meta għandek xi ħaġa importanti li ma timmaġinakx mingħajrha. Għalhekk insibu dan l-umoriżmu jseħħ minħabba lużu lessikali ta' tifsir doppju permezz tal-paronomasja.

Brun u Kiddon (2011) juru li 'double-entedre', bil-Malti, 'id-doppju sens', huwa espressjoni li tista' tinftiehem b'żewġ modi differenti. Espressjoni tista' tinftiehem b'mod innoċenti, sempliċi u li fih mogħti l-kuntest, u b'mod indirettament li jirreferi għal kuntest differenti. Il-paronomasja hi teknika li hija iktar magħrufa bħala 'pun'. Friggieri (2010) jiddefinixxiha bħala "l-effett tal-għażla ta' kelma li għandha żewġ tifsiriet differenti, jew tal-għażla ta' żewġ kelmiet li jixxiebhu fit-tifsira iżda jinkitbu b'mod differenti u jinstemgħu l-istess" (p. 551). Għalhekk dan joħloq is-sens ta' umoriżmu.

Il-paronomasja hija wkoll l-eqdem sura ta' logħob bil-kliem. Xi eżempji mit-tradizzjoni orali lokali nistgħu nsemmu dawk li Cassar Pullicino (2003: 83) jsejħilhom 'mistoqsija tal-ħsieb' u li fihom l-element tal-'punning'. Pereżempju: "Għaliex meta tfajla jkollha erbatax-il sena tgħid kemm hi nadifa?"– (Għax tkun imfarfra) / "Liema kunjom Malti tista' tużah għall-kejkijiet?" – (Sultana)

### *1.3.2 Il-metafora fil-ħaġa moħġaġa*

*Ma tistax iżżommha*
*Iktar minn minuta*
*Għalkemm ħafifa iktar minn rixa.* – (Nifs)

F'din il-ħaġa moħġaġa, naraw li nassoċjaw ir-rixa bħal xi ħaġa ħafifa, però l-implikazzjoni hawn qiegħda fuq 'in-nifs', li b'hekk ħolqot tifsira ġdida.

### *1.3.3 Il-kontradizzjoni fil-ħaġa moħġaġa*

*Aktar ma tixxotta,*
*Aktar tixxarrab.* – (Xuguman)
(Meħuda minn Cassar Pullicino, 2003: 43)

Hawnhekk naraw li dak li jintqal fl-ewwel vers, jidher bil-maqlub fit-tieni vers. Dawn il-ħwejjeġ moħġaġa jidhru strambi għall-aħħar u huma dawn il-mekkaniżmi li jagħmlu l-ħwejjeġ moħġaġa iktar interessanti u eċitanti sabiex tinstab it-tweġiba moħbija.

### *1.3.4 Id-doppju sens fil-ħaġa moħġaġa*

Saqajk bejn saqajha,
U jdejk fuq wiċċha. – (Mejda)

Min jgħid din it-tip ta' ħaġa moħġaġa jaqbad l-iktar ħwejjeġ sempliċi u permezz tad-doppju sens, jagħtihom libsa vulgari, dehra moralment mhux xierqa, bħall-eżempju t'hawn fuq.

## 1.4 It-tradizzjoni orali fil-klassi: Ħarsa kritika lejn xi riċerka lokali

Il-poplu jgħix kontinwament fin-narrazzjoni meqjusa bħala mezz ta' komunikazzjoni vitali fil-ħajja ta' kuljum (Mifsud Chircop, 2003: 77). Ġeneralment waqt l-interazzjoni bejn l-għalliema jew saħansitra ma' studenti oħra, waqt it-taħdit jispikkaw xi elementi tat-tradizzjoni orali.

L-ewwel u qabel kollox iċ-ċajt. Fi Grech u Rapa (1999), jidher każ fejn l-istudenti bdew iwieġbu bi traskuraġni u l-għalliema qaltilhom: "Toqogħdux ittellgħu t-tombla! Illum vera ser titla' t-tombla!" F'ċirkostanzi oħra, dan l-element ta' ċajt intuża metal-għalliema iddeskriviet arloġġ: "Żaqqu bħal ta' Father Christmas... kemm hu boċċu!" (Grech u Rapa, 1999: 38-39).

L-idjomi jintużaw ta' spiss fit-taħdit ta' kuljum. Sa minn ċkunithom, it-tfal jibdew jisimgħu dawn l-espressjonijiet idjomatiċi u jassimilaw l-użu tagħhom ma' ċirkustanzi u sitwazzjonijiet partikolari li fihom jintużaw. Dawk l-idjomi meqjusa ħfief u jintużaw ta' sikwit ikunu aktar faċli li jitgħallmuhom malajr, anke tfal ta' età żgħira. Vella (2013) użat kampjun ta' sena waħda u ħolqot riżorsi – preżentazzjonijiet, stampi, animazzjonijiet u karti tat-taħriġ vivaċi – skont il-ħames temi li jiġu mgħallma fl-iskejjel tas-sekondarja: il-kuluri; l-annimali; il-partijiet tal-ġisem; l-ikel u x-xorb; u l-ħin u ż-żmien.

Il-ġeneru tal-qwiel fit-tagħlim ġie mistħarreġ minn Cilia u Xuereb (2001). Fl-istudju tagħhom huma ffukaw fuq it-televixin bħala sors ewlieni għat-tagħlim tal-qwiel Maltin waqt programmi varji u ta' interess għall-istudenti.

Mifsud-Chircop (2003) juri li l-leġġenda se tgħallem, tagħti pjaċir u kif ukoll se twissi, filwaqt li tnaqqas mit-tensjoni li jħoss il-bniedem f'ħajtu wkoll. Snin wara, Attard (2012) stħarrġet kif xi leġġendi Maltin jistgħu jintużaw b'effettività fit-tagħlim tal-Esperjenza Letterarja ma' studenti tal-iskejjel Sekondarji. Hija rnexxielha tfassal għadd ta' pjanijiet tal-lezzjoni innovattivi u riżorsi kreattivi għal magħhom, bil-għan li tikxef il-potenzjal pedagoġiku ta' dan il-ġeneru. Fl-aħħar, uħud minn dawn il-lezzjonijiet wettqithom fi klassijiet tat-tielet sena tal-iskola sekondarja u mogħtija lil xi għalliema tal-Malti għall-*feedback* tagħhom. Mill-evalwazzjoni skopriet li din l-idea intlaqgħet b'mod tajjeb mill-istudenti u mill-għalliema, u li t-tnejn jemmnu li l-leġġendi Maltin għandhom potenzjal qawwi u sod fil-klassi tal-Esperjenza Letterarja.

Studju ieħor ibbażat fuq il-ġeneru tal-leġġendi kien dak ta' Busuttil (2016) li matulu ppreżentat proposta mifruxa fuq għadd ta' lezzjonijiet b'attivitajiet innovattivi, bil-għan li jissensibilizzaw lit-tfal li huma fl-iskejjel tal-Primarja għal aspetti tematiċi u stilistiċi tal-leġġendi tradizzjonali Maltin. Dawn jidhru li ntlaqgħu tajjeb mit-tfal u li għenu wkoll fit-tisħiħ tal-ħiliet tal-lingwa.

Grech (2014) stħarrġet kif il-ħrejjef tradizzjonali Maltin, minbarra li huma letteratura pjaċevoli għall-etajiet kollha, għandhom sehem kruċjali fit-tagħlim tal-ħiliet tal-lingwa. Barra minn hekk, il-ħrejjef jistgħu jintużaw ma' tfal żgħar biex jitgħallmu dwar l-istruttura tar-rakkont waqt li jitgħallmu dwar il-binja jew il-grammatika ta' rakkont, filwaqt li jitgħallmu dwar il-valuri umani rilevanti għall-ħajja tal-lum. Biex tevalwa din il-proposta, hija wettqet erba' lezzjonijiet ma' studenti tal-primarja u minn dan l-istudju żgħir deher ċar kemm il-ħrejjef huma utli biex jintlaħqu l-għanijiet għat-tagħlim tal-Malti.

Minn din il-ħarsa ħafifa, l-għalliema għandhom jiġu mħeġġin japprezzaw aktar il-wirt kulturali Malti u jwassluh lill-istudenti tagħhom bi kreattività. Ngħidu aħna dan l-aspett hu implimentat direttament fil-Kurrikulu Ingliż, fejn l-għalliema għandhom iħeġġu lill-istudenti jsiru iżjed familjari ma': "...myths, legends and traditional stories, modern fiction, fiction from our literary heritage, and books from other cultures and traditions" (Department for Education, 2013: 44).

## 1.5 Il-ħaġa moħġaġa u l-Malti

Fortunatament, din il-fergħa mit-tradizzjoni orali għadha tidher u tintuża fil-kuntest Malti permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' kotba, siti elettroniċi, logħob elettroniku u paġni mill-*Facebook*.

### *1.5.1 Xi ġabriet ewlenin tal-ħaġa moħġaġa bil-Malti*

L-ewwel u qabel kollox, il-ġabra ta' ħaġa moħġaġa li tidher fil-ktieb *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor* ta' Ġużè Cassar Pullicino nġabret żmien ilu mill-folklorista ewlieni Cassar Pullicino u ħariġha f'erba' taqsimiet jew kotba żgħar fis-sensiela *Il-Folklore (sic) ta' Malta u Għawdex*. Fix-xogħol tiegħu huwa ġabar diversi ħwejjeġ moħġaġa minn fomm il-poplu u niżżel ukoll xi varjanti minn postijiet differenti kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. Fih jinsabu 187 ħwejjeġ moħġaġa, b'137 varjanti. L-edizzjoni riveduta u mkabbra saret fl-2003 minn Mifsud u Vella, u illustrazzjonijiet ta' Marisa Attard. Dawn joffru ġabra sħiħa maqsuma skont is-

suġġett. Huma joffru wkoll ftit informazzjoni dwar x'inhi l-ħaġa moħġaġa, l-importanzali kellha fiż-żminijiet antiki, elementi li li minnhom tissawwar u fuq liema materjal tinbena.

Lanfranco għandu bosta xogħlijiet fuq l-istorja u l-folklor Malti. Xogħol tiegħu li jiffoka fuq il-logħob tradizzjonali Malti u diversi tipi ta' logħob bil-kliem hu *Logħob, Taqbil u Ġugarelli tat-Tfal Maltin (Sa Nofs is-Seklu XX).* F'dan il-ktieb insibu taqsima dwar il-ħaġa moħġaġa, li fiha jagħti 54 ħaġa moħġaġa. Fl-2017, Lanfranco ħareġ xogħol ieħor jismu *Minn Fomm il-Poplu*. Dan il-ktieb għandu valur kbir għaliex jiġbor fih għadd ta' drawwiet u tradizzjonijiet li sawru l-poplu Malti matul is-sekli. Dawn kienu rrakkontati minn fomm il-poplu stess, jew aħjar mill-għadd ta' semmiegħa tar-radju li ħassew li kellhom jaqsmu dawn l-esperjenzi. Kien il-poplu li 'kiteb' dan il-ktieb. Ma setax jonqos, li f'dan ix-xogħol tidher taqsima dwar il-ħaġa moħġaġa.

## 1.5.2 Il-kotba tal-primarja u l-ħaġa moħġaġa

Il-ħaġa moħġaġa tintuża fis-snin tal-primarja fil-ktieb *Stilel 1* miktub minn Clare Azzopardi u Trevor Żahra (2004). L-għan ta' dawn il-kotba huwa li t-tagħlim jiġi ppreżentat f'forma ta' logħba, biex it-tfal jitgħallmu waqt li jieħdu gost. Din is-sensiela tħeġġeġ il-kreattività tat-tfal u tixpruna lill-għalliema jużawhom bħala l-punt tat-tluq għal xogħol usa'.



ĦAĠA MOĦĠAĠA...

Qabbel

Bla saqajn u jasal,
Bla ġwienaħ u jtir,
Biex itir jew jimxi
Inti trid ittih tir.

B'żewġ widnejn
U ma tisma' xejn.

Kannestru bil-lanġas
Wiċċu 'l isfel ma jaqax.

Taħdem lejl u nhar
U bix-xogħol tagħha
Tħammeġ id-dar.

Bilwieqfa lejl u nhar
U siġġu għalija
m'hemmx id-dar.

Wieġeb fuq il-pitazz.

Stoqsi lil xi ħadd jgħidlek ħaġa moħġaġa u iktibha fuq il-pitazz.

80

Stampa 1: Paġna 80 meħuda minn *Stilel 1*

Barra minn hekk, il-ktejjeb *Ħaġa Moħġaġa* miktuba minn Azzopardi u Portelli (2016) jagħmel **parti mis-sensiela għall-qari bil-Malti mfassla tematikament "Tikka" għall-Malti fil-Primarja**. Is-sensiela kollha hi miġbura f'livelli differenti, ilkoll gradati skont kriterji ċari u utli. F'dan il-ktieb insibu ħwejjeġ moħġaġa marbuta mal-annimali, iżda t-tweġiba tkun f'forma ta' stampa fil-paġna ta' wara. Xi ħaġa interessanti hija li mat-tweġiba, Azzopardi u Portelli jipprovdu wkoll ftit fatti dwar l-annimal speċifiku li jkun it-tweġiba tal-ħaġa moħġaġa ta' qabel (Ara stampa 2).







Stampa 2: Paġni 3 u 4 meħuda mill-ktejjeb *Ħaġa Moħġaġa*

### *1.5.3 It-teknoloġija u l-ħaġa moħġaġa*

Bis-saħħa tat-teknoloġija, illum insibu diversi siti u paġni ta' *Facebook* li jinkludu l-ħaġa moħġaġa. Ngħidu aħna, is-sit elettroniku 'Leħħ il-Malti'. Wieħed isib folji elettroniċi maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fil-Kulleġġ San Injazju mimlija b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija. Dan is-sit għandu l-għan li l-lingwa Maltija tingħata l-valur li jistħoqqilha speċjalment mill-Maltin li jużawha kontinwament. Parti mill-paġna fuq Facebook 'Kelma Kelma' ta' Spagnol hija ddedikata għall-ħaġa moħġaġa.

Inizzjattiva oħra hija l-logħba teknoloġika tal-ħaġa moħġaġa. Fiha hemm ʾil fuq minn 800 ħwejjeġ moħġaġa li wieħed jista' jaqta'. Permezz tal-midja soċjali, fit-28 t'Ottubru tal-2017 kelli l-opportunità li nkun mistiedna fuq il-programm tar-radju Seħer il-Malti fuq Radju Malta, ippreżentat minn Mifsud. Dakinhar, it-tema kienet ibbażata fuq il-ħaġa moħġaġa u b'hekk kelli l-opportunità li nitkellem dwar it-teżina tiegħi, spjegajt x'inhi l-ħaġa moħġaġa u l-elementi li fiha. Kelli wkoll rispons tajjeb mingħand is-semmiegħa għaliex ċemplu u għaddewli xi ħwejjeġ moħġaġa li baqgħu jiftakru huma.

Il-programm tat-televiżjoni 'Mitkellma' hu programm ta' ftit sekondi li permezz tiegħu se ssir taf kif jitkellem il-Malti u l-Għawdxi. F'madwar mitt sekonda jesplora l-Malti mitkellem bl-aktar mod ikkulurit. Fi programm minnhom kien hemm il-preżentattriċi magħrufa Agius Ordway li tkellmet fuq il-ħaġa moħġaġa u pprovdiet tifsira u xi eżempji differenti ukoll. Dan kien filmat qasir u interessanti fl-istess waqt li jerġa' jqajjem it-tradizzjoni orali biex b'hekk ma tintesiex fil-kuntest lokali. Illum it-

teknoloġija avvanzat u b'hekk tajjeb li wieħed joħloq inizjattivi żgħar sabiex il-ħaġa moħġaġa tibqa' tintiret u tibqa' fuq fomm il-poplu biex ma tintesiex.

## 1.6 L-għażla u r-relevanza tal-ħaġa moħġaġa fit-tagħlim

L-ewwel raġuni għaliex għażilt il-ħaġa moħġaġa hija għaliex, dan kien is-suġġett li jien ibbażajt fuqu fit-teżina tal-Baċellerat tal-Arti (Unuri) fil-Malti. Wara l-ġabra u l-analiżi li għamilt u stħarriġt, ħassejt li dan jista' jgħinni sabiex nibqa' nibni fuq dan is-suġġett. Ħassejt li jkun ġeneru interessanti ħafna għaliex il-ħaġa moħġaġa taqa' taħt il-fergħa tal-logħba bil-kliem u b'hekk din tista' tkun ta' suċċess fit-tagħlim tal-Malti u kif ukoll fost l-istudenti.

Asimeng-Boahene u Baffoe (2014) jagħrfu li l-użu tal-ħaġa moħġaġa, jista' jistimula l-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u t-twemmin li jistgħu jitgħallmu permezz ta' proċess interattiv. Għalkemm il-ħaġa moħġaġa isservi bħala sors ta' divertiment, hija għandha valur edukattiv. Minbarra li turi r-rikkezza tal-lingwa, din tqanqal lin-nies biex jimmanipulaw u jinsġu vokabularju f'forma kumplessa, b'mod divertenti. Tgħin ukoll fl-iżvilupp ta' ħsieb kritiku, peress li wieħed irid jaħseb sewwa billi jagħmel assoċjazzjonijiet u paraguni qabel ma wieħed jasal għat-tweġiba.

Thiyagu (2012) għamel riċerka dwar l-użu tal-ħwejjeġ moħġaġa fit-tagħlim tal-Matematika. Is-suġġett tal-Matematika huwa meqjus bħala suġġett li xejn mhu interessanti għall-istudenti u r-riżultat kien li l-użu tal-ħwejjeġ moħġaġa kellhom riżultat effettiv ħafna. Il-ħwejjeġ moħġaġa ġew użati biex joħolqu ambjent ta' tagħlim

matematiku sinifikanti fejn it-tagħlim jiġi mrawwem u sostnut. Dawn huma metodi ta' tagħlim tal-Matematika meta jintużaw flimkien mal-proċess tat-tagħlim. Dan għaliex ġew ikkreati numru ta' attivitajiet f'forma ta' logħob u tħabbil il-moħħ li għamlu l-lezzjonijiet iktar interessanti u li qajmu interess fost l-istudenti. Barra minn hekk, dawn għenu lill-istudenti biex jiżviluppaw il-ħila tagħhom fil-ħsieb sabiex jilħqu s-soluzzjoni u żied iżjed l-interess u l-attitudni tagħhom lejn it-tagħlim tal-Matematika.

Frost (2009) juri kif il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jipprovdu mod divertenti għall-istudenti biex jidentifikaw kliem ġdid. Dan huwa ta' ġid għaliex b'hekk jitgħallmu vokabularju ġdid. Fi kliem ieħor, l-istudenti jistgħu jilagħbu bil-lingwa biex jagħmluhom attivi fil-proċess tat-tagħlim.

## 1.7 Kif it-tradizzjoni orali tiġi mgħallma?

Mal-mogħdija taż-żmien iżjed qiegħda tinħass il-ħtieġa li l-istudenti jirrealizzaw li s-suġġetti huma lkoll relatati ma' xulxin, f'kuntesti differenti li jirriflettu l-ħajja ta' kuljum, permezz ta' tagħlim tematiku u anke tagħlim integrat. Fil-proċess tat-tagħlim tematiku, elementi differenti tal-kurrikulu jiġu esplorati f'aspetti differenti permezz tar-relazzjonijiet bejn l-istudenti, l-għalliema u l-ambjent tal-klassi.

Doherty (1990) tfakkarna l-lingwa primarja tal-istudenti hija dik orali u mhux miktuba. Blawkhawk (1990) jgħid li t-tħaddim tal-istorja u t-tradizzjoni orali għenet fit-tagħlim b'modi differenti. Sabiex idaħħal l-element tat-tradizzjoni orali fit-tagħlim, kien jistieden qarrejja professjonali bħala mistednin jew anke l-awturi nfushom. Mod ieħor kien ikun billi juża awdjo u vidjows, jew billi jgħid stejjer li tgħallem huwa stess b'mod

orali, biex b'hekk jintroduċi t-tradizzjoni orali fil-klassi tiegħu. Huwa jħeġġeġ ukoll lill-istudenti biex jaqraw minn diversi kollezzjonijiet ta' folklor, filwaqt li hu jiġbor u jaqsam poeżiji li huma bbażati fuq miti u leġġendi.

Għal Kotian et al. (2016), it-tagħlim integrat għandu l-għan li jaqdi l-bżonnijiet tal-istudenti u jagħmel is-suġġetti iżjed ċari u li jinftiehmu. Dan l-orjentament induttiv huwa aktar indirett, iżda jista' jkun effettiv ħafna minħabba li l-istudenti jinteraġixxu mal-kontenut. L-istrateġiji induttivi, ħafna drabi jibdew b'attivitajiet esploratorji u jwasslu biex studenti jiskopru kunċetti ġodda (Burden & Byrd, 2010). B'attivitajiet xierqa fil-klassi, il-ħwejjeġ moħġaġa għandhom il-kapaċità li jwessgħu l-kunċetti u l-ideat fit-tfal.

## 1.8 Konklużjoni

Permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa, in-nies jitgħallmu jkunu attenti għall-ambjent tagħhom u jinnutaw kif l-esperjenza tagħhom mal-ambjent għandha x'taqsam mal-karattru, l-oriġini, il-funzjoni, u oħrajn. Il-ħaġa moħġaġa toffri modi differenti tal-ħiliet ta' ħsieb kritiku li jagħmlu użu mill-partijiet u l-attributi umani, il-flora u l-fawna, l-artifatti kulturali u d-drawwiet. Li tifhem dawn il-modi differenti ta' ħsieb u perċezzjonijiet jipprovdu rabtiet bejn kulturi li jistgħu jgħinu lill-istudenti jakkwistaw għarfien globali. Barra minnnhekk, għalkemm joffru sors ta' divertiment, dawn joffru wkoll valur edukattiv.

# It-Tieni Kapitlu

# Ħoloq Kurrikulari b'Rabta mal-Ħaġa Moħġaġa

Il-kurrikulu, l-iskaluni u s-sillabu jistgħu jitqiesu bħala tliet mapep jew għodda li jgħinu lill-għalliema biex jaslu xi mkien. B'hekk, dawn jindikaw direzzjoni sabiex l-għalliema iwasslu lill-istudenti tagħhom lejn l-għan jew l-għanjiet aħħarija (Portelli u Camilleri Grima, 2002, p.43).

## 2.0 Il-kurrikulu

Il-kelma 'kurrikulu' hi meqjusa fuq skala usa' mill-iskaluni u mis-sillabu. Il-kurrikulu huwa dokument li jagħti orjentament lill-istudenti t'għada, jiġifieri, dak li l-istudenti mistennija jitgħallmu matul medda ta' żmien. Dan ifisser li l-kurrikulu jistabbilixxi b'mod uffiċjali x'jistħoqqilhom isiru jafu l-istudenti, meta l-aħjar li jsiru jafuh u b'liema modi jistgħu jsiru jafuh, ġaladarba qegħdin fis-sistema edukattiva. Dawn l-għanijiet għandhom jiġu amalgamati mal-esperjenzi personali tal-istudenti u jidhru fil-proċess tat-tagħlim (Tyler, 2011: 182). Kif issostni Kelly (2009), "the content of what we expect children to learn during their schooling is clearly a crucial element in curriculum planning" (p. 20), li jinkludi kemm il-kurrikulu pjanat u dak mistur. Għal Khwaja et.al (2014), il-kurrikulu mhuwiex biss il-kontenut magħżul u kif jiġi mgħallem, imma wkoll dawk l-attivitajiet ippjanati u dawk li mhux ippjanati li fihom l-individwi jipparteċipaw bħala studenti.

Fir-Renju Unit u f'postijiet oħra, saru ħafna bidliet importanti għall-aspetti kollha tas-sistema edukattiva. Fattur wieħed li kkaratterizza bidla fil-kurrikulu, fl-aħħar

parti tas-seklu li għadda kien l-ippjanar u t-tħejjija fl-iżvilupp tal-kurrikulu. Eżempju komuni ta' dan l-approċċ ibbażat fuq l-ippjanar tal-kurrikulu huwa dak li l-kurrikulu għandu jkun ikkonċernat biex jittrażmetti l-kultura tas-soċjetà (Kelly, 2009).

## 2.1 Il-Malti u l-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd (2012)*

Fl-2012, ħareġ id-dokument Il-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd.* Dan huwa qafas ħaj b'tali mod li jippermetti tibdiliet għal żviluppi ġodda waqt l-implimentazzjoni. Dan id-dokument għandu l-għan li jassigura li sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja l-istudenti jiksbu l-għerf, il-ħiliet u l-valuri meħtieġa biex jistimulawhom ħalli jqisu t-tagħlim tul il-ħajja bħala parti integrali. Progress kbir li sar f'dan il-kurrikulu huwa li jpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tal-attenzjoni, u jilħaq il-ħtiġijiet u l-abbiltajiet ta' kull student. Barra minn hekk, dan il-qafas se jbiddel l-iskejjel f'ċentri edukattivi moderni li fihom jista' jsir tagħlim attiv.

B'referenza għall-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012), wieħed isib referenza għal termini marbuta mal-kultura bħal multilingwiżmu, multikulturaliżmu, kompetenza interkulturali u diversità. F'dan il-qafas ingħatat ħarsa lejn l-importanza, mhux biss li l-istudenti jitgħallmu jirrispettaw u jxerrdu l-wirt u l-kultura Maltija, imma wkoll li jkunu konxji tal-kulturi l-oħra ta' madwarhom. Barra minn hekk, sa mill-Primarja, l-istudenti jridu jesperjenzaw il-kultura Maltija biex iħossu fihom sens ta' identità nazzjonali. F'dan il-qafas il-ġdid, ħassejt li l-kultura ngħatat iktar importanza minħabba d-diversità kulturali li dejjem qed tiżdied f'Malta. Madankollu, għalkemm il-kultura hi waħda mill-prinċipji ta' dan il-

qafas, xorta naħseb tista' ssir enfasi eżatt fuq għalxiex qed jirreferu bħala kultura u liema oqsma jsawruha.

### *2.1.1 Il-kreattività u l-innovazzjoni*

Il-kreattività u l-innovazzjoni huma żewġ mezzi li ddaħħlu fil-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd (2012). L-għan tagħhom kien għall-bidla u biex jikkontribwixxu għall-benesseri tal-individwu partikolari. Meta l-iskola taddotta din is-sistema, ikun hemm klima li tiffavorixxi l-kreattività, li hi sors importanti ta' flessibiltà, addattabiltà, u l-kapaċità għall-innovazzjoni. L-edukazzjoni għall-kreattività u innovazzjoni twassal għall-żvilupp fost ħafna fatturi fosthom: l-oriġinalità, ħsieb kritiku, komunikazzjoni effettiva u oħrajn.

## 2.2 L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2014)

L-għan ġenerali tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex (2014) huwa li xxerred u żżid il-prattiki tajbin tal-litteriżmu tul il-ħajja kollha u fl-oqsma differenti tagħha, fost diversi individwi ta' etajiet differenti. Din l-istrateġija nkitbet bil-għan li l-ħidma b'risq il-litteriżmu li diġà qiegħda ssir tagħti riżultati aħjar ħalli b'hekk it-tfal u ż-żgħażagħ jiksbu kwalifiki akkademiċi ogħla u jkollhom prospetti ta' xogħol aħjar. Fost xi objettivi li jistgħu jsiru fl-iskejjel Medji u Sekondarji wieħed isib l-iżvilupp ta' Politika fuq il-Litteriżmu mfassla mill-iskola u li bis-saħħa tagħha, kull skola tevalwa s-sitwazzjoni tal-litteriżmu u tfassal pjan ta' azzjoni mat-Tim tal-Litteriżmu.

## 2.3 Il-Malti u l-iskaluni

Għal żmien twil f'bosta suġġetti wieħed kien isib il-kurrikulu u s-sillabu biss. Imma l-ebda wieħed minn dawn ma joffri rabta biżżejjed, bejn l-għażla tal-kontenut ma' raġunijiet validi skont il-livell ta' għarfien tal-istudenti, l-eżerċizzji li jistgħu jagħmlu l-għalliema fil-klassi u kunċetti oħra.L-iskaluni kienu s-soluzzjoni għal dan kollu. Kien fl-2001 ġew żviluppati l-iskaluni tal-Malti fil-livell sekondarju editjati minn Camilleri Grima.

L-iskaluni huma forma ta' għanijiet li jridu jintlaħqu mill-istudenti fi tmiem għadd ta' lezzjonijiet u/jew programm sħiħ ta' tagħlim. Għalkemm is-sillabu u l-iskaluni huma marbutin flimkien, dawn għandhom funzjonijiet differenti. Is-sillabu huwa bbażat fuq il-kontenut filwaqt li l-iskaluni jistgħu jiġu ġġeneralizzati għas-sistema kollha, jew addattati għall-iskejjel jew klassijiet partikolari. Il-livelli jintrabtu mal-iżvilupp imtarraġ tal-kompetenza tal-istudent, f'dan il-każ tal-Malti.

Fi tqassim f'erba' livelli li jiġbru l-ħames snin tal-iskola medja u tas-sekondarja, l-iskaluni jistgħu jitqiesu bħala għodda importanti f'idejn l-għalliema tal-Malti, għax filwaqt li joffru mezz pedagoġiku speċifiku li l-għalliema jistgħu jagħmlu użu minnhom fil-klassi, jispjegaw x'għandhom ikunu jafu l-istudenti u sa fejn għandhom jaslu f'dak li hu l-kontenut tas-sillabu (Portelli u Camilleri Grima, 2002: 72). Permezz tal-iskaluni, il-Malti fl-iskejjel beda jingħata deskrizzjoni aktar sħiħa u bbilanċjata skont il-ħtiġijiet tal-istudenti għaliex bdew joffru ċ-ċans lill-istudenti jimxu skont il-pass tat-tagħlim tagħhom.

### *2.3.1 Il-Kisbiet tat-Tagħlim*

Marbutin mal-iskaluni, jeżistu il-kisbiet tat-tagħlim. Dawn il-kisbiet ġew introdotti fl-1991, iżda żviluppaw kontinwament maż-żmien. Ma kinux biss riveduti diversi drabi, iżda wkoll estiżi b'mod konsiderevoli. Matul is-snin, il-miri tal-kisbiet saru għodod li qed jintużaw għal numru akbar ta' skopijiet differenti fis-sistema edukattiva.

Il-kisba mit-tagħlim hija deskrizzjoni b'rabta ma' xogħol speċifiku li fih student huwa meqjus li rnexxa, u kull wieħed minnhom huwa marbut ma' wieħed jew aktar miri ta' kisba. Dawn huma miġbura f'komponenti differenti li huma intenzjonati biex jippreżentaw suġġetti u taqsimiet differenti fil-kurrikulu (Goldstein, 1991).

F'Malta, il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012), ippropona li l-għan ta' dawn il-kisbiet huwa li l-iskejjel u l-istudenti ma jibqgħux jiddependu fuq għarfien impost b'mod ċentrali bħal sillabi u jingħataw il-libertà biex jiżviluppaw programmi li jissodisfaw il-qafas tal-għarfien, tal-attitudnijiet u tal-kisbiet ibbażati fuq il-ħiliet. Dawn il-kisbiet huma għalhekk maħsubin biex iwasslu għal aktar awtonomija kurrikulari għall-kulleġġi u l-iskejjel u biex ikunu jistgħu jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet ta' tagħlim tal-istudenti tagħhom.

## 2.4 Is-sillabu

Is-sillabu għandu definizzjonijet varji, uħud ġenerali u oħrajn iktar speċifiċi. Breen (1984) jgħid li s-sillabu huwa "a plan of what is to be achieved through our teaching and our students learning" (p. 47).

Yalden (1984) tisħaq li l-istudent għandu jkollu sehem fit-tfassil tas-sillabu. Dan ifisser li s-sillabu għandu jkun imfassal mill-għalliema dwar li tagħraf l-abbiltajiet tal-istudenti fil-klassi, għax mhux kull individwu jista' jlaħħaq mal-istess ammont ta' xogħol. Għalhekk, Candlin (1984) u Breen (1984) huma kontra l-idea ta' sillabu fiss u ppjanat minn qabel li jimponi x'għandu jsir min-naħa tal-għalliema u l-istudenti.

### *2.4.1 It-tfassil tas-sillabu tal-Malti*

Is-sillabu jispjega fid-dettall x'għandu jsir f'suġġett partikolari. Jekk nieħdu s-sillabu tal-Malti, naraw li huwa maqsum f'oqsma u f'ħiliet differenti. F'kull waħda minnhom naraw pass pass x'għandu jiġi mgħoddi matul sena skolastika. Portelli u Camilleri Grima (2001) jisħqu dan meta jagħmlu differenza bejn il-kontenut ta' kurrikulu u sillabu:

> Filwaqt li l-kurrikulu mhux marbut ma' suġġett wieħed imma jmisshom kollha direttament jew indirettament mingħajr ma jidħol fil-fond fuq wieħed jew aktar minnhom, is-sillabu jista' jitqies bħala dak id-dokument li jħares fid-dettall lejn x'għandu jiġi mgħallem f'suġġett partikolari u joffri possibiltajiet lill-għalliema jadattaw skont il-ħtiġijiet tagħhom (p. 58).

It-tfassil ta' sillabu fuq bażi nazzjonali jsir minn bord ta' professjonisti. Il-bord tal-Matsec jaħtar rappreżentanti mis-setturi tal-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u dawk Indipendenti (Matsec, 2011). Dawn ir-rappreżentanti huma fid-dover li jġibu magħhom il-perspettivi tal-għalliema li jkunu qegħdin jgħallmu dak is-suġġett. L-għalliema u l-istudenti jkunu obbligati li jimxu ma' dan is-sillabu biex jilħqu l-għanijiet tal-eżami taċ-ĊES.

Sillabu li huwa mfassal għal skola waħda, jiġi mibni mill-għalliema tal-iskola partikolari. Dan jgħin ħafna għax is-sillabu jkun imfassal skont il-ħtiġijiet tal-iskola partikolari mingħajr pressjoni żejda minn awtorijtajiet esterni. Kelly (2009) jisħaq li pjanifikazzjoni u tfassil ta' sillabu fuq bażi ta' skola huwa kruċjali għax jagħti importanza lill-għalliema fil-proċess tat-tfassil tat-tagħlim. F'Malta l-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti jfasslu sillabu għalihom, u għalhekk mhumiex obbligati li jimxu mas-sillabu nazzjonali.

## 2.5 Għamliet differenti ta' sillabu

Is-sillabu jista' jiġi ppreżentat skont għamliet differenti, fejn l-għalliema għandhom ikunu midħla sew ta' dawn it-tipi ta' sillabu li jistgħu jitfasslu biex b'hekk jiżnu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi marbutin mal-kontenut magħżul. Portelli u Camilleri Grima (2002) jagħtu diversi tipi ta' dawn is-sillabi, li huma dawn li jinsabu f'Tabella 3.

| Għamla | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1) Sillabu forma ta' lista | • Dan jikkonsisti f'ġabra ta' kontenut imfellel f'partijiet ċkejknin li jridu jiġu mgħallma.<br>• Ħafna drabi jkun hemm għadd ta' kriterji li jiddeterminaw l-ordni, bħal-livelli ta' toqol tal-kontenut, l-urġenza skont il-ħtiġijiet tal-istudenti, il-preferenzi tal-iskola u l-esperjenza tal-għalliema. |
| 2) Sillabu forma ta' garżelli | • Dan is-sillabu jiftaħ l-informazzjoni skont titli ġenerali fejn jitniżżel il-kontenut. |
| 3) Sillabu msejjes fuq tema | • Fih l-affarijiet jidhru relatati flimkien għalkemm ikunu jidhru 'l bogħod minn xulxin, għalhekk il-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa jidhru bħala xi ħaġa sħiħa. |
| 4) Sillabu spirall | • Dan is-sillabu jimxi skont il-grad ta' diffikultà u l-kumplessità ta' element ta' kontenut partikolari. L-istudenti, f'dan it-tip ta sillabu, jimxu skont il-pass tagħhom. |
| 5) Sillabu f'forma ta' storja | • Huwa motivanti għax jimxi mal-proċess naturali ta' kif il-bniedem jifhem ir-realtà ta' madwaru u ta' ġewwa fih. Fih ukoll element ta' pjaċir għaliex jagħġen flimkien ħiliet u oqsma differenti tal-lingwa. |

Tabella 3: Għamliet differenti ta' sillabu

## 2.6 Ħarsa lejn it-tradizzjoni orali fid-dokumenti kurrikulari

Meta wieħed jistħarreġ il-preżenza tat-tradizzjoni orali fl-iskejjel tal-Medja u Sekondarja f'Malta, ma jistax ma jagħtix ħarsa lejn xi dokumenti kurrikulari lokali Xi punti prinċipali mid-dokumenti evalwati huma murija f'Tabella 4.

| Xi punti rigward it-tradizzjoni orali |
|---|
| • L-istudenti jitgħallmu jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti<br>• Matul is-snin tal-primarja, it-tfal għandhom jesperjenzaw il-wirt u r-rikezza nazzjonali u kulturali tagħhom.<br>• Fis-snin tas-sekondarja, l-oqsma diffrenti tat-tagħlim jipprovdu l-opportunitajiet biex l-istudenti jesperjanzaw il-wirt u l-kultura nazzjonali.<br>• Jgħin lill-istudenti biex jiżviluppaw l-għerf tal-letteratura u tat-tagħlim tagħha<br>• L-istudji tal-letteratura jgħinu biex iżidu l-apprezzament estetiku u l-espressjoni kreattiva. |

Tabella 4: Il-QKN (2012) u L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd (2014)

Jidher li fid-dokumenti hemm referenzi għall-kultura Maltija fosthom it-tradizzjoni orali. Hemm ukoll referenza għal-letteratura nnifisha. It-tagħlim tal-letteratura mhux biss utli u bżonnjuż biex l-istudenti jsiru iktar kreattivi, jaħsbu b'mod kritiku u japprezzaw il-letteratura iżda jgħinhom ukoll sabiex jitrawmu kulturalment. Barra minn hekk, it-tradizzjoni orali titlob ukoll il-ħiliet tat-taħdit u tas-smigħ. Kieku permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa, it-tfal jingħataw l-opportunità li jgħaddu xi wħud minnhom. Nemmen ukoll li permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa, l-istudenti jitħarrġu f'din il-ħila wkoll fejn tkabbar il-kapaċità li wieħed jifhem u kif ukoll li jżomm fil-memorja tiegħu.

| L-Iskaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja |
|---|
| *Skaluni tal-kultura*<br>• Il-kultura ssawwar il-ħajja tagħna ta' kuljum.<br>• Il-kultura fiha l-aspetti tal-folklor u t-tradizzjonijiet u kif ukoll il-ħajja tal-lum il-ġurnata.<br><br>*Skaluni partikolari*<br>• 1.1.4. Jiddistingwu bejn taħdit litterali, idjomatiku u metaforiku.<br>• 2.1.4. Iħaddmu l-memorja awditorja |

- 2.3.2. Huma u jisimgħu jorganizzaw l-informazzjoni f'noti mentali.
- 7.3.1. Janalizzaw u jevalwaw l-istrutturi rikorrenti f'testi letterarji skont ġeneri differenti.
- 8.1.1. Jibdew jistaqsu fuq il-kunċett ta' kultura mifhuma bħala realtà dinamika (aspetti varji tal-kultura: iir-reliġjon, l-ilsein, it-tradizzjonijiet, l-ilbies eċċ).
- 8.2.5. Jiġbru l-informazzjoni dwar l-ilsien Malti u l-importanza tiegħu fit-tiswir tal-kultura Maltija (L-istudenti jirriflettu l-lingwa tal-qwiel; il-leġġendi; it-tip ta' ċajt li jingħad bil-Malti eċċ).

Tabella 5: Għażla ta' skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja

Kif jidher f'tabella 5, l-iskaluni jagħtu firxa wiesgħa ta' kif jistgħu jiġu influssi l-ħwejjeġ moħġaġa. Dan jidher mill-iskaluni marbutin mal-ħiliet fosthom it-taħdit u s-smigħ u kif ukoll mal-oqsma tal-esperjenza letterarja u dik tal-kultura.

Fis-sillabu tal-Malti Akkademiku (2014) tal-ewwel sena fis-sekondarja jidher li bħala proġett kellhom fuq it-tema tal-leġġendi Maltin u kif ukoll fuq il-folklor Malti. Dawk tat-tieni sena fis-sekondarja, kellhom it-tema tal-ħrejjef Maltin. Għalkemm kien interessanti li l-istudenti jitgħallmu ftit xejriet tal-wirt u l-kultura Maltija, xorta naħseb li dan is-sillabu mhuwiex imfassal skont il-livell li l-istudenti jinsabu fih. Fil-fehma tiegħi, dawn iż-żewġ ġeneri jeħtieġu xi ftit iktar ħsieb u huma neqsin mill-element umoristiku, għaliex it-temi assoċjati mal-leġġendi huma bbażati fuq teżori li jsibu n-nies, il-qaddisin, iħirsa, spirti u kif ukoll fuq it-Torok li jġibu r-risq, it-tajjeb, il-ħażin jew il-faqar (Mifsud Chircop, 2003). Jien inħoss li ma' studenti tas-seba' livell għandu jiġi inkluż għaliex jinżel tajjeb ħafna magħhom.

Fis-sillabu l-ġdid tas-seba' u t-tmien livell li beda minn Settembru tal-2019: *Il-Programm tal-Metalingwa u tal-Letteratura* jidher li l-qasam tal-kultura m'għadux jidher f'dawn is-sillabi. Jien inħoss li huwa nuqqas kbir li l-istudenti ma jitgħallmux il-

kultura. Għalkemm għandhom sfond kulturali f'xi poeżiji fuq il-leġġendi u l-ħrejjef Maltin, xorta nħoss li l-kultura setgħet tibqa' inkorportata fis-sillabu tal-Malti. Kif jgħid Rodd (1996):

> While's culture's important role in shaping child rearing and family interaction is well understood, its effect on education opportunities is not always recognized (p.326).

B'hekk, l-edukaturi Maltin jiġu mħeġġin sabiex japprezzaw il-wirt kulturali u jwassluh lill-istudenti tagħhom kif ħafna drabi jiġri lil hinn minn xtutna. Buchoff (1996) turi li l-ħwejjeġ moħġaġa jidħlu sewwa sew fis-suġġett tal-Matematika. Dawn jgħinu biex iħaddmu l-moħħ u r-raġunijiet tagħhom u kif ukoll joffru xi aspetti umoristiċi sabiex is-suġġett jintlaqa' b'mod tajjeb. Barra minn hekk turi wkoll li l-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jiġu integrati b'mod effettiv fil-kurrikulu tal-kitba. L-għalliema jistgħu jipprovdu lill-istudenti opportunitajiet billi jaqsmu l-kampjuni tal-ħwejjeġ moħġaġa tagħhom li jkunu kitbu. Teknika informali biex jintwerew il-ħwejjeġ moħġaġa huwa permezz ta' ħajt bi graffiti fil-klassi magħmul mill-istudenti stess. L-istudenti għandhom jiġu mitluba jiktbu l-ħaġa moħġaġa u s-soluzzjoni tagħha fuq il-ħajt u jistgħu jinkludu wkoll xi illustrazzjoni fejn hu meħtieġ. Buchoff (1996) tgħallem korsijiet fl-Univeristà ta' Orlando u temmen li bil-ħwejjeġ moħġaġa jiżdiedu l-opportunitajiet biex tiffaċilità t-tagħlim tal-lingwa fil-kurrikulu.

## 2.7 Il-potenzjal tal-kultura u t-tradizzjoni orali fil-klassi tal-Malti

Zion u Kozleski (2005) jiddefinixxu l-kelma 'kultura' bħala "the system of shared beliefs, values, customs, behaviours, and artifacts that the members of society use to interact with their world and with another" (p. 3). Kif isostni Mifsud-Chircop (2003), "il-kultura mhix sistema rieqda u/jew statika fis-sens dejjaq tal-kelma" (p. 26). Bil-kontra ta' dan, l-aspetti kollha li jsawru l-kultura ta' pajjiż jistgħu jistħarrġu u jinbidlu b'modi u b'rati differenti. Ħafna drabi, aħna nassoċjaw il-kultura ma' tradizzjonijiet viżibbli, iżda din tmur lil hinn mill-aspett viżiv (Zion & Konzleski, 2005).

### *2.7.1 Il-ħwejjeġ moħġaġa x'għandhom x'joffru fil-qasam edukattiv u x'jista' jkun l-użu tagħhom fil-klassi?*

Skont Asimeng-Boahene u Baffoe (2014: 139):

> "even though riddles serve as a source of entertainment, they also have inherent educational value. Besides portraying the richness and depth of the language, riddles demonstrate how the people can manipulate and weave vocabulary into a complex, thought-provoking and entertaining form".

It-tweġiba titlob ħila biex timmanipula l-kliem u l-ideat fil-mistoqsija ta' din il-logħba bil-kliem li titlob risposta speċifika. Il-ħaġa moħġaġa tgħin ukoll fl-iżvilupp ta' ħsieb kritiku u laterali peress li wieħed irid jaħseb fil-fond u f'mod mhux mistenni billi jagħmel assoċjazzjonijiet u xebh qabel ma wieħed jsolviha (Asimeng-Boahene u Baffoe (2014).

Kif jidher biċ-ċar fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) jidher li għalkemm it-tradizzjonijiet orali fosthom il-ħwejjeġ moħġaġa huma parti mill-esperjenza letterarja li jgħinu lill-istudenti isiru iżjed kreattivi u tgħinhom biex jitrawmu wkoll kulturalment:

> Għat-tagħlim tal-lingwi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-kulturi ta' gruppi li mhumiex dominanti fis-soçjetà, u tħeġġeġ il-ħidma fi grupp u t-tagħlim kooperattiv f'kuntesti multikulturali, multi-etniku f'kuntesti diversi oħra. Tgħaqqad ukoll l-għerf tradizzjonali u lokali max-xjenza u t-teknoloġija avvanzati, u tagħti valur lill-prattika tal-multilingwiżmu. B'dan kollu tkun qed tħeġġeġ lill-istudenti biex jifhmu l-kwistjonijiet globali u tagħmilhom konxji mill-ħtieġa tagħhom li jgħixu ma' nies oħra b'kulturi u b'valuri differenti minn tagħhom (pp.38-39).

## 2.8 Kif il-ħwejjeġ moħġaġa b'aspetti umoristiċi jistgħu jiġu inkorporati fis-sillabu tal-Malti?

L-ewwel tip ta' metodu kif jiġu inkorporati t-tradizzjonijiet orali huwa permezz ta' kitba f'forma ta' proġett u riċerka. F'Foley (1998), William Bernard McCarthy li hu lettur jgħid li l-istudenti tiegħu jagħżlu tradizzjonijiet orali sabiex jirriċerkaw u jiktbu dwarhom, jippreparaw tip ta' portafoll sabiex jippreżentaw ir-riċerka tagħhom u kif ukoll il-kitbiet tagħhom.

Fil-passat, l-għalliema kienu meqjusa bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni mingħajr mal-istudenti jkollhom ebda rwol (Dewey, 2001: 22). Dan l-orjentament

tradizzjonali qiegħed jinbidel għal wieħed progressiv fejn l-istudenti jifformulaw it-tagħlim tagħhom filwaqt li l-għalliema sservi biss bħala gwida li tiffaċilita dan il-proċess (Dewey, 2001: 23-24).

B'metodi ġodda li jagħmlu l-lezzjonijiet interattivi, il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jiġu inkorporati fit-tagħlim tal-Malti, mhux biss fil-qasam tal-proġett iżda anke f'oqsma u ħiliet oħra tal-Malti. Xi wħud mill-metodi jistgħu jkunu b'mod integrat, b'mod tematiku, b'forma ta' logħba, b'mod kooperattiv, b'mod ta' skopertà li jdur ma' problema jew esplorattiv, b'mod ibbażat fuq proġett u kif ukoll permezz tal-ħiliet tal-istudenti. Iż-żewġ metodi li se nkun qiegħda nagħmel użu minnhom se jiġu spjegati fit-taqsima li jmiss.

### *2.8.1 Il-mudelli pedagoġiċi li se jitħaddmu: it-tagħlim bħala unità didattika u t-tagħlim integrat*

L-istudenti qegħdin jidħlu b'għarfien li jiġbru minn dak kollu li jiġri madwarhom. Din hija sfida doppja għall-għalliema progressivi għaliex "teachers today have to learn to which in ways in which they have not been taught themselves" (Hargraves, Earl, Moore & Manning, 2001: 197). Mal-mogħdija taż-żmien iżjed qiegħda tinħass il-ħtieġa li l-istudenti jirrealizzaw li s-suġġetti huma lkoll relatati ma' xulxin, f'kuntesti differenti li jirriflettu l-ħajja ta' kuljum, permezz ta' tagħlim tematiku.

L-ewwel metodu ta' tagħlim huwa l-metodu bħala tagħlim ta' unità didattika. Unità didattika tippresta ruħha għal tagħlim ta' suġġett wieħed (Portelli, 2020). Dan

juri għalhekk li l-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa tagħmilha ideali biex dawn jiġu ppreżentati lill-istudenti f'għadd ta' lezzjonijiet. Għalhekk, din l-unità didattika se sservi ta' opportunità ideali biex it-tagħlim tal-letteratura jieħu xejra differenti. Permezz ta' din l-unità didattika, l-għalliema se tingħatalhom stampa ċara ta' kif jistgħu jorbtu ma' ġeneru tat-tradizzjoni orali, ifassluha, iwettquha fil-klassi, kif ukoll jevalwawha. Madanakollu, huwa importanti ferm li l-għalliema jifhmu liema huma dawk il-fehmiet u l-kriterji essenzjali li jwasslu għat-tqassim tajjeb tagħha. Unità didattika tista' ssaħħaħ il-ħiliet tal-ħsieb fost l-istudenti; ittejjeb il-prestazzjoni tal-istudenti; iżżid il-fehim, l-għarfien u l-interess tal-istudenti (Gagnon & Collay, 2001). Għaldaqstant din l-unità didattika dwar il-ħaġa moħġaġa se twassal ukoll biex l-għalliema tal-Malti jifhmu aħjar l-iskop tal-unitajiet didattiċi fit-tagħlim tagħhom.

Dan jgħin ukoll lill-istudenti sabiex ikunu iżjed kunfidenti u motivati fil-mixja edukattiva tagħhom. Kif isostni Loughran (2005), fost l-elementi l-iżjed predominanti fl-orjentament tematiku nsibu: "imitation of the theme, the teacher's role, group exploration, integration of the theme with the curriculum and learning centers, and building and maintaining spirit and enthusiasm" (p. 113). Xi mudelli alternattivi ta' tagħlim huma aktar induttivi. It-temi jiġu introdotti billi jiġu ppreżentati osservazzjonijiet speċifiċi u t-teoriji jiġu mgħallma biex l-istudenti jiġu megħjuna jiskopruhom biss wara li tkun ġiet stabbilita l-ħtieġa li jkunu jafuhom. F'Tabella 6 jidhru l-karatteristiċi ewlenin tal-ħaġa moħġaġa li tifforma dan il-ġeneru.




Tabella 6: Il-karatteristiċi tal-ħaġa moħġaġa

Dawn huma l-karatteristiċi ewlenin li jagħmlu l-ħaġa moħġaġa bħala l-ġeneru magħruf tat-tradizzjoni orali. L-ewwel u qabel kollox, il-ħaġa moħġaġa hija f'forma ta' oralità fejn persuna tgħid il-ħaġa moħġaġa f'kuntest ta' udjenza li din tipprova taqta; t-tweġiba mistura li fiha. Dan għaliex fiha ssib minsuġa elementi ta' mekkaniżmi differenti bħal metafora, polisemija, kontradizzjoni u anke logħob bil-kliem. Il-ħaġa moħġaġa hija magħmula minn versi u ġeneralment dak li jingħad f'vers, jingħad bil-kontra fil-vers ta' wara. It-temi jkunu bbażati fuq firxa wiesgħa ta' affarijiet li nsibu madwarna. Uħud minnhom huma bbażati mal-kultura tagħna għaliex it-temi huma assoċjati mal-gżira Maltija filwaqt li dawk moderni jidħlu iktar f'kuntest tad-dinja moderna tal-lum il-ġurnata. Barra minn hekk, dawn joffru element ta' didattiċiżmu għaliex is-semmiegħ irid jitgħallem jassoċja, jiftakar u jikkompara xi tip ta'

konklużjonijiet sabiex jaqta' t-tweġiba. Fost it-tfal, din tgħin ukoll biex iħaddmu moħħhom u jaħsbu iżjed, filwaqt li jistgħu jitgħallmu xi vokabularju ġdid ukoll. Il-firxa ta' lezzjonijiet tal-unità didattika hi waħda qasira li tibda u tispiċċa. Matulha, l-għalliema jistgħu wkoll joffru l-possibbiltà li jħallu lill-istudenti biex jimxu bir-ritmu tagħhom (Portelli, 2020: 76).

Min-naħa l-oħra, il-metodu ta' tagħlim integrat fih diversi opportunitajiet biex jistabilixxu relazzjonijiet, primarjament fl-oqsma relatati, u f'ħafna forom u livelli differenti ta' tagħlim. it-tagħlim integrat jipprovdi kuntest ħolistiku għat-tagħlim li jwassal għal ħila akbar biex tiftakar il-konnessjonijiet u biex issolvi l-problemi. Dan il-metodu jgħin biex l-istudent ikun attiv u jgħin biex titjieb u tintuża l-kreattività tal-istudenti jew ix-xogħol kreattiv, li huwa bbażat fuq is-sensittività għall-problemi, fuq ir-rikezza u l-oriġinalità tal-ideat tagħhom, il-flessibilità tal-ħsieb u oħrajn (Pinter-Krekić, 2007). Dan se jkun metodu adattat għall-użu tal-ħwejjeġ moħġaġa fl-oqsma u l-ħiliet tal-lingwa. Għal dan il-metodu se nkun qed nuża lezzjoni f'lezzjoni li jiffukaw fuq kunċett jew ħila speċifika. Kif tgħid Calkins (1986), dawn it-tip ta' lezzjonijiet żgħar jgħinu lill-għalliema sabiex tgħallem punt jew strateġija li l-istudenti se jibdew jużaw b'mod aktar frekwenti. Jgħinu wkoll sabiex jorbtu ma' lezzjonijiet ta' qabel, irawmu interess u joħolqu suġġetti interessanti. Sabiex niffinalizza l-pjan ta' ħidma tiegħi, ħarist ħarsa lejn l-iskaluni tal-Malti sabiex nara il-grad ta' kumplessità li jidhru fl-iskaluni tal-Esperjenza Letterarja (Ara Tabella 7). L-attenzjoni ewlenija tal-lezzjoni f'lezzjoni bħala tagħlim integrat fil-livelli differenti, jidhru f'Tabella 8.

| Il-lezzjonijiet | Il-fokus | L-iskaluni |
|---|---|---|
| L-ewwel Lezzjoni | X'inhi l-ħaġa moħġaġa? | M'hemmx skaluna |
| It-tieni Lezzjoni | Il-ġbir u l-użu tal-ħaġa moħġaġa f'Malta | 7.1.8 - Jesprimu r-rispons tagħhom għal għall-qari ta' xi testi letterarji b'mezzi u b'forom differenti |
| It-tielet Lezzjoni | Il-forma tal-ħaġa moħġaġa | 7.3.1 - Janalizzaw u jevalwaw l-istrutturi rikorrenti f'testi letterarji skont ġeneri differenti |
| Ir-raba' Lezzjoni | It-temi tal-ħaġa moħġaġa | 7.1.3 - Jidentifikaw u jikkumentaw dwar it-tema jew it-temi ta' xogħol letterarju |
| Il-ħames Lezzjoni | Xi mekkanżimi fil-ħaġa moħġaġa | 7.4.6 - Jużaw b'għaqal it-terminoloġija adatta meta jiġu biex japprezzaw xi test letterarju |
| Is-sitt Lezzjoni | Il-kitba tal-ħaġa moħġaġa | 7.4.8 - Jitħarrġu fil-kitba tal-esej letterarju |

Tabella 7: Il-fokus tal-lezzjonijiet imħejjija

Sabiex tlaqqgħu flimkien il-ħwejjeġ moħġaġa ma' dak li se jiġi mgħallem tul il-lezzjoni, kien essenzjali li jintgħażlu l-iskaluni minn kull livell. L-għażla tal-iskaluni saret skont dak li jisħaq fuqu Portelli (2001: 106) li l-iskaluni joffru qafas imtarraġ għat-tagħlim tal-Esperjenza Letterarja.

| Il-lezzjonijiet | Il-ħila/Il-qasam | Il-livell | Il-fokus |
|---|---|---|---|
| 1 | It-taħdit | 7 | Daħla |
| 2 | Is-smigħ | 7 | Daħla u kontenut |
| 3 | Il-qari | 8 | Daħla |
| 4 | Il-kitba | 8 | Daħla |
| 5 | Il-grammatika | 9 | Daħla |
| 6 | L-istorja tal-lingwa | 9 | Għeluq |
| 7 | L-esperjenza letterarja | 10 | Daħla u kontenut |
| 8 | Il-kultura | 10 | Għeluq |

Tabella 8: L-iffukar tat-tagħlim fil-lezzjonijiet tal-Malti

F'tabella 8 ġiet deskritta l-użu tal-lezzjoni f'lezzjoni fil-qasam jew ħila tal-lingwa li se jintużaw u kif ukoll b'enfasi fuq liema parti tal-lezzjoni b'rabta mal-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa.

### *2.8.2 It-tagħlim bl-aspett tal-umoriżmu*

Il-mod ta' kif twettaq dawn iż-żewġ metodi ta' tagħlim jagħmlu differenza. Is-sabiħ li għandu dan il-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa hu li jistrieħ fuq l-umoriżmu li jissorperendi kemm l-għalliema u anki lill-istudenti.

Torok et al. (2004), juru li l-umoriżmu huwa għodda sinifikanti fit-tagħlim f'ċerti oqsma li huma kemxejn diffiċli għall-istudenti stess. Li tkun għalliem huwa diffiċli, u l-umoriżmu mhux biss huwa parti normali mill-interazzjoni ta' kuljum, iżda jista' jkun ukoll riżorsa qawwija għall-immaniġġjar tar-relazzjonijiet u kif ukoll sabiex jindirizza sitwazzjonijiet diffiċli. Chiasson (2002), turi li x-xogħol tal-għalliema huwa li jirnexxilhom idaħħku lill-istudenti sabiex it-tagħlim isir iktar effiċjenti bl-użu tal-

umoriżmu. Din hija l-iktar karatteristika msemmija biex tkun għalliema ideali, għaliex l-umoriżmu jgħin lill-istudenti biex jieħdu iktar gost waqt it-tagħlim tagħhom.

#### *2.8.2.1 L-immaniġġar tal-klassi*

L-umoriżmu dejjem jiġi konness mal-immaniġġar pożittiv fil-klassi. Walter (1990) irrapporta li studenti li jidħku l-iżjed, huma inqas inkwetanti fil-klassi. Powell (1985) u Proctor (1994) irrappurtaw li l-umoriżmu jikkomunika kwistjonijiet relatati mal-immaniġġar tal-klassi mingħajr ma jnaqqas l-awtorità tal-għalliem u lanqas jimbarazza l-klassi. Għalkemm l-umoriżmu huwa pożittiv u joffri diversi għajnuna għall-istudenti, jekk l-għalliem jużah b'mod eċċessiv, jista' jwassal għal aspetti negattivi wkoll.

## 2.9 Il-pjan ta' ħidma spirall

Għal pedagoġija tal-unità didattika, kelli nħejji pjan ta' ħidma li hu magħruf bħala pjan ta' ħidma spirall. Tabella 9 turi dan il-pjan li jimxi skont il-grad ta' diffikultà u l-kumplessità tal-kontenut fil-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa. Dan it-tip ta' pjan ta' ħidma jgħin lill-istudenti biex jimxu bil-pass tagħhom (Portelli u Camilleri Grima, 2002). Barra minn hekk, Harden (1999) jagħmel referenza għal Bruner li kien hu li ħareġ b'din l-idea tal-istruttura spirall. Huwa juri li f'sillabu spirall ikun hemm reviżjoni iterattiva ta' suġġetti l-iskedi matul il-kors. Jeħtieġ ukoll li kull lezzjoni tkun suċċessiva billi tibni fuq dak li sar qabel.




Tabella 9: Il-pjan ta' ħidma spirall

Dan il-pjan ta' ħidma se nkun qed nużah għat-tagħlim tal-ħaġa moħġaġa bħala tema ewlenija. Se nibda b'kunċetti ħfief bħal x'inhi l-ħaġa moħġaġa u kif ukoll l-aspett tal-oralità. Wara se ngħaddi għall-għamla tal-ħaġa moħġaġa li tikkonsisti minn versi, rima, il-ftuħ u l-għeluq tal-ħaġa moħġaġa, il-persuna u l-ġens u xi ripettizzjonijiet li nsibu. Fit-tielet livell se ngħallem it-temi differenti li huma bbażati fuqhom il-ħwejjeġ moħġaġa u xi xebh li jsir bejn elementi differenti. L-aħħar livell se jkun ibbażat fuq il-mekkaniżmi li huma minsuġa fil-ħaġa moħġaġa sabiex taħbi t-tweġiba diretta li b'hekk se jwasslu għal kitba tal-ħwejjeġ moħġaġa.

## 2.10 Il-pjan ta' ħidma f'forma ta' lista

Wara li fassalt skema fl-iffukar fil-lezzjonijiet, ħloqt il-pjan ta' ħidma li hu bbażat fuq l-oqsma u l-ħiliet kollha b'korrispondenza mal-iskaluni u l-użu tal-ħwejjeġ moħġaġa f'fażijiet differenti fil-lezzjonijiet tal-Malti (Ara Tabella 10).

| Il-ħila/<br>Il-qasam tal-lingwa | L-iskaluni | Xi eżempji |
|---|---|---|
| **It-taħdit** | 1.2.1 - Jipprovdu l-interpretazzjoni għall-informazzjoni li jkollhom | -Nibbażа t-taħdit tagħhom fuq il-baħar billi nintroduċi s-suġġett permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa marbuta mal-baħar |
| **Is-smigħ** | 2.2.1 - Jisimgħu f'livell instensiv u jwieġbu l-mistoqsijiet | -Niftaħ il-lezzjoni b'filmat ta' ħaġa moħġaġa<br>-Logħba 'Bingo' billi jisimgħu l-ħaġa moħġaġa u jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba minn fuq il-karta tat-taħriġ |
| **Il-qari** | 3.3.1 - Jaqraw firxa ta' reġistri u ta' ġeneri għall-gost | -Niftaħ il-lezzjoni bi ftit ħwejjeġ moħġaġa biex jaqrawhom l-istudenti u tiġi introdotta s-silta |
| **Il-kitba** | 4.4.4 - Jiktbu ittra formali | - Nintroduċi l-ġeneru tal-ittra permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa |
| **Il-grammatika** | 5.1.9 - Jidentifikaw il-prepożizzjonijiet | -Ftuħ bit-tinqija tal-prepożizzjonijiet magħġuna fil-ħwejjeġ moħġaġa |
| **L-istorja tal-lingwa** | 6.2.1 - Jitkellmu dwar kif il-lingwa tinbidel mal-ħajja tal-bniedem | -Fl-għeluq se tingħad il-ħaġa moħġaġa ta' Malta biex l-istudenti jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba f'pari. |
| **L-esperjenza letterarja** | 7.3.2 - Jiddeskrivu l-karatteristi ewlenin tal-forom l-aktar frekwenti fil-letteratura Maltija | -Janalizzaw il-metafora bħala mekkaniżmu fil-ħaġa moħġaġa |
| **Il-kultura** | 8.1.1 - Jibdew jistaqsu dwar il-kunċett tal-kultura mifhuma bħala realtà dinamika | -Fl-għeluq nagħlaq bi ħwejjeġ moħġaġa marbuta ma' xogħlijiet tradizzjonali Maltin |

Tabella 10: Il-pjan ta' ħidma għat-tagħlim integrat fil-lezzjonijiet tal-Malti

## 2.11 L-użu tal-multimodalità

Il-letteratura orali tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-fomm u din hija "letteratura akkumulata minn ġenerazzjoni għal oħra li ssir element essenzjali fil-wirt kulturali tal-pajjiż" (Briffa, 2002: 71). Il-letteratura orali minn dejjem kienet preżenti, b'mod partikolari, meta l-lingwa ma kinitx tinkiteb. Biex din it-tip ta' letteratura tibda tiġi mgħallma fil-klassijiet, il-metodu tal-oralità xorta waħda jista' jibqa' jintuża iżda dan mhuwiex dejjem possibbli. Xi drabi hemm bżonn metodi u modi differenti. Lyons (2016) turi li ż-żieda fl-użu tal-fotografija diġitali, filmati u vidjows fl-analiżi tal-komunikazzjoni wasslet għal interess ikbar fil-modi ta' komunikazzjoni minbarra t-taħdit u l-kitba. Il-mod viżiv huwa magħruf sew bħala dak il-potenzjal li jagħmel l-analiżi mill-qrib f'varjetà ta' kuntesti.

Fl-istudju ta' Lebedev u Sharma (2019) f'filmat li ttella' fuq YouTube, dehret ħaġa moħġaġa u t-telespettaturi ġew imħeġġa jsibu soluzzjonijiet. Ġimgħa wara, soluzzjonijiet bi spjegazzjonijiet ġew ipprovduti f'filmat ieħor. Rosenthal (2017) tiġbor fil-qosor l-imġiba ta' telespettaturi li jimpenjaw ruħhom b'mod informali ma' teknoloġiji ta' tagħlim. It-telespettaturi jidħlu jaraw dawn it-tip ta' filmati fuq YouTube għal diversi raġunijiet: jipperċepixxu l-impenn tagħhom bħala ta' valur waqt li jissodisfa l-ħtieġa; l-impenn tagħhom huwa pjaċevoli u li huma jimpenjaw ruħhom biex jiġbru l-għarfien.

Studji multimodali huma bbażati fuq tliet suppożizzjonijiet ewlenin: l-ewwelnett, huwa meqjus li l-komunikazzjoni dejjem tinvolvi l-użu ta' diversi modi fosthom id-diskors, il-kitba, il-ġesti, l-istampi u oħrajn. Dawn jikkontribwixxu għat-tfassil tat-tifsir. It-tieni, tifsira hija mibnija permezz ta' għażla u konfigurazzjoni ta'

modi differenti fl-interazzjonijiet. Fl-aħħar, ir-riżorsi użati huma ffurmati soċjalment maż-żmien biex joħolqu sens kulturali li bih jistgħu jgħaddu t-tifsira.

Għalhekk, fil-lezzjonijiet tiegħi (Ara kapitlu 5) se nkun qed nuża metodi u modi differenti sabiex inwassal din it-tradizzjoni orali, li se tieħu xejra differenti mill-mod ta' kif se titwassal fit-tagħlim tal-Malti kif nafuh l-aktar. Mhijiex se titwassal biss bil-fomm iżda bil-mod viżiv permezz tal-kitba, stampi, filmati, preżentazzjonijiet, leħħiet, u attivitajiet u riżorsi oħra.

## 2.12 Il-modi ta' assessjar

L-assessjar huwa parti integrali mill-proċess tat-tagħlim. Dan għaliex l-assessjar jgħin sabiex l-għalliema jiġbru informazzjoni fuq it-tagħlim li għamlu u l-fehim li ħadu l-istudenti (Gipps, 1994). Hargreaves (2005) jargumenta li hemm diversi kunċetti għall-assessjar tat-tagħlim li huma mqassmin f'sitt kategoriji: issegwi l-prestazzjoni tal-istudenti mal-miri jew l-għanijiet; tuża l-assessjar biex tagħraf il-passi li jmiss fit-tagħlim; l-għalliema li jagħtu suġġerimenti u evalwazzjonijiet għal titjib; titgħallem dwar it-tagħlim tat-tfal; it-tfal jieħdu xi kontroll tat-tagħlim u l-evalwazzjoni tagħhom stess u dan ifisser li jibdlu l-assessjar f'avveniment ta' tagħlim. Tradizzjonalment, l-iżjed forma ta' assessjar użata fl-iskejjel, inkluż dawk f'Malta, kienet dik ta' testijiet/eżamijiet, assenjamenti u taħriġ li jevalwa x'għarfien u/jew ħiliet li kisbu wara perjodu ta' tagħlim. Dan it-tip ta' evalwar jissejjaħ summattiv għax l-eżami jsir fit-tmiem unità didattika, trimestru jew sena skolastika. L-evalwar summattiv jintuża sabiex l-istudenti juru x'jafu minn dak li tgħallmu u tingħata marka

għal dak li jgħidu (f'każ ta' oral) u/jew jiktbu (f'każ ta' eżami tal-kitba). Fil-każ tal-Benchmark jingħataw marki għal kull karta tal-eżami skont il-ħiliet tal-lingwa speċifiċi. Fl-aħħar, il-marki jingħaddu flimkien u toħroġ bħala marka waħda finali għal kull kandidat/a.

Fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali* (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012) jingħad li dan l-assessjar għandu jsir "bl-iskop li jsiru rapporti lill-ġenituri u jsiru skambji ma' għalliema oħrajn fil-klassi li jmiss jew lill-iskola (p. 17). Assessjar formattiv huwa metodu ta' assessjar li kapaċi joffri appoġġ lill-istudenti. Jibda biex jidentifika x'jafu, jara x'inhuma l-ħtiġijiet tagħhom fuq firxa ta' żmien u b'mod mtarraġ jittieħdu l-passi li jkun imiss biex jintlaħaq il-livell mistenni (Black & William, 1998). L-evalwazzjoni jew id-djalogu huma komponenti essenzjali fl-interazzjoni waqt l-assessjar formattiv fejn l-intenzjoni hija li tappoġġja t-tagħlim (Clarke, 1995). Huwa jikkonċentra ħafna fuq l-importanza tal-evalwazzjoni formattiva minħabba li jwassal għall-iżvilupp fl-istudent. Min-naħa l-oħra, Black u Williams (1998) sabu li l-istrateġiji ta' dan l-assessjar formattiv jgħollu l-livelli tal-kisba tal-istudenti, speċjalment fost it-tfal b'kapaċitajiet baxxi.

## 2.13 Konklużjoni

F'dan il-kapitlu tajna ħarsa inġenerali lejn il-kurrikulu, l-iskaluni u s-sillabu li dawn jindikaw fejn l-għalliema jistgħu jgħaddu biex iwasslu lill-istudenti tagħhom (Portelli u Camilleri Grima, 2002: 43). Barra minn hekk, ħriġt ukoll b'żewġ tipi ta'

pjanijiet ta' ħidma sabiex jagħtu struttura ċara lill-għalliema ta' kif jistgħu jqassmu l-lezzjonijiet.

# It-Tielet Kapitlu
# Il-Metodoloġija ta' dan l-Istudju

## 3.0 L-epistemoloġija tal-istudju

It-teoriji epistemoloġiċi huma relatati ma' kif l-għarfien jista' jiġi ffurmat, miksub u kkomunikat (Scotland, 2012). Is-suppożizzjonijiet tal-epistemoloġija jidderieġu l-preferenzi rigward l-għażla tagħna tas-suġġetti, mistoqsijiet ta' riċerka, teoriji, metodoloġija, analiżi u konklużjonijiet (Hesse-Biber u Leavy, 2011).

### *3.0.1 L-għarfien empiriku*

Meta wieħed jagħmel riċerka jista' jmiss ma' diversi sorsi ta' għarfien li jistgħu jinqasmu f'numru ta' kategoriji differenti. F'dan l-istudju, aktar milli għandha tiġi miksuba xi spjegazzjoni xjentifika, kellha ssir analiżi fid-dettall.

Dan l-għarfien jinkiseb permezz tal-ftuħ ta' ideat innati, intuwizzjoni jew raġuni pura. Qabel ma bdejt dan il-proġett, magħmul minn għadd ta' lezzjonijiet marbuta mat-tema tal-ħaġa moħġaġa, kont konxja li jrid jiġi ppjanat, imfassal u fl-aħħar u mhux l-inqas jiġi evalwat. L-evalwazzjoni kellha tistrieħ u kellha tiddependi fuq il-lezzjonijiet bbażati fuq il-ħaġa moħġaġa. Din kienet se tkun ibbażata fuq ir-riżultat li se joffri dan il-proġett u kif ukoll fuq l-utilità li se joffri waqt il-lezzjonijiet tal-Malti permezz ta' evalwazzjonijiet minn tmien għalliema tal-Malti. Bħal kull tagħlim ieħor,

l-evalwar jgħin sabiex ix-xogħol jirfina u jitjieb. Fl-evalwazzjoni, l-għalliema "must tell what is rather than what they think ought to be or what they think the researcher would like to hear" (Tuckman & Harper, 2012: 243). Għalhekk, inħoss li din ir-riċerka kellha taddotta l-metodu kwalitattiv.

B'hekk, permezz tal-esperjenza tagħhom, bħala komunità ta' għalliema, setgħu joffru pariri dwar x'kienu jagħmlu huma differenti. Biss, minħabba l-imxija tal-Covid-19, dan ma setax isir. Dan għaliex, l-evalwazzjoni – stadju kruċjali fl-iżvilupp ta' kull proġett - kellha ssir permezz ta' intervisti wiċċ imb wiċċ iżda minħabba s-sitwazzjoni prekarja li evolviet, ma setax ikun hemm kuntatt mill-qrib biex jiġi evitat it-tixrid ta' din il-marda.

## 3.1 Id-differenza bejn il-metodoloġija u l-metodu

Il-'metodoloġija tar-riċerka' hija mod biex tissolva sistematikament il-problema tar-riċerka. Din tista' tinftiehem bħala xjenza ta' studju ta' kif ir-riċerka ssir xjentifikament u li permezz tagħha, nistudjaw il-passi varji li huma ġeneralment adottati minn riċerkatur fl-istudju tiegħu, flimkien mal-loġika (Kothari, 2004). Il-metodoloġija hija l-analiżi sistematika u teoretika tal-metodi applikati f'qasam ta'studju partikolari. Din tinkludi l-analiżi teoretika tal-ġabra ta' metodi u prinċipji assoċjati ma' fergħa ta' għarfien. Għalhekk, il-metodoloġija tipprova tispjega b'mod filosofiku dak li jinkiseb b'dawn il-metodi u għaliex ġew imħaddma (Portelli, 2011).

Min-naħa l-oħra, il-metodi għalhekk jistgħu jinftiehmu bħala dawk it-tekniki kollha li jitħaddmu fit-twettiq tar-riċerka. Cohen u Manion (1994: 38) jagħtu xi eżempji

ta' metodi differenti fosthom: l-intervisti, il-kwestjonarji, kontijiet personali u ċekkjaturi. Fi kliem ieħor, il-metodu jiġi użat mir-riċerkatur matul l-istudju tal-problema tar-riċerka tiegħu u għalhekk huwa msejjaħ bħala metodu ta' riċerka. Ir-riċerkatur mistenni jkun jaf mhux biss il-metodoloġija iżda l-metodi li se juża; liema minn dawn il-metodi huma relevanti u dawk li mhumiex; xi jfissru; x'jindikaw u għaliex. Dan kollu jfisser li huwa meħtieġ li r-riċerkatur ifassal il-metodoloġija tiegħu għall-problema tiegħu. Barra minn hekk, riċerkatur għandu jikkunsidra wkoll il-loġika wara l-metodi li se juża fil-kuntest tar-riċerka sabiex ir-riżultati tar-riċerka jkunu jistgħu jiġu evalwati.

## 3.2 Ir-riċerka kwantitattiva u kwalitattiva

Il-mod kif ir-riċerkaturi jitrattaw il-problema u jiġbru u janalizzaw l-informazzjoni miġbura, jiddistingwu r-riċerka kwalitattiva u kwantitattiva (Ary et al., 2010). Denscombe (2007) jgħid li d-differenza elementari bejn dawn it-tipi ta' riċerka tinsab fl-użu tal-kliem jew tan-numri.

Ir-riċerka kwalitattiva hija ta' natura esploratorja, jiġifieri din tistrieħ fuq informazzjoni miġbura minn osservazzjonijiet u rapporti ta' persuni. Għalhekk, din it-tip ta' riċerka tfittex li twieġeb l-"għaliex" (Denscombe, 2007). Din normalment tinkiseb minn intervisti, dokumenti bħal gazzetti jew ġurnali, osservazzjonijiet u materjali oħra. Biex iħaddmu dawn il-metodi, ir-riċerkaturi jmorru fil-post u jqattgħu ħafna ħin biex jintervistaw u josservaw lill-parteċipanti u l-ambjenti tagħhom (Lancy, 1993). Kif jindika Smith (1987), riċerka kwalitattiva hija bbażata fuq il-kunċett ta' sensittività tal-kuntest, it-twemmin li l-ambjent fiżiku u soċjali partikolari għandu influwenza kbira fuq l-imġiba tal-bniedem.

Min-naħa l-oħra, ir-riċerka kwantitattiva tkejjel fenomeni permezz ta' kwestjonarji u metodi oħra, biex imbagħad jinħarġu statistiċi dwarhom. Creswell (2009) juri li meta mqabbel mar-riċerka kwalitattiva, ir-riċerka kwantitattiva għandha ipoteżi jew tbassir dwar x'se jiġri fl-istudju u tiġġenera statistiċi, fejn il-komunikazzjoni bejn ir-riċevitur u l-parteċipanti hija minima.

Riċerka kwalitattiva qed issir bl-iskop li wieħed jifhem il-fenomeni soċjali, filwaqt li riċerka kwantitattiva ssir biex jiġu ddeterminati r-relazzjonijiet, l-effetti u l-kawżi.

## 3.3 L-intervisti

Meta nittrattaw ma' kwalunkwe problema tal-ħajja reali ħafna drabi jinstab li l-informazzjoni f'idejna mhix adegwata, u għalhekk, huwa neċessarju li tinġabar informazzjoni li hi xierqa. Għal Kothari (2004), hemm diversi modi ta' kif tinġabar b'mod xieraq li jvarjaw konsiderevolment fil-kuntest tal-ispejjeż tal-flus, ħin u riżorsi oħra għad-dispożizzjoni tar-riċerkatur.

Wieħed mill-metodi li jintuża fir-riċerka kwalitattiva, hi l-intervista. Din hija konverżazzjoni bejn tnejn: ir-riċerkatur u l-parteċipant, bl-għan li r-riċerkatur jiġbor l-informazzjoni mixtieqa mill-parteċipant. Huwa frekwenti li l-intervista ssir bejn dawn iż-żewġ persuni għaliex b'dan il-mod l-intervista tkun aktar kunfidenzjali.

### *3.3.1 Tipi differenti ta' intervisti*

L-intervisti jistgħu jseħħu b'mod personali, permezz tat-telefown u anke permezz tal-indirizz elettroniku billi jintbagħtu l-ittri elettroniċi (Kothari, 2004). It-tliet tipi ta' intervisti huma strutturati, mhux strutturati u semistrutturati. Għalhekk, l-istil tal-intervisti jvarjaw ukoll: hemm dawk li huma kompletament mhux strutturati li fihom is-suġġett jitħalla miftuħ sabiex jiġi diskuss dwar dak kollu li l-intervistat jixtieq, u fit-tarf l-ieħor wieħed isib intervista strutturata ħafna li s-suġġett huwa wieħed magħluq u b'hekk ir-risposti jkunu diretti. Tabella 11 turi t-tipi differenti ta' intervista.

| It-tip ta' intervista | Informazzjoni |
|---|---|
| **Intervista strutturata** | • Kemm il-mistoqsijiet jiġu ffissati minn qabel, iżda wkoll l-għażla possibbli tat-tweġibiet.<br>• Billi jitnaqqas in-numru ta' tweġibiet miftuħa, l-ammont ta' ħin meħtieġ għall-kodifikazzjoni u l-analiżi tal-kontenut jitnaqqas ħafna. |
| **Intervista mhux strutturata** | • Ikollhom ftit li xejn struttura.<br>• L-intervistatur jagħmel din l-intervista bil-għan li jiddiskuti numru limitat ta' suġġetti, xi drabi wieħed jew tnejn.<br>• Għalkemm is-suġġetti huma ffukati, il-mistoqsijiet ikopru sabiex l-intervistat jidħol fid-dettall peress li l-mistoqsijiet jirrikjedu tweġiba iżjed miftuħa.<br>• Din l-intervista tieħu forma ta' konverżazzjoni wkoll (Haralambos & Holborn, 2000). |
| **Intervista semistrutturata** | • Tinkludi taħlita ta' mistoqsijiet kemm magħluqa u anke miftuħa.<br>• Ikun hemm il-bżonn li l-intervistati jagħtu iktar l-opinjonijiet tagħhom u għalhekk xi mistoqsijiet ikunu bħal: 'Għaliex?' jew 'Kif?' (Adams, 2015).<br>• Fox, Hann u Mathers (2000) jgħidu li l-intervisti semistrutturati jieħdu ħafna iktar ħin mill-intervisti. |

Tabella 11: It-tipi ta' intervisti

### *3.3.2 L-iskop tal-intervisti lill-għalliema*

Għar-riċerka tiegħi kont se nuża l-intervista semistrutturata għaliex f'dan l-istudju xtaqt li l-għalliema jagħtu l-opinjoni tagħhom. Jiena xtaqt li nagħżel għalliema tal-Malti li jgħallmu kemm fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u anke Indipendenti, sabiex ikolli varjetà. Ħassejt li hu importanti li nkun naf x'jaħsbu għalliema differenti li jgħallmu fi skejjel varji fuq dan il-proġett ġdid, għax fuq kollox, din hi għodda li huma jistgħu jużaw fil-klassijiet tal-Malti. Seel (2011) jispjega li, "when a concrete experience is enriched by reflection, given meaning by thinking, and transformed by action the new experience created becomes richer, broader and deeper" (p. 1212).

Il-mistoqsijiet tal-intervista saru bi ħsieb għaliex huma jiddeterminaw il-validità u l-effettività (Turner, 2004). Dawn il-mistoqsijiet tfasslu skont loġika. Dawn huma marbuta kemm mal-proġett u anke mal-benefiċċju li se jgawdu minnu l-istudenti rigward l-utilità tal-lezzjoni, tal-attivitajiet, tar-riżorsi u tat-taħriġiet b'risq l-evalwar u l-assessjar użati waqt il-lezzjonijiet. Kollox jiddependi mit-tweġibiet tal-parteċipanti fl-intervista. Id-domandi tal-intervista ġew żviluppati b'mod li ma jitolbux tweġiba qasira, iżda huma mistoqsijiet miftuħa li jippermettu lill-għalliema jwieġbu b'kumdità u jimirħu fit-tweġiba tagħhom (Ara Appendiċi 3). L-intervista, fl-aħħar, mill-aħħar tkun aktar koerenti (Johnson & Christensen, 2014).

### *3.3.3 Xi kriterji b'rabta mal-intervista*

Lill-parteċipanti kont se navżahom minn qabel permezz ta' ittra elettronika flimkien mal-ittra ta' informazzjoni mehmuża, biex huma jkunu ppreparati minn qabel

dwar il-ħin allokat u xi kriterji oħra (Ara Appendiċi 1). Jiena kont se nibgħatilhom ukoll kampjun tal-pjanijiet u r-riżorsi permezz ta' metodu eletteroniku. Dawk l-għalliema li xtaqu jieħdu sehem biex jagħtu l-evalwazzjonijiet tagħhom, kont se niftiehem magħhom f'post konvenjenti għalihom u niltaqgħu b'mod informali sabiex iseħħ l-intervista li ħejjejt wiċċ imb wiċċ.

## 3.4 Il-pandemija tal-Covid-19

Kif tindika Pace (2020), is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, il-Professur Charmaine Gauci, qalet li l-*virus* huwa mikrobu li huwa bħal riħ komuni u li s'issa m'hemmx tilqima kontrih. Dan il-mikrobu jikkawża sintomi bħal riħ komuni li mbagħad iwassal għal kumplikazzjonijiet fin-nifs.

Dan beda fil-belt ta' Wuhan fiċ-Ċina u baqa' jinfirex f'ħafna pajjiżi oħra biex spiċċat milquta d-dinja kollha. Dan beda jinfirex minħabba li miljuni ta' Ċiniżi kienu qed jivvjaġġaw għall-btajjel tal-ewwel tas-sena. Dan il-*virus* jittieħed faċilment minn persuna għal oħra bħal kwalunkwe *virus* ieħor. Malta kellha tieħu xi miżuri biex jitnaqqas il-kuntatt minn man-nies u biex jiġi evitat li ammont kbir ta' nies jintlaqtu minn din il-marda.

## 3.5 Xi limiti u xi nuqqasijiet tal-metodu tal-intervisti

Minħabba l-imxija tal-Covid-19 ittieħdu bosta miżuri li ġew imħaddma f'Marzu tal-2020, fosthom l-għeluq tal-iskejjel kif ukoll l-Università ta' Malta, l-għeluq ta'

ħwienet, restoranti, bars u xi miżuri oħrajn sabiex ma noħorġux mid-djar ħlief għal xi bżonnijiet essenzjali biex b'hekk innaqqsu li tkompli tiżdied din il-marda. Minħabba dan kolli, l-intervisti ma setgħux isiru (Diacono, 2020). Peress li l-metodu li pproponejt fil-Formola tal-Etika fis-6 ta' Marzu tal-2019 kien li l-intervisti jsiru wiċċ imb wiċċ u li wara din ġiet approvata mill-Bord tal-Etika stess, jien ma stajtx nagħmel dan peress li f'dan il-każ ma jistax ikun hemm kuntatt ma' persuni, għaliex hemm bżonn li tinżamm id-distanza bejn in-nies. Barra minn hekk, l-intervisti ma setgħux isiru f'postijiet pubbliċi b'mod informali, peress li ngħalqu wkoll ċerti ħwienet minħabba din l-imxija.

Minħabba din is-sitwazzjoni, il-FREC, nhar it-2 ta' April u fl-14 ta' April (Dr Colin Calleja, komunikazzjoni personali) ta żewġ possibiltajiet: Nuża metodi alternattivi teknoloġiċi oħra sabiex tinġabar l-analiżi u nkun nista' nkompli bl-istudju tiegħi, li jfisser proċess twil tal-FREC jew inkella nistruttura t-teżi. Minħabba n-nuqqas ta' żmien li kien baqa' biex nissottometti t-teżi, ma stajtx nagħżel li nuża l-metodi alternattivi teknoloġiċi. Għalkemm dawn kienu se jgħinuni biex inwettaq l-intervisti kif kien pjanat qabel, bid-differenza li kont se nagħmilhom permezz tat-teknoloġija minflok wiċċ imb wiċċ, il-proċess tal-intervisti jirrikjedi ħafna proċeduri u passi li kull pass jieħu ż-żmien tiegħu u b'hekk kien se jkun diffiċli biex din l-għażla titwettaq bis-sħiħ u b'mod sodisfaċenti.

Għalhekk, iddeċidejt li nagħżel l-għażla li nistruttura t-teżi billi nagħmel xi tibdil u żidiet minħabba li l-aħħar kapitlu tal-evalwazzjoni ma jistax isir. Minflok, iddeċidejt li nenfasizza iżjed fuq il-pedagoġija li qed titħaddem f'dawn il-lezzjonijiet fuq il-ħaġa moħġaġa; inħejji aktar lezzjonijiet din id-darba bħala parti minn unità didattika sħiħa

minflok nippreżentahom b'mod individwali kif kont se nagħmel qabel; il-lezzjonijiet, minbarra li se jkunu aktar dettaljati, strutturalment se jkunu mtarrġa, u jmissu l-kisbiet/skaluni li se nevolvi speċifikatament għal din l-unità didattika; u fl-aħħar se nżid ukoll il-komponent ta' assessjar billi nissuġġerixxi stħarriġ tal-bżonnijiet fl-ewwel lezzjoni, assessjar formattiv tul l-unità didattika u xi forma ta' evalwar summattiv fl-aħħar ta' din il-ġabra ta' lezzjonijiet. Dan it-tibdil ġie approvat fil-21 ta' April (Dr Stephen Schembri, komunikazzjoni permezz tal-indirizz elettroniku).

Fil-fehma tiegħi, intervisti bl-apparat teknoloġiku seta' joffri xi limitazzjonijiet b'oppost għall-intervisti li jsiru wiċċ imb wiċċ. Dan għaliex l-intervisti li jsiru b'mod personali ikunu iżjed ċari, flessibbli u adattabbli. Dawn huma bbażati fuq interazzjoni personali u jistgħu jiġu kkontrollati.

L-intervisti permezz tat-teknoloġija ma tantx jiġu aċċettat u b'hekk hemm iżjed preferenza għall-intervisti wiċċ imb wiċċ (Wiersma & Jurs, 2009). Wiersma u Jurs (2009) ikomplu jżidu li, ħafna mill-intervistati li jiġu intervistati permezz tat-telefown jew b'xi apparat teknoloġiku ieħor, jgħejjew iżjed milli kieku ssir wiċċ imb wiċċ (Wiersma & Jurs, 2009).

Hija diffiċli li b'intervista semistrutturata nkompli nistaqsi l-mistoqsijiet lill-għalliema b'metodi oħra għaliex ma kinitx se tkun intervista li qed issir b'mod naturali. Hemm kunsiderazzjonijiet oħra li jaqgħu taħt kwistjonijiet etiċi wkoll.

## 3.6 Xi kwistjonijiet etiċi

F'riċerka kwalitattiva, l-iktar riskju u potenzjal serju ta' ħsara huma tipikament relatati mal-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tad-*data*, speċjalment meta jkun se jintuża xi tip ta' rrekordjar. Filwaqt li bosta studji kwalitattivi jistaqsu lill-parteċipanti dwar suġġetti apparentement li mhumiex ta' ħsara, ħafna jiġbru wkoll informazzjoni dwar suġġetti sensittivi ħafna. Riċerka kwalitattiva tesplora esperjenzi u opinjonijiet dwar suġġetti personali, għalkemm forsi mhux sensittivi jew illegali bħal fil-każ tiegħi (Guest, Namey, & Mitchell, 2013).

L-ewwel u qabel kollox għall-intervisti li kont se nħejji, kelli ngħaddi mill-proċess tal-etika. F'dan il-proċess kelli nimla l-Formola tal-Etika tal-Università ta' Malta. Għal April kelli nimla formola ġdida minħabba l-bdil li kien se jsir fit-teżi tiegħi minħabba s-sitwazzjoni li kienet għaddejja. Peress li qabel dan it-tibdil, l-intervisti kienu se jsiru b'mod informali lil hinn mill-iskola, xorta waħda kelli bżonn il-formola tal-kunsens (Ara Appendiċi 2) għaliex l-intervisti kienu se jiġu rrekordjati. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, dan il-kunsens ried ikun konċepit bħala proċess, mhux biss biex tinbeda l-intervista jew formola li tikseb mill-parteċipanti tar-riċerka biex jiffirmawha. Il-formola tal-kunsens tibda mill-fażi tad-disinn tar-riċerka u tkompli matul l-interazzjoni mal-intervistati (MacQueen, 2008).

Il-parteċipanti għandhom id-dritt ikunu jafu min għandu aċċess għad-*data* tagħhom u x'qed isir minnha speċjalment meta jkunu qed jiġu rrekordjati u ma jkunux qed jaraw b'għajnejhom stess min qed jirrekordjahom, permezz ta' apparat teknoloġiku. Jekk l-approvazzjoni tal-etika ma tkunx inkisbet, ir-riċerkatur individwali għandu r-responsabbiltà personali għall-parteċipanti u b'hekk ma xtaqtx li nikser ir-

regoli li huma mistennija minni bħala riċerkatriċi. Għalhekk, l-intervisti li kont se nħejji ma setgħux isiru u b'hekk l-aħħar kapitlu kellu jiġi eliminat.

## 3.7 Konklużjoni

Riċerka li hija etika u infurmata fiha bilanċ bejn żewġ drittijiet: "the right of the scientist to conduct research and to acquire knowledge and the right of individual research participants to self-determination, privacy, and dignity" (Frankfort-Nachmias & Nachmias, 1996: 80). Is-sigurtà f'riċerka kwalitattiva hija fundamentali. Qabel il-ġbir tad-*data*, ir-riċerkaturi għandhom ir-responsabbiltà li jirrikonoxxu r-riskji potenzjali, jippreparaw u jkunu f'pożizzjoni li jnaqqsu u jimmaniġġaw kwalunkwe skumdità li tista' tinqala'. Ir-riċerkaturi għandhom jikkunsidraw mill-ġdid kull azzjoni li sseħħ matul il-proċess ta' riċerka li jidher li se jikkawża ħsara emozzjonali jew xi ħsara oħra, sabiex titnaqqas din il-ħsara minnufih (BERA, 2018).

Għalkemm dawn kienu l-kunsiderazzjonijiet li kont se nieħu sabiex jitwettqu l-intervisti, kellu jsir xi tibdil minħabba din is-sitwazzjoni li tfaċċat bla ebda ħsieb u li ħadd ma kien qed jistenna. Ħassejtni xi ftit konfuża dwar x'jista' jiġri mill-analiżi ta' din id-dissertazzjoni, iżda l-għażla li għamilt kienet l-aħjar waħda minħabba s-sitwazzjoni prekarja u n-nuqqas ta' żmien li kien baqa' sabiex isir dak li kont bi ħsiebni nħejji.

# Ir-Raba' Kapitlu
# Il-Proposta ta' Tagħlim tal-Ħaġa Moħġaġa b'Użu ta' Żewġ Pedagoġiji għal-Livell Medju u Sekondarju

Il-proposta ta' tagħlim se tkun imsejsa fuq l-użu tal-ħaġa moħġaġa fil-lezzjonijiet tal-Malti fl-iskejjel Medji u Sekondarji. L-għan ta' din il-proposta huwa li jipprovdi lill-istudenti li jinsabu fil-livell Medju u Sekondarju, pakkett ta' riżorsi adegwat relevanti għall-kontenut tal-programm tat-tagħlim. Dan se jgħin lill-istudenti biex isiru iktar konxji u midħla tal-ħaġa moħġaġa fl-oqsma u l-ħiliet tal-lingwa tal-Malti.

## 4.0 It-tip ta' proposta li se titħaddem

Il-proposta tiegħi se tkun qed tikkonsisti minn pjan ta' ħidma, riflessjoni fuq il-metodoloġija u l-assessjar, kampjun ta' pjan tal-lezzjonijiet u riżorsi mehmużin magħhom. Biex inwettaq fil-prattika l-istudju tiegħi kelli bżonn infassal pjan ta' ħidma biex inkun nista' nwassal dawn it-tradizzjonijiet orali fil-klassi. Il-kelma prinċipali marbuta ma' proġett hi 'esplorazzjoni' (Katz u Chard, 2000) minħabba li l-istudenti se jkollhom ċans jesploraw weħidhom jew inkella b'mod gwidat aspetti b'rabta mal-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa. L-istudenti se jkunu qed jimirħu f'qasam li għal xi wħud jaf hu ġdid imma li bl-għajnuna tal-għalliema se jkunu jistgħu jaħdmu flimkien ma sħabhom biex jesploraw dan il-ġeneru li jistrieħ fuq id-divertiment permezz tal-logħob

bil-kliem. Għal dan il-proġett immirat għall-istudenti li huma fil-livell Medju u Sekondarju, ħsibt biex inħejji pjan ta' kif għandu jiġi mqassam.

## 4.1 Il-pjan tal-proġett

F'tabella 12 jidher il-pjan ta' dan il-proġett, mill-bidu sa tmiemu. Dan kien it-tluq tiegħi biex nevolvi u niddistingwi żewġ metodi tat-tagħlim ewlenin skont żewġ skopijiet differenti, u biex inħejji l-pakkett tar-riżorsi. Din l-iskema għenitni nkun strutturat b'mod tajjeb u l-materjal ikun kollu organizzat b'mod loġiku.




Tabella 12: Ħarsa ġenerali lejn il-parti prattika f'din it-riċerka

Għal dan il-pjan, l-ewwel u qabel kollox bdejt billi tajt ħarsa lejn l-iskaluni u l-ħiliet li jinsabu fis-sillabu tal-Malti Akkademiku (2014). Dan għenni biex nara xi jridu jkopru u l-għanijiet li jridu jilħqu l-istudenti li jinsabu fil-livell Medju u Sekondarju. Kif jispjegaw Moss u Brookhart (2012), hu importanti li "goals are set at the appropriate level of challenge" (p. 24) fejn l-istudenti jużaw dak li jitgħallmu u jkomplu jibnu fuqu tul il-lezzjonijiet. B'hekk, dan hu muri fil-lezzjonijiet li ppjanajt li jinkludu fihom: l-istadji ewlenin, is-sekwenza tal-lezzjoni, u l-attivitajiet li se nsawwar. Peress li jiena ħaddimt żewġ pedagoġiji, ħejjejt żewġ tipi ta' pjanijiet ta' ħidma: pjan ta' ħidma għat-tagħlim ta' unità didattika tal-ħaġa moħġaġa nnifisha u ieħor għat-tagħlim intefrat. Il-pjanijiet ta' ħidma ggwidawni aħjar biex nara x'tip ta' lezzjonijiet stajt inħejji: lezzjonijiet sħaħ meta l-ħaġa moħġaġa ssir unità didattika tal-letteratura lezzjoni f'lezzjoni meta l-ħaġa moħġaġa hi spunt.

Ma' kull lezzjoni, ħejjejt ukoll riżorsi differenti speċjalment għamilt użu mir-riżorsa tat-teknoloġija biex nuri filmati u affarijiet oħrajn. Portelli (2020: 139) juri li f'kull qofol ta' kull programm tat-tagħlim u tal-lezzjonijiet hemm ir-riżorsi. Kull tip ta' metodu ta' tagħlim jirrikjedi r-riżorsi, għaliex kif jgħid il-Malti mingħajr għodda ma taħdimx. Barra minnhekk, ħejjejt ukoll diversi attivitajiet varji sabiex titqajjem l-motivazzjoni fost l-istudenti kemm fil-klassi u anke bħala xogħol li jingħata għad-dar. Ħafna mid-drabi jintużaw il-karti fil-klassi għaliex iħaffu l-proċess komunikattiv meta jkunu maħsuba sew. Għalhekk għamilt użu minn dan minħabba l-versatilità u l-prattiċità li joffru dawn il-karti u li bihom l-għalliema jħossuhom komdi biex jużawhom waqt il-lezzjonijiet.

Fl-aħħar u mhux l-inqas ma jistax jonqos il-metodi tal-assessjar u l-evalwar. Dan jista' jkun b'żewġ metodi ewlenin: l-assessjar formattiv u l-evalwar summattiv. Black u Wiliam (1998: 2-6) jemmnu li l-assessjar formattiv, filwaqt li se jgħin lill-istudenti kollha, se jkun ta' benefiċċju speċjalment għal dawk b'abbiltajiet iżjed baxxi. Dan għaliex l-assessjar formattiv jikkonċentra fuq dawk il-problemi li huma jiltaqgħu magħhom u jipprova jindirizzahom dak il-ħin stess jew qrib il-lezzjoni. B'hekk se tkun iżjed faċli għall-istudenti biex jidentifikaw u jsolvu d-diffikultajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-għalliema se jintebħu mill-ewwel meta xi studenti ma jifhmux xi ħaġa partikolari u għalhekk ikunu jistgħu jaħdmu fuqu b'mod iżjed immedjat. Din ir-reċiproċità bejn it-tagħlim u l-assessjar tant hi qawwija li Chow (2008) temmen li l-ippjanar tal-unità didattika għandu jkun wieħed flessibbli biex jiġi aġġornat minn lezzjoni għal oħra. Fil-fehma tiegħi, l-iktar li jista' jintuża għal dan il-proġett huwa l-assessjar formattiv.

Id-differenzjar se jgħin ukoll biex ikun hemm xi tibdiliet għal ċerti studenti li jkunu jeħtieġu xi tip ta' differenzjar fit-tip riżorsi li se jintużaw jew anke fil-karti tat-taħriġ biex kollox ikun aċċessibbli u addattabbli għal kulħadd. Barra minn hekk, skont Tomlinson u Strickland (2005), l-għalliema ġeneralment jiddistingwu u jbiddlu xi wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: il-kontenut (dak li jitgħallmu l-istudenti); il-proċess (kif l-istudenti jitgħallmu); jew il-prodott (kif l-istudenti juru l-ħakma tagħhom tal-għarfien jew il-ħiliet). Madankollu, m'hemm l-ebda mudell li hu addattat għal kulħadd l-istess; irid ikun differenti skont l-għarfien, l-interessi u l-abbiltajiet minn qabel li l-istudenti jġibu magħhom f'sitwazzjoni ta' tagħlim.

### *4.1.1. L-elementi varji fil-pakkett tar-riżorsi*

Kull materjal edukattiv effettiv għandu jkun addattat għal-livell tal-istudenti Jiena għażilt li nħaddem żewġ metodi differenti li jistgħu jwasslu l-ħaġa moħġaġa fit-tagħlim tal-Malti. Dawn iż-żewġ metodi jitolbu l-parteċipazzjoni tal-istudenti biex b'hekk il-lezzjonijiet ikunu iżjed interattivi. F'kull lezzjoni se jiġu inkorporati diversi attivitajiet u riżorsi oħra li se jpoġġu lill-istudent fiċ-ċentru tat-tagħlim "f'komunità għarriexa u fittiexa b'risq skoperta fluwida u interattiva" (Portelli, 2020: 4). Għalhekk, il-materjal li jien ħejjejt b'dawn iż-żewġ pedagoġiji ġew ippreżentati b'mod attraenti. Biex għamilt dan, iddisinjajt il-pakkett tar-riżorsi b'mod sistematiku u organizzat sabiex kull riżorsa tkun addattata għal-livell tal-istudenti. Inkludejt ukoll diversi stampi u burduri b'kuluri differenti. Fil-fatt, Neumann (1980) jirrakomanda li ktieb tajjeb għandu jkun fih dawn il-kwalitajiet: struttura, varjetà, organizzazzjoni, li jaqblu mal-firxa ta' abbiltajiet ta' tagħlim fil-klassi u jimmira li jippreżenta kunċetti, kontenut, problemi u eżerċizzji b'tali mod li jimmotiva lill-istudent biex jitgħallem u jsaħħaħ it-tagħlim, b'mod spirall (Neumann, 1980: 11). Il-pakkett tar-riżorsi tfassal għall-użu tal-għalliema iżda l-kontenut huwa ddisinjat biex jintuża wkoll mill-istudenti kollha.

L-istampi għandhom il-potenzjal li jgħidu u jfissru kollox. Spagnol u Micallef (2000) jikkonkludu li dawn jattirawna u għalhekk hija waħda mir-raġuni għala rridu nużawhom b'mod effettiv minħabba li jgħinu wkoll biex iħeġġu lill-istudenti biex jaqraw it-test. Iktar ma jkun hemm stampi, ritratti, dijagrammi u karikaturi, iktar jagħmluh attraenti (Carabott u Zammit, 1996). Għalhekk, il-pożizzjoni tal-istampi għandha tkun ippjanata bir-reqqa peress li l-illustrazzjoni tista' kemm tattira u anke tfixkel lill-qarrejja. Ingħatat attenzjoni biex ir-riżorsi jkunu mlewna u attranti wkoll. Il-lezzjonijiet kollha kellhom xi tip ta' viżwal bħal preżentazzjoni bil-programm

PowerPoint jew xi filmati. Dan sar biex tiġi integrata t-teknoloġija li hija relevanti għal-ħiliet u l-oqsma tal-Malti. Madankollu, ħadt ħsieb li jinħolqu attivitajiet differenti biex b'hekk l-istudenti kienu fiċ-ċentru tat-tagħlim il-ħin kollu. Kienu kkunsidrati diversi fatturi biex dawn ir-riżorsi jkunu interessanti kemm jista' jkun!

## 4.2 Il-ħtieġa ta' din il-proposta ta' tagħlim

Skont Carter (2004) minkejja li ħafna mill-għalliema jagħmlu użu minn varjetà ta' riżorsi waqt il-lezzjonijiet tagħhom biex isostnu l-ispjegazzjoni tagħhom, ħafna drabi l-istudenti jitilqu mill-klassi mingħajr ebda tifkira tal-lezzjoni. Bħala studenta-għalliema, jien insib li pakkett ta' riżorsi bħal dan huwa utli ħafna fit-tħejjija tal-lezzjonijiet. Pakkett ta' riżorsi mħejji tajjeb se jkun ta' benefiċċju, utli u relevanti. Dan se jkun magħmul minn żewġ orjentamenti ta' tagħlim: it-tagħlim dirett u indirett. B'hekk, l-għalliema jistgħu jisselfu lezzjonijiet miż-żewġ orjentamenti ta' tagħlim li laqtu lilhom u jużaw il-kreattività sabiex jaddattawhom għall-istudenti tagħhom.

## 4.3 Il-mudell għat-tagħlim bħala unità didattika tal-ħaġa moħġaġa

F'unità jkun hemm idea ċentrali, b'diversi elementi jduru magħha. Unità didattika toffri l-opportunità li l-istudenti jitgħallmu, jipprattikaw u japplikaw il-ħiliet tal-lingwa f'kuntest billi jaraw skop u rabta bejniethom. B'hekk ikunu aktar motivati.

Sabiex tiġi mgħallma l-ħaġa moħġaġa bħala unità didattika se nuża l-mudell deduttiv. B'dan it-tip ta' mudell, tinħoloq lezzjoni diretta jew espożitorja. Dan għaliex

l-informazzjoni hija mmexxija mill-bidu tal-klassi u titkompla bl-eżempji. Dan jibda bi prinċipju magħruf u allura l-attenzjoni twassal lejn dak li għadu mhux magħruf. Is-saħħa, l-indirizz u l-enfasi tal-mudell deduttiv jorbot ukoll mar-rabta stretta bejn l-eżempji tal-għalliem u x-xogħol mitlub għall-istudenti (Burden & Byrd, 2010). Il-prinċipji ta' dan il-mudell ġeneralment jintużaw fil-klassijiet fejn il-mira ewlenija hija li tgħallem b'mod strutturat; fil-każ tiegħi se jfisser tagħlim tal-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa bħala t-tema ewlenija b'diversi karattersitiċi li jikkostwixxuha.

Lezzjoni diretta tibda billi l-għalliema toħloq stennija u tispjega l-materjal ġdid bi preżentazzjoni mill-għalliem. Wara, l-għalliema timmudella dak li jridu jagħmlu u twettaq taħriġ iggwidat billi tagħti iżjed eżempji. Imbagħad, l-għalliema tagħti *feedback* kostruttiv, tagħti u timmoniterja taħriġ indipendenti u tagħlaq b'xi forma ta' sommarju (Portelli, 2020). Skont Thurnbury (1999) l-istudenti jistgħu jagħmlu prattika mar-regoli u jipproduċu l-eżempji tagħhom stess fl-aħħar tal-lezzjoni (Thornbury, 1999). Mal-ideat ta' Thornbury (1999) jaqbel Puren (2001a) meta jqis li r-regoli jiġu qabel l-eżempji u l-attivitajiet. L-istudenti jitgħallmu aktar malajr meta jirċievu porzjon akbar ta' istruzzjoni direttament mill-għalliem, u b'hekk jiksbu għarfien sistematiku. Vantaġġi oħra ta' dan it-tip ta' mudell huwa li hu effiċjenti meta jkun hemm ħafna informazzjoni ġdida u hi ideali ma' klassijiet kbar għaliex l-istudenti jistgħu jieħdu noti u jistudjawhom. Dan il-mudell jagħti wkoll struttura u organizzazzjoni lill-ħsieb, jagħti lill-għalliema kontroll aħjar tal-lezzjoni u tal-klassi u l-evalwar isir darba fl-aħħar biss (Portelli, 2020: 87).

## 4.4 Il-mudell għat-tagħlim integrat tal-ħaġa moħġaġa

L-istudenti tal-livell Medju u Sekondarju li jitgħallmu l-lingwa Maltija, għandhom sehem determinanti fil-klassi peress li jaffettwaw direttament il-mod kif jgħallmu l-għalliema, jiġifieri, l-orjentament tat-tagħlim (Ellis, 1997). Għalhekk, l-użu tajjeb tal-orjentamenti tat-tagħlim għal dawk li jitgħallmu l-lingwi u kif ukoll l-importanza li l-għalliema jagħmlu t-tfittxija għal metodoloġiji ta' tagħlim, jagħtu l-aħjar riżultati ta' tagħlim. Kemm l-għalliema kif ukoll l-iskejjel iridu jaħdmu b'mod iktar 'effettiv'. Dan għaliex, l-influwenza kontinwa tal-kostruttiviżmu tassew għadha ssostni impenn għall-istudenti bħala studenti attivi li "jagħmlu sens" mill-esperjenzi tagħhom. Ir-rwol tal-għalliem ġie mitqies bħala tip ta' għajnuna permezz ta' struzzjonijiet u direzzjonijiet xierqa. (Collins, Insley u Soler, 2001).

Wieħed mill-metodi li se nħaddem għall-użu tal-ħaġa moħġaġa fil-lezzjonijiet tal-Malti huwa l-metodu induttiv. Il-lezzjonijiet li jħaddmu l-metodu induttiv huma, ta' xejra esploratorja. L-għalliem li juża metodu induttiv jibda l-lezzjoni billi jistaqsi mistoqsijiet u juża eżempji u b'hekk jgħin lill-istudenti jagħrfu l-prinċipju li jkunu qed jitgħallmu. Dan ħafna drabi jibda b'attivitajiet esploratorji u jwassal biex l-istudenti jiskopru l-kunċetti marbuta mal-lezzjoni (Rüütmann & Kipper, 2011).

Portelli (2020) juri li wara l-mistoqsijiet, l-istudenti huma mistennija li jfittxu r-riżorsi u jesploraw possibiltajiet. Dan il-metodu jinvolvi kunċetti, xejriet u astrazzjonijiet li huma mgħallma fil-kuntest ta' strateġiji li jenfasizzaw tagħlim kunċettwali u tagħlim iċċentrat fuq problemi. L-iktar strateġija komuni hi d-diskussjoni fejn, l-istudenti jitgħallmu permezz tal-parteċipazzjoni. L-użu tad-diskussjonijiet

fil-klassi flimkien u fi gruppi żgħar itejjeb l-interazzjonijiet tal-istudenti għaliex flimkien jifhmu, janalizzaw, jiġġeneralizzaw, jelaboraw u jinterpretaw l-informazzjoni. B'hekk, l-istudenti jaħdmu flimkien. Flimkien jistgħu wkoll joħorġu b'ipotesi, jivverifikaw l-ipotesi b'aktar eżempji, jisiltu regola jew teorija, u finalment jassessjaw il-proċess (Portelli, 2020: 85).

Smith, Sheppard, Johnson u Johnson (2005), juru li permezz tat-tagħlim indirett iwassal għal riżultat:

> Perhaps the strongest conclusion that can be made is the least surprising. Simply put, the greater the student's involvement or engagement in academic work or in the academic experience of college, the greater his or her level of knowledge acquisition and general cognitive development... (p. 88).

Għalhekk, l-għalliema jqisu li dan il-metodu huwa ta' benefiċċju għax fil-fehma tagħhom jekk l-istudenti jistgħu jsibu regola jew teorija huma stess, jista' jkun aktar diffiċli għalihom li jinsew ir-regola milli sempliċement jitgħallmuha mingħand l-għalliema. Jiġifieri, għal għalliema huwa aħjar li tagħmel mistoqsijiet lill-istudenti qabel ma tispjega. Mill-banda l-oħra dan il-metodu huwa wkoll meqjus bħala misteru. Li tibda l-lezzjoni b'tip ta' misteru huwa effettiv ħafna biex tattira l-istudenti fil-klassi. L-istudenti jistgħu jippruvaw isibu teorija, l-istess bħalma jsolvu misteru (Erlam, 2003). Xi vantaġġi tat-tħaddim ta' dan il-metodu huma li: l-istudenti jissaħħu fil-ħila tal-osservazzjoni, fil-ħsieb kreattiv u kritiku; l-istudenti jitgħallmu jsibu kompromess bejniethom biex tittieħed deċiżjoni; jiżviluppaw bosta sensi u intelliġenzi; jiksbu iżjed kunfidenza u fl-aħħar u mhux l-inqas jistgħu wkoll jipparteċipaw fl-evalwar u l-assessjar tax-xogħol tagħhom (Portelli, 2020: 87).

Il-ħaġa moħġaġa hija għodda tajba ħafna għal dan il-metodu, għaliex għalkemm se tiġi użata b'mod indirett biex tgħallem kunċetti u prinċipji oħra, se jkun hemm il-ħtieġa li l-istudenti jħaddmu moħħhom biex joħorġu bis-soluzzjoni ta' din il-logħba bil-kliem sabiex tagħti l-ftuħ tal-lezzjoni, sabiex isservi bħala t-test innifsu jew saħansitra biex tingħalaq il-lezzjoni.

## 4.5 Konklużjoni

Il-ħwejjeġ moħġaġa jintgħoġbu mit-tfal minħabba li joffru opportunità li jesperimentaw bil-lingwa b'modi mhux mistennija jew mhux tas-soltu (Buchoff, 1996). Meta jiġu ppreżentati bil-ħwejjeġ moħġaġa, l-istudenti jfittxu bir-reqqa l-ħjiel li jgħinu jsolvu l-misteru, u jħossu sens ta' twettiq meta tinkiseb it-tweġiba. It-tagħlim indirett jixxiebah ma' avventura, meta l-għalliema bil-mod il-mod jerħu minn idejhom il-kontroll u jħallu f'idejn l-istudenti tagħhom. B'dan it-tip ta' tagħlim, il-kurżità fost l-istudenti titqajjem meta jieħdu sehem weħidhom jew ma' sħabhom stess. Għalkemm il-ħaġa moħġaġa hija meqjusa bħala attività ta' ħin liberu, il-ħwejjeġ moħġaġa fil-fatt għandhom potenzjal kbir fil-klassi għall-iżvilupp ta' ħiliet ta' ħsieb ta' livell għoli, it-tisħiħ tal-ħiliet tal-lingwa u fl-iżvilupp tal-litteriżmu. Permezz tagħha, l-istudenti jistgħu jtejbu l-erba' ħiliet tal-lingwa tagħhom u oqsma oħrajn.

B'dawn iż-żewġ metodi ta' tagħlim se nkun qed inqajjem interess u ħeġġa fost l-istudenti f'din il-logħba bil-kliem. Il-metodi ta' tagħlim huma parti mill-bagalja pedagoġika tal-għalliema. L-għalliema jafu biżżejjed li mudell perfett ma jeżistix għaliex kull lezzjoni trid taddotta l-metodu t-tajjeb sabiex lezzjoni tkun effettiva. Dan

juri li l-għalliema jridu jkunu effettivi billi jagħrfu x'tip ta' pedagoġija se jħaddmu (Portelli, 2020: 65). Fil-kapitlu li jmiss se nkun qed nippreżenta għadd ta' lezzjonijiet marbutin mal-ħwejjeġ moħġaġa permezz taż-żewġ pedagoġiji li ddiskutejt f'dan il-kapitlu.

# Il-Ħames Kapitlu
# Il-Ħaġa Moħġaġa fil-Klassi:
# Ġabra ta' Lezzjonijiet

## 5.0 L-introduzzjoni

F'dan il-kapitlu se nippreżenta ġabra ta' lezzjonijiet b'rabta mal-pjanijiet ta' ħidma misjuba f'Tabelli 9 u 10. Il-lezzjonijiet li ħejjejt huma ta' żewġ tipi: lezzjonijiet qosra biex l-għalliema jisfruttaw il-ħwejjeġ moħġaġa f'lezzjonijiet tal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa Maltija; u sitt lezzjonijiet li jiffurmaw l-unità didattika bl-isem: Il-logħba bil-kliem – il-Ħaġa Moħġaġa. Dawn il-lezzjonijiet varji saru bil-ħsieb li nuri l-potenzjal tal-ħaġa moħġaġa bħala riżorsa li tqanqal interess u kurżità fl-istudenti, daqskemm skop fihom infushom bħala ġeneru letterarju li jagħmel parti mit-tradizzjoni orali u li jixraqlu l-attenzjoni.

## 5.1 Il-ġabra sħiħa tal-pjanijiet tal-lezzjonijiet

Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet se jduru madwar il-ħaġa moħġaġa. Portelli (2020) juri li l-lezzjonijiet marbutin ma' unità didattika huma lezzjonijiet differenti u jikkontribwixxu elementi ġodda marbutin mal-ħaġa moħġaġa. Kull lezzjoni se tibni fuq oħra "jew jelaboraw b'mod spirali l-kontenut ġdid" (Portelli, 2020: 76). Dawn il-lezzjonijiet jiffurmaw 'unità', xi ħaġa sħiħa. L-għalliem ikun jista' jara progressjoni u jevalwa aħjar l-iżvilupp tal-istudenti tiegħu minn lezzjoni għal oħra.

Bdejt billi ħarist lejn is-Sillabu tal-Malti Akkademiku (b.d) mis-seba' livell sal-għaxar livell. Ħarist lejn it-temi li jiġu mgħallma fil-ħiliet u fl-oqsma tal-lingwa fis-

suġġett tal-Malti. Wara dort u stħarriġt l-iskaluni tat-tagħlim tal-Malti (Camilleri Grima, 2001) u kif ukoll lejn il-Kisbiet mit-Tagħlim biex naddatta lezzjonijiet varji għal livelli differenti. Kif jispjegaw Moss u Brookhart (2012), hu importanti li "goals are set at the appropriate level of challenge" (p. 24) fejn l-istudenti jużaw dak li jitgħallmu u jkomplu jibnu fuqu tul il-lezzjonijiet.

Sabiex il-lezzjonijiet ikunu varjati, ġew ippjanati attivitajiet kreattivi li jinħadmu fi gruppi, bejn tnejn, kif ukoll b'mod individwali. Barra minn hekk, intużaw riżorsi differenti (Ara taqsima 5.1.3). Ma naqasx ukoll li jkun hemm varjetà fl-għanijiet tal-lezzjonijiet. B'hekk, l-istudenti jistgħu jiffukaw fuq aspetti differenti u iżjed speċifiċi sabiex it-tagħlim tal-ħaġa moħġaġa ikun iżjed effettiv.

### *5.1.1 L-għanijiet*

Filwaqt li kull lezzjoni jkollha skaluna jew kisba mit-tagħlim, sabiex din tintlaħaq jeħtieġ li tinqasam biċċa biċċa f'numru ta' għanijiet. Kif jispjegaw Portelli u Camilleri Grima (2002: 104), permezz tal-għanijiet l-għalliem ikun jaf fejn se jasal mal-istudenti sa tmiem il-lezzjoni. Walker (2008: 32) toffri gwida tajba ta' xi kwalitajiet jeħtieġ ikollu kull għan. Kull għan irid ikun: speċifiku; jista' jitkejjel; ta' livell li kapaċi jintlaħaq; realistiku kif ukoll li jilħaq isir fil-ħin tal-lezzjoni.

#### *5.1.1.1 L-għanijiet fil-lezzjonijiet tal-unità didattika*

Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet tal-unità didattika tal-ħaġa moħġaġa jibdew bl-għanijiet li jinkludu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li l-istudenti huma mistennija li jiksbu jew jiżviluppaw sa tmiem il-lezzjoni. Kull lezzjoni għandha għan partikolari li tkopri karatteristika waħda biss ta' dak li se jitgħallmu, biex l-istudenti jagħrfu aħjar karatteristiċi tal-ħaġa moħġaġa. Ladarba dawn il-lezzjonijiet huma mmirati għat-tagħlim tal-letteratura fis-sekondarja, il-ħaġa moħġaġa se tiġi ppreżentata lill-istudenti mil-lat letterarju, l-għamla, temi u l-mekkaniżmi letterarji.

#### *5.1.1.2 L-għanijiet fil-lezzjonijiet tat-tagħlim integrat*

Dawk li huma mħejjija għat-tagħlim integrat, l-għan mhuwiex marbut speċifikament mal-ħaġa moħġaġa iżda mal-kontenut ewlieni li se jiġi mgħallem. It-tfassil tal-għanijiet jgħin lill-għalliema fit-tħejjija u b'hekk, it-tagħlim jintlaħaq b'mod aħjar. Madankollu, l-istudenti jkunu iżjed motivati u interessati f'dak li tkun qed twassal l-għalliema fejn huma jagħmlu t-tagħlim tagħhom u b'hekk isiru iżjed kompetenti u kunfidenti (Moss & Brookhart, 2012: 10-11).

### ***5.1.2 L-għażla tal-attivitajiet***

Nassaji u Fotos (2011: 8) jestendu l-fehma tagħhom dwar l-attivitajiet li jsiru waqt il-lezzjonijiet. Huma jemmnu li l-attivitajiet li jiġu ppjanati għall-klassi għandhom ikunu simili tal-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum. B'hekk l-istudenti jħossuhom iżjed komdi fil-klassi għax dak li jkunu qed jagħmlu jkun qed jiġi rifless fid-dinja ta' madwarhom.

Il-lezzjonijiet jinkludu bosta attivitajiet differenti għat-tfal li għandhom jitqiesu ċ-ċentru tat-tagħlim. L-attivitajiet huma kollha msejsa fuq il-logħba tradizzjonali tal-ħaġa moħġaġa.

### *5.1.3 Riflessjoni fuq ir-riżorsi*

Stout (1999) tisħaq ukoll fuq l-importanza li għandha tingħata lir-riżorsi li fuqhom se jinbnew il-lezzjonijiet li jiffurmaw l-unità didattika.

Bosta pedagoġiji saħħqu li waqt il-proċess tat-tagħlim għandu jsir użu minn diversi riżorsi li jappellaw għall-interessi u għall-abbiltajiet tal-istudenti. Permezz tar-riżorsi fil-klassi, il-proċess tat-tagħlim "jitħaffef, jitjieb u jissaħħaħ" (Portelli u Camilleri Grima, 2002: 213). Dan ifisser li r-riżorsi jiffaċilitaw it-tagħlim. McCormack u Pasquarell (2010) jgħidu li l-għalliema għandhom jużaw attivitajiet u riżorsi li jmorru lil hinn mill-ktieb tal-iskola, biex jgħinu lill-istudenti jifhmu aktar u b'modi differenti.

Ma' kull lezzjoni li ħejjejt, inkludejt karti tat-taħriġ sabiex it-tagħlim jinteressa iżjed lill-istudenti. It-testi tal-ħaġa moħġaġa twasslu b'narrazzjoni orali, b'leħħiet, b'PowerPoint, u bi ktieb tal-iskola biex noffri modi differenti. Madanakollu, fassalt bosta karti tat-taħriġ għall-istudenti b'attivitajiet differenti marbutin mal-lezzjoni, sabiex iservu bħala valutar ta' tagħlim u ċċekkjar ta' għarfien. Inkludejt ukoll xi riżorsi viżivi bħal leħħiet u stampi marbuta mal-kliem tal-ħaġa moħġaġa, sabiex nenfasizza t-tagħlim li jidher. Użajt ukoll it-teknoloġija li tgħin "to introduce, reinforce, extend, enrich, assess, and remediate student mastry of curricular targets" (Hamilton, 2007: 20).

B'hekk, il-kompjuters u l-bords interattivi fl-iskejjel jagħtu opportunità lill-għalliema sabiex joffru lill-istudenti riżorsi teknoloġiċi u interattivi waqt il-proċess tat-tagħlim. Betcher u Lee (2009), filwaqt li jagħrfu li għalliema li mhux intiżi fl-użu tat-teknoloġija jistgħu jsibuha ta' sfida biex jużaw il-bord interattiv, jelenkaw numru ta' benefiċċji li għandu l-bord interattiv fit-tagħlim, fosthom: it-tagħlim isir jappella għall-interessi tal-istudenti għaliex jiskopru affarijiet ġodda u l-proċess tat-tagħlim jiffoka aktar fuq l-istudenti u jagħmilhom aktar attivi. Fil-fehma tiegħi, l-għalliema għandhom jużaw ir-riżorsi b'mod għaqli u li se jwassal għall-għan tal-lezzjoni. Użu żejjed ta' riżorsi ma jwassalx għal tagħlim sodisfaċenti.

### *5.1.4 L-assessjar u l-evalwar tat-tagħlim*

Sabiex nara kemm it-tagħlim twassal lill-istudenti kien hemm bżonn tal-assessjar fil-lezzjonijiet ippjanati, aspett vitali f'kull livell ta' edukazzjoni (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 41). Għall-assessjar u l-evalwar tal-litteriżmu żammejt f'moħħi dawn l-erba' mistoqsijiet, li Wray u Medwell (1991: 207) jiktbu dwarhom:

1) Din l-informazzjoni se toffrili xi ħaġa ġdida?
2) Nista' nikseb din l-informazzjoni iżjed faċilment?
3) Din l-istrateġija hija utli fil-klassi?
4) Kif nista' nagħmel assessjar tajjeb mingħajr ma naffetwa ħafna l-ħin tat-tagħlim?

#### *5.1.4.1 L-evalwar summattiv*

Knight u York (2003: 211-214) jisħqu li l-evalwar summattiv ma jinvolvi ebda proċess għaliex isir lejn l-aħħar ta' għadd ta' lezzjonijiet jew fi tmiem ta' programm ta'

tagħlim, ġeneralment permezz ta' xi test jew eżami. Dan l-evalwar iġib miegħu limitazzjonijiet kbar. Ladarba jsir fl-aħħar, ikun diffiċli ferm li l-istudenti jingħatawlhom il-kummenti meħtieġa sabiex fil-lezzjonijiet ta' wara jmorru aħjar. Dan ikompli jikkonferma kemm l-evalwar summattiv mhuwiex ideali, għaliex l-għan tal-unità didattika hu li l-istudenti jħaddmu l-ħiliet varji tagħhom, jikkomunikaw ma' xulxin u jipparteċipaw bis-sħiħ matul il-lezzjonijiet kollha.

### *5.1.4.2 L-assessjar formattiv*

Għaldaqstant, l-assessjar li jsir minn lezzjoni għal oħra, u mhux lejn l-aħħar tal-programm tat-tagħlim biss, jissejjaħ 'assessjar formattiv'. Brookhart (2010: 4-6) iqis l-assessjar formattiv bħala proċess matul medda ta' lezzjonijiet u li fih l-istudenti jiġu ggwidati biex ikomplu jiżviluppaw aktar u jorqmu aħjar il-ħiliet tagħhom. Dan it-tip ta' assessjar mhuwiex prinċiparjament għall-marki, iżda biex l-għalliema jiskopru bil-progress li jkunu qegħdin jagħmlu l-istudenti minn lezzjoni għal oħra.

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012, pp. 15-16) ukoll jisħaq fuq l-importanza tal-assessjar formattiv, jew aħjar l-assessjar 'għat-tagħlim', u mhux l-assessjar 'tat-tagħlim'. Għalhekk inkludejt assessjar formattiv bl-użu tal-karti ta' taħriġ, b'xi attivitajiet ippjanati u bid-domandi waqt il-lezzjonijiet. B'hekk, ir-riżultati jagħtu lok għal titjib fit-tagħlim tal-għalliema, tal-istudenti, kif ukoll mill-iskejjel u l-kulleġġi (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012, p.41). Huwa permezz tal-assessjar formattiv li kull student jingħata l-opportunità sħiħa biex jagħraf il-potenzjal tiegħu u jkompli jsaħħu fl-istess ħin. Fi

tmiem ta' dawn il-lezzjonijiet, ħejjejt test biex iservi bħala assessjar summattiv fuq dak li jkunu tgħallmu matul l-unità didattika.

## 5.2 L-unità didattika tal-'Logħob bil-kliem'

F'dawn is-sitt lezzjonijiet li ħejjejt għat-tagħlim bħala unità tal-ħaġa moħġaġa, huma lezzjonijiet ibbażati fuq karatteristiċi differenti li ssib fil-ħaġa moħġaġa. B'dawn il-lezzjonijiet, l-istudenti jistgħu jitgħallmu iżjed fuq il-karatteristiċi varji li huma inkorporati fil-ħaġa moħġaġa b'mod imtarraġ lezzjoni wara lezzjoni. Qabel tinbeda l-ewwel lezzjoni, tajjeb li jsir stħarriġ ta' bżonn biex l-għalliema jkunu jafu x'jafu diġà l-istudenti dwar din l-unità didattika. Wara t-tielet lezzjoni se jsir assessjar formattiv fuq dak li sar s'issa u fl-aħħar se jsir assessjar summattiv f'forma ta' test. F'Tabella 13 jidher il-werrej tal-lezzjonijiet tal-unità didattika.

| In-numru tal-lezzjoni | It-titlu tal-lezzjoni |
|---|---|
| **L-ewwel lezzjoni** | X'inhi l-ħaġa moħġaġa? |
| **It-tieni lezzjoni** | Il-ġbir u l-użu tal-ħaġa moħġaġa f'Malta |
| **It-tielet lezzjoni** | Il-forma tal-ħaġa moħġaġa |
| **Ir-raba' lezzjoni** | It-temi tal-ħaġa moħġaġa |
| **Il-ħames lezzjoni** | Xi mekkaniżmi fil-ħwejjeġ moħġaġa |
| **Is-sitt lezzjoni** | Il-kitba tal-ħaġa moħġaġa |
| **Is-seba' lezzjoni** | L-evalwar summattiv f'forma ta' test |

Tabella 13: Il-werrej tal-lezzjonijiet tal-unità didattika, 'Il-Logħob bil-Kliem'

L-isem: ________________________________ Id-data: _______________ Il-klassi: _______



### *5.2.1 Lezzjoni numru 1*: *X'inhi l-ħaġa moħġaġa?*

**L-iskaluna:** M'hemmx skaluna

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Ikollhom ħjiel ta' x'inhi l-ħaġa moħġaġa;
- Jagħrfu t-tip ta' logħob bil-kliem li fiha l-ħaġa moħġaġa;
- Jidentifikaw xi tweġibiet ta' ħwejjeġ moħġaġa.

**Ir-riżorsi:** filmat; preżentazzjoni PowerPoint; il-ħaġa moħġaġa; il-karti ta' taħriġ, il-karta tan-nota; envelops; stampi.

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi tgħid ħaġa moħġaġa. L-istudenti se jippruvaw jaħsbu u jaqtgħu t-tweġiba.

1) *Jimxi fejn irid,*
*U jimxi mingħajr saqajn.* (serp)

2) *Mimdud jaħdem,*
*Bilwieqfa jorqod.* (mqass)

3) *Ma tistax iżżommha*
*Iktar minn minuta*
*Għalkemm ħafifa iktar minn rixa.* (nifs)

4) *Hawn ħaġa:*
*Tħares lejha,*
*Tarak u*
*Ma tkellmekx.*

*X'inhija?* (mera)

**L-ewwel pass:** L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti xi nsejħulha din it-tip ta' logħba bil-kliem.

**It-tieni pass:** L-għalliema se turi filmat meħud minn 'Mitkellma'. Fih tidher Claire Agius Ordway u titkellem fuq x'inhi l-ħaġa moħġaġa u l-qtugħ tar-risposti.

**It-tielet pass:** L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti jekk jafux xi wħud minnhom. Min ikun jaf, jista' jaqsamhom mal-kumplament tal-klassi, u l-istudenti jridu jaqtgħu t-tweġiba.

**Ir-raba' pass:** L-istudenti se jinqasmu fi gruppi ta' erba' studenti u kull grupp se jagħżel envelop. F'kull envelop se jkun hemm ħaġa moħġaġa u bejniethom se jiddiskutu sabiex jaqtgħu t-tweġiba. L-għalliema se żżomm il-punti skont kemm-il darba jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba. (Pereżempju: 6 punti: Min jaqtagħha mal-ewwel darba, 5 punti: min jipprova darbtejn, u l-bqija)

**Il-ħames pass:** L-għalliema se turi preżentazzjoni Powerpoint fuq dak li ntqal illum.

**Is-sitt pass:** L-għalliema se tqassam in-nota dwar il-ħaġa moħġaġa.

**Is-seba' pass:** L-għalliema se tispjega x-xogħol għad-dar li jikkonsisti minn logħba żgħira fejn huma jridu jippruvaw jaqtgħu t-tweġibiet tal-ħwejjeġ moħġaġa mogħtija.

**L-għeluq:** L-għalliema se twaħħal xi stampi fuq il-*whiteboard* flimkien mal-ħwejjeġ moħġaġa. L-istudenti jridu jqabblu l-istampa (it-tweġiba tal-ħaġa moħġaġa) mal-ħaġa moħġaġa t-tajba.


X'INHI
L-ĦAĠA MOĦĠAĠA?


1) Il-ħaġa moħġaġa hija logħba bil-kliem li kienet tingħad minn fomm għal fomm.
2) Din tkun magħmula minn għadd ta' kliem u versi ta' qisien differenti.
3) Tagħti ħjiel dwar xi ħaġa li s-semmiegħ irid jaqta' x'inhi.
4) Ir-risposta tkun dwar affarijiet li jinsabu fil-ħajja tagħna ta' kuljum fosthom:
• Annimali
• Ikel
• Xorb



**Jimxi fejn irid,**

**U jimxi mingħajr saqajn**



**Mimdud jaħdem**

**Bilwieqfa jorqod**



**Ma tistax iżżommha**

**Iktar minn minuta**

**Għalkemm ħafifa iktar minn rixa**



**Hawn ħaġa:**

**Tħares lejha,**

**Tarak u**

**Ma tkellmekx**

**X'inhija?**

L-isem: ______________________________ Id-data: _______________ Il-klassi: _______

**Aħseb u qabbel il-ħaġa moħġaġa mal-istampi mgerfxin li qed jirrappreżentaw t-tweġiba billi tikteb in-numru taħt l-istampa.**



**BIDU**

*1) Imsakkra ġo fik,*
*U jistgħu jisirquhielek.*

*2) Filgħodu nużawhom,*
*Filgħaxija nneħħuhom.*

*3) Bajda daqs is-silġ,*
*Tarmi l-ilma u għajn mhijiex.*

*4) Bilwieqfa lejl u nhar*
*U siġġu għalija*
*M'hemmx id-dar.*

*5) B'żewġ widnejn*
*U ma tisma' minn xejn.*

*6) Biex itihulek*
*Irid jeħodulek.*



**TMIEM**

 ________

 ________

 ________

 ________

 ________

 ________

© 2020 Michela Saliba

### ***5.2.2 Lezzjoni Numru 2:*** *Il-ġbir u l-użu tal-ħaġa moħġaġa f'Malta*

**L-iskaluna:** 7.1.8 Jesprimu r-respons tagħhom għall-qari ta' xi testi letterarji b'mezzi u b'forom differenti

**L-għanijiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jidentifikaw l-użu tal-ħaġa moħġaġa fl-imgħoddi;
- Jidentifikaw l-użu tal-ħaġa moħġaġa llum;
- Jesponu ruħhom għal xi wħud mill-ħwejjeġ moħġaġa

**Ir-riżorsi:** bord interattiv; preżentazzjoni PowerPoint; filmat; il-karti ta' taħriġ.

**Lezzjoni preparatorja:** L-għalliema se taqsam il-klassi fi gruppi żgħar biex kull grupp jagħmel tiftixa li se tiġi ppreżentata f'lezzjoni oħra. L-istudenti se jinqasmu fi gruppi ta' erbgħa; l-ewwel grupp, se jfittex fuq l-użu tal-ħaġa moħġaġa fl-imgħoddi; it-tieni grupp fuq Cassar Pullicino u x-xogħol tiegħu; it-tielet u r-raba' grupp se jħejju żewġ ċarts b'diversi ħwejjeġ moħġaġa differenti. L-għalliema se tagħtihom materjal u sorsi oħra minn fejn l-aħjar li jfittxu għall-preżentazzjonijiet tagħhom; fosthom kotba, artiklu, filmati u sorsi oħra elettroniċi. Hija se tiċċekkja x-xogħol tagħhom qabel ma jintwera fil-klassi. Huma jistgħu jużaw diversi metodi u forom differenti kif jippreżentaw ix-xogħol tagħhom.

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi turi filmat qasir ta' anzjani jgħidu l-ħwejjeġ moħġaġa lil xulxin fil-pjazza tar-raħal.

**L-ewwel pass:** L-għalliema se titlob lill-ewwel grupp biex joħroġ jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom fuq dak li sabu dwar l-użu tal-ħaġa moħġaġa

**It-tieni pass:** L-għalliema se titlob lit-tieni grupp biex joħroġ jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu fuq dak li sabu fuq min kien il-folklorista Ġużé Cassar Pullicino.

**It-tielet pass:** Se jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet, kummenti u kif ukoll diskussjoni fil-klassi fuq dak li ntqal.

**Ir-raba' pass:** L-għalliema se turi preżentazzjoni qasira bi ftit punti qosra dwar l-affarijiet li jkunu qalu l-istudenti stess biex tiġbor kollox f'daqqa.

**Il-ħames pass:** L-għalliema se tqassam in-nota dwar il-ħaġa moħġaġa.

**Is-sitt pass:** L- għalliema se tispjega x-xogħol għad-dar li jikkonsisti minn tisliba.

**Is-seba' pass:** L-għalliema se tgħid lill-istudenti biex jagħmlu ċirku żgħir bis-siġġijiet f'xi rokna fil-klassi liż-żewġ gruppi li għamlu l-preżentazzjoni.

**L-għeluq:** Iż-żewġ gruppi li fittxew iżjed ħwejjeġ moħġaġa u ħejjew iċ-ċarts se jgħidu l-ħwejjeġ moħġaġa u l-gruppi se jippruvaw jaqtgħu x'inhi t-tweġiba. Min jaqta' l-iżjed jirbaħ! Wara, iċ-ċarts se jitwaħħlu fil-klassi.

# L-UŻU TAL-ĦAĠA MOĦĠAĠA

1) Fl-imgħoddi, minbarra t-tfal kont issib ukoll nies adulti li wara l-ikel jew filgħaxijiet kienu jintefgħu barra jqattgħu l-ħin jgħidu l-ħwejjeġ moħġaġa.

2) Min jaqtgħha, kien jgħid waħda hu lill-oħrajn biex dawn iħabblu rashom u jaqtgħu t-tweġiba.



3) Il-ħaġa moħġaġa ilha teżisti minn żmien ilu ħafna.

4) Ġużè Cassar Pullicino ġabar għadd ta' ħwejjeġ moħġaġa minn postijiet differenti f'Malta u Għawdex.

5) Hu ppubblikahom f'erba' kotba żgħar *Il-Folklore ta' Malta u Għawdex.*

6) Xi wħud minnhom baqa' jiftakarhom minn tfulitu u oħrajn semagħhom mingħand irġiel kbar. Oħrajn qaluhomlu ħbieb tiegħu stess.






7) Il-ħaġa moħġaġa hija l-iktar waħda li ddum biex tmut għax tista' tingħad f'kull żmien minn kull poplu.

8) L-ebda ħaġa moħġaġa Maltija ma titkellem fuq suġġett li mhix fil-gżira tagħna.

9) Riċentament, din hija logħba li jieħdu gost biha t-tfal.

10) Cassar Pullicino jgħid li mill-ħwejjeġ moħġaġa joħroġ bħal tagħlim fuq regoli biex iwessa' l-moħħ, iħaffef u jgħaġġel il-pronunzja u jkabbar l-għerf tal-bniedem.

# XI EŻEMPJI


Ħalqha miftuħ,
ilsienha barra,
Daqqa tifraħ u
daqqa tibki.
Ħamra nar, nar mhijiex,
Ħadra ħaxix, ħaxix mhijiex,
Fiha l-ilma, għajn mhijiex.
ĦAĠA MOĦĠAĠA
Filgħodu fuq erbgħa,
F'nofsinhar fuq tnejn,
U filgħaxija fuq tlieta.
Xwejjaħ mimdud dejjem jiċċaqlaq,
Ma jqaxxarx leħja u jagħmel ir-ragħwa,
Daqqa jqum u daqqa jorqod
Sieħba tiegħu ramla.

L-isem: _______________________________ Id-data: ______________ Il-klassi: __________

**Kompli din it-tisliba.**




**MIMDUDIN**

2 Il-ħaġa moħġaġa hija għat-tfal biss. Veru jew falz? [4]

4 il-ħaġa moħġaġa hija parti mit-tradizzjoni _____________ [5]

6 Il-ħaġa moħġaġa tirrikjedi l-ħsieb biex tinqata' t-tweġiba. Veru jew falz? [4]

7 Il-ħaġa moħġaġa hija logħba bil-kliem li tingħad minn fomm għal __________ [4]

**WEQFIN**

1 Min kien dak li ppubblika l-ħwejjeġ moħġaġa f'erba' kotba? [15]

3 Kull ħaġa moħġaġa Maltija titkellem fuq suġġetti li jinsabu fil-__________ Maltija. [5]

5 Aqta' din il-ħaġa moħġaġa: Tinżel fl-ilma u ma tixxarrabx. [4]

© 2020 Michela Saliba

### ***5.2.3 Lezzjoni Numru 3:*** *Il-forma tal-ħaġa moħġaġa*

**L-iskaluna:** 7.3.1 Janalizzaw u jevalwaw l-istrutturi rikorrenti f'testi letterarji skont ġeneri differenti

**L-għanjiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jifhmu li l-ħaġa moħġaġa magħmula minn għadd ta' versi
- Jagħrfu t-tip ta' rima li titħaddem f'ħaġa moħġaġa

**Ir-riżorsi:** bord interattiv; każett żgħir; markers; karti tat-taħriġ; karti tan-noti

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi tagħti eżempji ta' ħaġa moħġaġa li t-tweġiba tagħhom hija marbuta ma' annimal. L-istudenti jridu jippruvaw jaqtgħu t-tweġibiet.

**L-ewwel pass:** L-għalliema se tqassmilhom ħwejjeġ moħġaġa differenti marbutin mal-annimali.

**It-tieni pass:** L-istudenti se jaqraw biċċa kull wieħed. Kif jaqrawha, se jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba marbuta ma' kull strofa permezz tal-istampi mal-ġenb.

**It-tielet pass:** L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti dwar il-versi u r-rima li hemm fil-ħwejjeġ moħġaġa. L-għalliema se tistaqsi:

- Kemm fiha versi kull strofa?
- Hemm xi kliem li jirrima? Liema huwa dan il-kliem?
- X'tip ta' rima hija din?
- Qed taraw xi tip ta' ripetizzjoni?

**Ir-raba' pass:** L-għalliema, fuq il-bord interattiv, se turi xi ħwejjeġ moħġaġa oħra marbuta mal-annimali sabiex l-istudenti joħorġu d-differenzi bejn il-versi u r-rima. L-għalliema se tispjega wkoll it-tipi ta' rimi li jidhru fil-ħwejjeġ moħġaġa.

**Il-ħames pass:** L-għalliema se tqassam ix-xogħol fil-klassi. Dan se jkun magħmul minn ħwejjeġ moħġaġa differenti u l-istudenti jridu jkompluhom huma billi jżommu r-rima.

**Is-sitt pass:** F'dan il-pass, l-għalliema se tqassam in-nota marbuta ma' din il-lezzjoni.

**Is-seba' pass:** L-għalliema se tispjega x-xogħol għad-dar marbut mal-lezzjoni tal-lum

**L-għeluq:** L-għalliema se ttella' isem permezz ta' polza u l-istudent/a li jitla' jew titla' trid tanalizza l-ħaġa moħġaġa u tipprova tiddeskrivi t-tip ta' rima, il-versi u karatteristiċi oħra marbuta mal-ħaġa moħġaġa.

# ĦAĠA MOĦĠAĠA



*Tarani fl-arja u minix tajra.*

*Tarani ntir u m'għandix rix,*

*Flok munqar jiena snien għandi,*

*Miniex bħat-tajr għax bajd ma nbidx.*



*It-tnejn bil-qoxra,*

*Mhux bħal xulxin,*

*U jgħixu mbegħdin.*



*Taħdem lejl u nhar*

*U bix-xogħol tagħha*

*Tħammeġ id-dar.*

© 2020 Michela Saliba

L-isem: ____________________________ Id-data: _____________ Il-klassi: ______

# ĦWEJJEĠ MOĦĠAĠA B'DIFFERENZA

**Int ġejt magħżul/a biex tbiddel dawn il-ħwejjeġ moħġaġa u tagħmilhom differenti! Jekk se żżomm ir-rima, fl-aħħar immarka ma' liema kliem qed jirrimaw.**



Meta naħdem

Jew inżaqżaq jew intaptap;

Meta ma naħdimx

________________________________

(żarbun)

Ħaġa tiegħek

________________________

(ismek)

Tonda bħad-dinja, dinja mhijiex,

________________________________

Ħadra ħaxix, ħaxix mhijiex,

Tarmi l-ilma, għajn mhijiex.

(dulliegħa)



© 2020 Michela Saliba

L-isem: ________________________________ Id-data: _______________ Il-klassi: ________

**Ħares lejn dawn iż-żewġ ħwejjeġ moħġaġa u ikteb paragrafu qasir dwar id-differenzi fil-versi, ir-rima u r-ripetizzjonijiet li jista' jkun fihom.**

| | |
|---|---|
| 1 | **Ommi kellha tarbija**<br>**La kienet oħti**<br>**U lanqas ħija. – (Jien)** |

| | |
|---|---|
| 2 | **Bla saqajn u jasal,**<br>**Bla ġwienaħ u jtir,**<br>**Biex itir jew jimxi**<br>**Inti trid ittih tir. – (Ballun)** |

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

### *5.2.4 L-assessjar formattiv*

L-isem: ____________________________________ Id-data: _________________ Il-klassi: ________

**Niżżel fit-tabella t'hawn taħt:**

- **3 affarijiet li tgħallimt s'issa**
- **2 affarijiet li ma kontx qed tistenna li ssir taf**
- **Xi ħaġa waħda li se tibda tagħmel minn dak li tgħallimt**

| | |
|---|---|
| 3 | • <br>• <br>• |
| 2 | • <br>• |
| 1 | • |

### *5.2.5 Lezzjoni Numru 4: It-temi tal-ħaġa moħġaġa*

**L-iskaluna:** 7.1.3 Jidentifikaw u jikkumentaw dwar it-tema jew it-temi ta' xogħol letterarju

**L-għanjiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Isiru midħla ta' xi wħud mit-temi (għamara u bżonnijiet oħra tad-dar; ilbies; annimali; ikel u xorb)
- Jidentifikaw xi elementi u xebh li jkun fihom il-ħwejjeġ moħġaġa

**Ir-riżorsi:** kwiżż; bord interattiv; bord; markers; il-karti ta' taħriġ; il-karta tan-nota; karti vojta; kuluri.

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi taqsam il-klassi fi gruppi żgħar sabiex tħejji għal-kwiżż qasir. Hija se taqsam il-bord f'kolonni bl-ismijiet ta' kull grupp sabiex tniżżel il-punti.

**L-ewwel pass:** L-istudenti fi gruppi, se jingħataw karta ta' taħriġ b'għadd ta' ħwejjeġ moħġaġa marbuta mal-għamara u bżonnijiet oħra tad-dar mingħajr ma jkunu jafu. Se tagħti 5 minuti ċans biex jagħmlu dan flimkien.

**It-tieni pass:** L-għalliema se tistaqsi lill-ewwel grupp li jlesti bex jagħti t-tweġibiet tiegħu.

**It-tielet pass:** Kif l-attività tkun lesta, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti biex jinnutaw x'kienu t-tweġibiet. Permezz ta' dan, l-istudenti se jaslu għat-tema tal-għamara u bżonnijiet oħra tad-dar.

**Ir-raba' pass:** L-għalliema se ssemmi li hemm kategoriji oħra li l-ħwejjeġ moħġaġa jaqgħu fihom fosthom: annimali, ilbies, ikel u xorb. L-għalliema se turi wkoll ix-xebh li jkun hemm fil-ħwejjeġ moħġaġa ma' elementi oħra, pereżempju xebh mal-kuluri, xebh ma' familja u oħrajn.

**Il-ħames pass:** L-għalliema se tispjega x-xogħol fil-klassi.

**Is-sitt pass:** F'dan il-pass, l-istudenti fl-istess gruppi li kienu qabel se jiktbu n-nota oriġinali tagħhom.

**Is-seba' pass:** L-għalliema se tispjega x-xogħol għad-dar marbut mal-lezzjoni tal-lum. L-għalliema se tintroduċi s-sit elettroniku Kahoot lill-istudenti. Fi gruppi jridu jfittxu ħwejjeġ moħġaġa differenti li jaqgħu taħt it-tema tagħhom biex flimkien iħejju kwiżż żgħir u b'hekk ikunu jistgħu jagħmluh f'lezzjoni oħra.

**L-għeluq:** L-għalliema se tgħid ħaġa moħġaġa waħda u l-istudenti fl-istess gruppi li kienu se jpinġu l-elementi u x-xebh li jiġu f'moħħhom waqt li qed jisimgħu l-ħaġa moħġaġa. Fl-aħħar, se jippreżentawhom lil sħabhom stess.

# AQTA' DAWN IL-ĦWEJJEĠ MOĦĠAĠA

**1)**

*Bilwieqfa lejl u nhar,*

*U siġġu għalija*

*M'hemm id-dar.*

**2)**

*Idur kemm idur qatt ma jistordi,*

*Imma jekk toqgħod tħares lejh jistordik.*

**4)**

*Oġġett tond,*

*Mimli toqob*

*U jarmi l-ilma.*

**5)**

*Bi nhar tistrieħ,*

*U bil-lejl taħdem.*

**3)**

*Tħares lejha,*

*Tarak*

*U ma tkellmekx.*

*X'inhi?*

**6)**

*Bi tliet saqajn u ma timxix,*

*Bil-wiċċ u ma tidħakx,*

*Bin-nies madwarha u ma tarax.*

© 2020 Michela Saliba

L-isem: ______________________________ Id-data: __________________ Il-klassi: __________

**Qabbel dawn il-ħwejjeġ moħġaġa mal-elementi u x-xebh li jinsabu fihom.**

**Jiġru** kemm **jiġru,**

Fejn ikunu jibqgħu. – (Għajnejn)

**Liebsa** vjola

U **kappell** aħdar. – (Brunġiela)



**Il-mara** bilwieqfa,

**Il-missier** mimdud,

U **t-tfal** jaħdmu. – (Xkupa)

Platt bil-**frawli,**

Felli **larinġa,**

Tqiegħdu wiċċu ʾl isfel,

U ma jaqax. – (Sema bnazzi billejl)

Minn barra **bajda,**

Minn ġewwa **kannella,**

U meta ttiha n-nar issir **ħamra**. –(Sigarett)



**L-ilbies**

**Ir-relazzjonijiet ma' tal-familja**

**Il-frott**

**Il-partijiet tal-ġisem**

**Il-kuluri**

© 2020 Michela Saliba

### *5.2.6 Lezzjoni Numru 5: Xi mekkaniżmi fil-ħaġa moħġaġa*

**L-iskaluna:** 7.4.6 Jużaw b'għaqal it-terminoloġija adatta meta jiġu biex japprezzaw xi test letterarju

**L-għanjiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Isiru midħla ta' mekkaniżmi letterarji fosthom il-metafora, l-aspett tan-negattiv, il-kontradizzjoni u l-omonimija;
- Jagħrfu dawn il-mekkaniżmi differenti mħaddmin fil-ħaġa moħġaġa u l-effett tagħhom.

**Ir-riżorsi:** logħba bil-bord interattiv; il-karti ta' taħriġ; filmat; kartini; ħwejjeġ moħġaġa; il-karta tan-nota.

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti jekk jafux x'inhi metafora. Huma jistgħu jagħtu xi eżempji differenti minn dak li qraw fil-letteratura jew eżempji oħra inġenerali.

**L-ewwel pass:** L-għalliema se taqra ħaġa moħġaġa u l-istudenti jridu jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba. Wara, l-għalliema se tistaqsihom jekk fihiex metafora. L-għalliema se tistaqsi:

- X'inhi t-tweġiba?
- Fiha metafora din il-ħaġa moħġaġa?
- Liema hija?
- Ma' xiex inhi mqabbla?

**It-tieni pass:** L-għalliema, se tpoġġi leħħiet differenti fuq il-mejda bi ħwejjeġ differenti miktubin.

**It-tielet pass:** Xi studenti se jmorru jieħdu kartina u jaqraw il-ħaġa moħġaġa. Il-kumplament tal-klassi trid tipprova taqta' x'inhi t-tweġiba u flimkien mal-għalliema se jsiru jafu x'inhuma l-mekkaniżmi letterarji mħaddmin u x'inhu l-iskop u l-effett tagħhom fil-ħaġa moħġaġa biex tagħmilha ambigwa għall-aħħar.

Eż: *Ma tistax iżżommha*
*Iktar minn minuta*
*Għalkemm ħafifa iktar minn rixa.* (Nifs) – **Metafora**

*Tista' tkun bajda u bajda mhix,*
*Tista' tkun sewda u faħma mhix,*
*Tista' tkun fil-għoli u arblu mhix,*
*Tista' tkun ħelwa u ħelwa mhix.* (Għenba) – **L-aspett tan-negattiv**

*Aktar ma tixxotta*
*Aktar tixxarrab*. (Xuguman) – **Kontradizzjoni**

*Tiżbogħha kif tiżbogħha,*
*Bajda tibqa'.* (Bajda) – **Omonimi**

**Ir-raba' pass:** L-għalliema se turi filmat minn 'Mitkellma' dwar il-ħwejjeġ moħġaġa. Hija se ssemagħlhom xi wħud minnhom u flimkien se ssir diskussjoni dwar x'inhi t-tweġiba u kif ukoll il-mekkaniżmu letterarju li qed jintuża.

**Il-ħames pass:** L-għalliema se tqassam in-nota marbuta mal-mekkaniżmi varji.

**Is-sitt pass:** L-għalliema se tfiehem ix-xogħol għad-dar. L-istudenti jridu jpinġu u kif ukoll jinnutaw x'mekkaniżmu qed jintuża fil-ħaġa moħġaġa.

**L-għeluq:** Se ssir logħba fuq il-bord interattiv. L-istudenti se jaqraw il-ħaġa moħġaġa u imbagħad jagħrfu liema huwa l-mekkaniżmu letterarju mħaddem fil-ħaġa moħġaġa billi jqabbluha miegħu.

*Ma tistax iżżommha*
*Iktar minn minuta*
*Għalkemm ħafifa iktar minn rixa.*
(Nifs)

*Tista' tkun bajda u bajda mhix,*
*Tista' tkun sewda u faħma mhix,*
*Tista' tkun fil-għoli u arblu mhix,*
*Tista' tkun ħelwa u ħelwa mhix.*
(Għenba)

*Aktar ma tixxotta*
*Aktar tixxarrab.*
(Xuguman)

*Tiżbogħha kif tiżbogħha,*
*Bajda tibqa'.*
(Bajda)

L-isem: ______________________________ Id-data: __________________ Il-klassi: __________

**Aqra l-ħaġa moħġaġa u ikteb it-terminu letterarju li qed jintuża fl-ispjazju pprovdut. Wara, ipprova aħseb x'inhi t-tweġiba u pinġiha fil-kaxxa l-vojta.**

**Ħaġa Moħġaġa:**

*Ħamra nar, nar mhijiex,*

*Ittir fl-ajru, għasfur mhijiex.*

X'terminu letterarju fiha?

________________________________

**Ħaġa Moħġaġa:**

*Tnejn jaħdmu,*

*Tnax mistrieħa,*

*Wieħed jixxejjer,*

*U kulħadd għassa tiegħu.*

X'terminu letterarju fiha?

________________________________

© 2020 Michela Saliba

### ***5.2.7 Lezzjoni Numru 6:*** *Il-kitba tal-ħaġa moħġaġa*

**L-iskaluna:** M'hemmx skaluna

**L-għanjiet:** Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jitgħallmu kif għandhom jaħsbu f'xi kuntrasti u ideat differenti biex jiktbu ħaġa moħġaġa

**Ir-riżorsi:** il-karti ta' taħriġ; il-karta tan-nota; skutella; leħħiet; dizzjunarju; bord interattiv; preżentazzjoni Powerpoint.

**Il-ftuħ:** L-għalliema se tiftaħ il-lezzjoni billi tpoġġi ġo skutella għadd ta' leħħiet b'mistoqsijiet fuqhom bħal:

- X'inhi l-ħaġa moħġaġa?
- Kemm ikun fiha versi?
- Ġieli jkollha rima?
- X'inhuma l-iktar temi komuni li ltqajna magħhom?
- X'inhuma ftit mit-termini letterarji li sibna fil-ħwejjeġ moħġaġa?

**L-ewwel pass:** L-għalliema se tqabbad xi studenti biex jiġu jieħdu leħħa u jaqrawha. Bħala klassi sħiħa se ssir diskussjoni fuq dawn il-mistoqsijiet.

**It-tieni pass:** L-għalliema se tgħid ħaġa moħġaġa u tikteb il-kliem muftieħ fuq il-bord. L-għalliema se tfiehem ukoll xi kliem li forsi huwa ġdid għalihom.

**It-tielet pass:** L-għalliema se tagħti ċans lill-istudenti biex jaħsbu x'inhi t-tweġiba u hija se tikteb it-tweġibiet fuq il-bord. Se tħalli mbagħad f'idejn l-istudenti biex jiddiskutu bejniethom liema hija t-tweġiba u fl-aħħar tfissirha wkoll.

**Ir-raba' pass:** L-għalliema se turi pass pass kif l-istudenti għandhom jiktbu ħaġa moħġaġa huma permezz ta' preżentazzjoni PowerPoint.

**Il-ħames pass:** L-għalliema se taqsam il-klassi f'erba' gruppi. Hija se tispjega li kull grupp irid jikteb ħaġa moħġaġa billi l-ewwel jaħseb fit-tweġiba imbagħad jibni l-versi billi jdaħħal xi termini letterarji milli tgħallmu fil-lezzjoni li għaddiet sabiex jagħmluha iżjed diffiċli biex tinqata' t-tweġiba.

**Is-sitt pass:** L-għalliema se tqassam in-nota marbuta mal-ippjanar ta' kitba ta' ħaġa moħġaġa.

**Is-seba' pass:** L-għalliema se tfiehem ix-xogħol għad-dar. L-istudenti jridu jaħsbu fi tweġiba li tibda bl-ewwel ittra ta' isimhom u jiktbu ħaġa moħġaġa fuqha.

**L-għeluq:** Kull grupp se joħroġ fuq quddiem tal-klassi u se jippreżenta lil sħabu l-ħaġa moħġaġa li fasslu flimkien. Il-kumplament ta' sħabhom se jippruvaw jaqtgħu x'inhi t-tweġiba.

Fil-lezzjoni li jkun imiss, se nagħmel użu mill-evalwar summattiv billi nagħti lill-istudenti test dwar dak li tgħallmu fil-lezzjonijiet li għaddew.


IL-KITBA TA'
ĦAĠA MOĦĠAĠA


SEGWI DAWN IL-PASSI
1) Ibda billi taħseb fit-tweġiba; agħżel xi ħaġa li tixtieq tikteb fuqha (oġġetti, annimali, ikel u affarijiet oħrajn)
2) Ikteb dak kollu li jiġik f'moħħok meta taħseb fit-tweġiba.
3) Aqbad tliet kelmiet importanti li ktibtu fittixhom f'teżawru jew dizzjunarju biex issib sinonimi għal dak il-kliem


4) Ipprova iddeskivi t-tweġiba mill-perpettiva tagħha billi tuża sentenzi bħal:
- Jiena nidher bħal....
- Jiena ninstema bħal...
- Lili ssibni....
- Jien għandi....
- Jiena...
- Jiena nħoss...
5) Tinsiex tuża xi terminu letterarju minn dak li tgħallimna wkoll bħal metafora, kontradizzjoni u oħrajn.


F'IDEJKOM!


• Fi gruppi se taħsbu f'xi tip ta' ikel. Tgħidux lill-gruppi l-oħrajn!
• Iktbu minn tal-inqas sitt affarijiet li jiddeskrivu l-ikel tagħkom.
• Aħsbu kif se tiddeskrivu l-ikel tagħkom bħal:
- Jaħraq jew kiesaħ?
- Artab jew iebes?
- Ħelu, morr, qares..?
- X'kulur hu?
• Daħħlu xi terminu letterarju wkoll.

L-isem: ____________________________ Id-data: _________________ Il-klassi: __________

# IL-ĦAĠA MOĦĠAĠA TIEGĦEK

**Ippjana l-kitba tal-ħaġa moħġaġa.**

**1) Agħżel it-tweġiba**

_______________________

**2) Niżżel dak kollu li jiġik f'moħħok fuq it-tweġiba li għazilt fil-kaxxa t'hawn taħt.**

**3) Agħżel tliet kelmiet u fittixhom fid-dizzjunarju. Sib xi sinonimi ġodda.**

| **Il-kelma** | **Sinonimi** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

**4) Aħseb mill-perspettiva tat-tweġiba li għażilt u ddeskrivih.**

**5) Uża xi termini letterarji**

Terminu letterarju:

____________________

____________________

**Eżempju:**

L-isem: ____________________________ Id-data: _________________ Il-klassi: __________

# IL-ĦAĠA MOĦĠAĠA TIEGĦEK

**Ikteb il-ħaġa moħġaġa tiegħek f'dan il-messaġġ t'hawn taħt lil ħabib tiegħek.**




© 2020 Michela Saliba

### *5.2.8 L-evalwar summattiv*

**Il-Malti** **Il-Ħin: 40 minuta**

**Isem:______________________________** **Klassi:_______________**

# IL-ĦAĠA MOĦĠAĠA

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1) Wieġeb il-mistoqsijiet kif mitlub

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| IL-MISTOQSIJA | A | B | Ċ | D | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| IL-MARKI | 4 | 6 | 10 | 5 | 25 |
| IL-MARKI TAL-ISTUDENT/A | | | | | |

L-isem: ___________________________ Id-data: ________________ Il-klassi: _________

# TEST

## A) Aqra sew u agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Il-ħaġa moħġaġa hija ______________________________:

a) poeżija qasira

b) logħba bil-kliem

ċ) biċċa minn lirika ta' kanzunetta

2. ______________________________ ġabar ġabra ta' ħwejjeġ moħġaġa.

a) Ġużé Cassar Pullicino

b) Mikiel Anton Vassalli

ċ) Rużar Briffa

3. Il-ħaġa moħġaġa tkun magħmula minn:

a) 2 versi u b'rima mqabbża dejjem

b) 4 versi u bla rima

ċ) versi differenti li jistgħu jkunu jirrimaw u jistgħu ma jirrimawx.

4. Aħseb f'żewġ temi li l-ħaġa moħġaġa tidħol fihom:

- ____________________________
- ____________________________ (4 marki)

© 2020 Michela Saliba

## B) Agħżel WAĦDA bejn dawn iż-żewġ ħwejjeġ moħġaġa u wara ikteb kif mitlub.

| 1) Ħaġa Moħġaġa: | 2) Ħaġa Moħġaġa: |
|---|---|
| *Taqa' minn fuq sur,*<br>*U qatt ma tkorri.* – (Tibna) | *Intir u m'għandix ġwienaħ,*<br>*Nibki imma m'għandix għajnejn,*<br>*U d-dlam jiġri warajja.* – (Sħaba) |

**Numru:** __________

**Ikteb paragrafu qasir billi ssemmi dawn il-punti:**

a) L-għamla tal-ħaġa moħġaġa

b) It-tema

ċ) Elementi u x-xebh ma' affarijiet oħrajn.

d) Il-mekkaniżmi li qed jintużaw billi tispjega x'inhu l-użu tagħhom fil-ħaġa moħġaġa.

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

(6 marki)

© 2020 Michela Saliba

## Ċ) Agħżel WAĦDA bejn dawn iż-żewġ tweġibiet billi tagħmel ċirku u pprova oħloq ħaġa moħġaġa b'dak li tkun għażilt.

**1) Ballun** **2) Ġurdien**

**Niżżel il-punti u dak kollu li jiġik f'moħħok f'din il-kaxxa t'hawn taħt. Wara ikteb il-ħaġa moħġaġa tiegħek fil-kaxxa ta' taħtha.** (10 marki)



## D) Aqta' din il-ħaġa moħġaġa. (5 marki)

Ħaġa Moħġaġa:

*Jitwieled twil,*

*Imut qasir.*

**Tweġiba:** ______________________________

© 2020 Michela Saliba

## 5.3 Il-pjanijiet tal-lezzjoni f'lezzjoni bħala tagħlim integrat tal-ħaġa moħġaġa

Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet ħloqthom fuq il-mudell li toffri Calkins, l-awtriċi ta' *The Art of Teaching Writing* (1994). Hi ħolqot il-format tal-*mini-lesson*, magħrufa bil-Malti bħala lezzjoni f'lezzjoni.

Din l-għamla ta' attività fi ħdan lezzjoni hija maqsuma f'erba' stadji: ir-rabta, it-tagħlim dirett, l-involviment u l-ħoloq. Ir-rabta ssir billi tistaqsi lill-istudenti dak li tgħallmu fil-lezzjoni ta' qabel. L-iskop huwa li tagħmel konnessjonijiet ma' għarfien li diġà kisbu fil-lezzjonijiet ta' qabel. It-tagħlim dirett huwa jsir billi l-għalliema tgħid lill-istudenti x'se jkun qed isir billi ngħidu aħna, "Illum jien se ngħallem...", "Ara lili nagħmel...". F'lezzjoni f'lezzjoni l-għalliema tista' titlob lill-istudenti biex jaħdmu fi gruppi żgħar jew f'pari dak li jiġi mitlub minnhom. Matul dan, assessjar formattiv huwa meħtieġ biex jiddetermina jekk l-istudenti għandhomx bżonn ta' iktar prattika jew humiex lesti biex jimxu b'mod indipendenti. Fl-aħħar stadju nsibu l-ħoloq. Dawn jgħinu biex l-istudenti jerġgħu jiftakru l-aspetti li ġabru mill-osservazzjonijiet tagħhom waqt il-lezzjoni.

Dawn il-lezzjoni f'lezzjoni se jkunu jinkludu l-elementi bażiċi fosthom bħat-titlu, l-għanijiet u r-riżorsi. Wara se nkun qed norbot il-kontenut li se jiġi mgħallem ma' lezzjonijiet li saru diġà qabel biex b'hekk ikun hemm tip ta' kontinwità. Permezz tal-ħwejjeġ moħġaġa se nkun qed noħroġ it-tinqija minnhom stess. Il-ħwejjeġ moħġaġa li għażilt huma umoristiċi għaliex fihom hemm skambju umoristiku ta' kliem. Dan

iseħħ meta kelma jkollha iżjed minn tifsira waħda u li dan it-tifsir għandu xebh fil-ħoss li b'hekk joħloq sens ta' umoriżmu, hekk kif dak li qed jipprova jaqta' t-tweġiba jsir jaf x'inhi t-tweġiba. Wara se nkun qed nispjega x'se jkun l-involviment tal-istudenti u x'inhu mistenni minnhom f'dan it-tagħlim. Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-ħoloq se jgħinu biex joħolqu tifkira qasira ta' dak li jkun sar fil-lezzjoni u b'hekk l-istudenti jiftakruha. F'Tabella 14 jidher il-werrej tal-lezzjoni f'lezzjoni fil-kuntest ta' lezzjonijiet usa' tal-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa.

| In-Numru tal-Lezzjoni | Il-Qasam/Ħila |
|---|---|
| **L-ewwel lezzjoni** | Il-Grammatika |
| **It-tieni lezzjoni** | Is-Smigħ |
| **It-tielet lezzjoni** | Il-Kitba |
| **Ir-raba' lezzjoni** | It-Taħdit |
| **Il-ħames lezzjoni** | Il-Qari |
| **Is-sitt lezzjoni** | L-Esperjenza Letterarja |
| **Is-seba' lezzjoni** | Il-Kultura |
| **It-tmien lezzjoni** | L-Istorja tal-Lingwa |

Tabella 14: Il-werrej tal-lezzjoni f'lezzjoni

### *5.3.1 Il-Grammatika*

**It-titlu:** Il-prepożizzjonijiet magħżula u mehmuża.

**L-iskaluna:** 5.1.9 Jidentifikaw il-prepożizzjonijiet

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jagħrfu d-differenza bejn prepożizzjonijiet magħżula u mehmuża.

**Ir-riżorsi:** Leħħiet; bord interattiv; karti tat-taħriġ; *bluetack.*

**Ir-rabta:** Fil-lezzjoni tal-Grammatika, it-tagħlim se jkun iffukat fuq kategorija minnhom li hija dik tal-Prepożizzjonijiet (magħżulin u mehmużin). Dan tajjeb li jingħaqad mal-lezzjoni tal-Partiċelli.

**It-tagħlim dirett:** Sabiex jinħarġu l-prepożizzjonijiet se nuża għadd ta' ħwejjeġ moħġaġa b'vojt f'xi biċċiet mill-versi sabiex iservu bħala metodu induttiv. Dawn se jkunu f'forma ta' leħħiet li se jkunu mwaħħlin fil-bord.

**L-involviment:** L-istudenti se jkollhom iċ-ċans li jaqraw il-leħħiet minn fuq il-bord. Barra minn hekk, wieħed wieħed se joħroġ u jtella' tweġiba minn bott li se jkun imħejji minni. L-istudenti jridu jwaħħluha u jqabbluha fil-vojt li hemm fil-vers tal-ħaġa moħġaġa.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li l-prepożizzjonijiet juru rabta u relazzjoni bejn in-nom. Jistgħu jkunu kemm magħżulin u anke mehmużin (bl-artiklu miżjud).

***Twieled l-ewwel ____________ familja***

***Iżda hu l-iċken wieħed.***

(In-numru wieħed)

***It-tnejn ________ qoxra,***

***Mhux bħal xulxin,***

***Jisimhom xorta***

***U jgħixu mbegħdin.***

(Fekruna)

***Nidħol _________ toqba,***

***Noħroġ minn tnejn***

***U nibqa' ________ fiha.***

(Qalziet)

***Ma jmissx ________ ilma,***

***Iżda dejjem imxarrab.***

(L-ilsien)

***Żaqqha iebsa,***

***Saqajha ______injam***

***U timxi ______ l-artab.***

(Dgħajsa)

***Tidħol ________ tnejn***

***U jdaħħluk bi tmienja.***

(Il-ħaj u l-mejjet)

***Torri __________ torri,***

***La bibien u lanqas firrolli.***

(Qasba)

### *5.3.2 Is-Smigħ*

**It-titlu:** Il-qtugħ tar-risposti tal-ħwejjeġ moħġaġa

**L-iskaluna:** 2.2.1 Jisimgħu f'livell intensiv u jwieġbu l-mistoqsijiet

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jirnexxielhom jisimgħu b'mod intensiv u attent għall-ħwejjeġ moħġaġa
- Jidentifikaw it-tweġibiet tal-ħwejjeġ moħġaġa billi jaħsbu.

**Ir-riżorsi:** važett; ħwejjeġ moħġaġa; karti tat-taħriġ; markers.

**Ir-rabta:** Peress li s-smigħ huwa bbażat fuq il-ħwejjeġ moħġaġa, ikun tajjeb li din il-lezzjoni tintrabat ma' xi lezzjoni oħra marbuta mat-tradizzjonijiet orali.

**It-tagħlim dirett:** It-test ewlieni tas-smigħ se jkun ibbażat kollu fuq il-ħaġa moħġaġa. Din il-lezzjoni se tkun forma ta' logħba tal-Lottu Jiena se nikteb għadd ta' tweġibiet fuq il-bord u se nqassam ukoll karta ta' taħriġ f'forma tal-logħba tal-Lottu. L-istudenti se jiktbu t-tweġibiet ta' fuq il-bord fil-kaxxi ta' fuq il-karta tat-taħriġ.

**L-involviment:** Waqt li nkun qed ngħid il-ħaġa moħġaġa, l-istudenti se jkollhom iċ-ċans li jaħsbu u jagħmlu salib fuq il-kaxxa li jaħsbu li hija t-tweġiba t-tajba li tmur mal-ħaġa moħġaġa li nkun għadni kif għedt. F'din il-lezzjoni, l-istudenti se jkunu qed jipparteċipaw u jieħdu gost ukoll permezz ta' din il-logħba. Min jaqta' ħamsa ħdejn xulxin ikun ir-rebbieħ

**Il-ħoloq:** Ftakru li l-ħaġa moħġaġa hija logħba bil-kliem li għaliha trid tħaddem moħħok biex tasal għat-tweġiba finali.

L-isem: ________________________ Il-klassi: ______________ Id-data: ________



| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

© 2020 Michela Saliba

### *5.3.3 Il-Kitba*

**It-titlu:** Il-kitba ta' ittra formali

**L-iskaluna:** 4.4.4 Jiktbu ittra formali

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jagħrfu x'inhi ittra formali;
- Jitgħallmu l-karattersitiċi li jkollha ittra.

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa; karti tat-taħriġ; bord interattiv; markers.

**Ir-rabta:** Din il-lezzjoni tista' tintrabat ma' lezzjoni ta' kitba informali biex b'hekk nintroduċu dik formali.

**It-tagħlim dirett:** Sabiex l-istudenti jaqtgħu fuq xiex se tkun iffukata l-lezzjoni tal-lum, bħala ftuħ tal-lezzjoni se ngħid il-ħaġa moħġaġa tal-ittra u kif ukoll tal-bolla:

*1) Ma titkellimx u tiftiehem,*
*Ma timxix u tasal.* (ittra)

2) *Bis-snien u ma tigdimx,*
*Bla lsien u ma titkellimx*
*Imma twassal ir-risposti.* (bolla)

**L-involviment:** F'pari, l-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' dawn il-ħwejjeġ moħġaġa. Kif xi ħadd jaqtagħha, nintroduċi t-titlu tal-lezzjoni u nurihom li l-kitba tagħhom se tkun marbuta mal-ittra iżda din id-darba ittra li nibagħtu bil-posta.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li l-ittra li niktbu aħna stess b'idejna u nirċevuha bil-posta għandha struttura u karatteristiċi differenti mill-ittra elettronika.

### *5.3.4 It-Taħdit*

**It-titlu:** Il-ħarsien tal-baħar

**L-iskaluna:** 1.2.1 Jipprovdu l-interpretazzjoni għall-informazzjoni li jkollhom

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Joħorġu b'diversi suġġeriementi differenti kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-baħar.

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa; karti tat-taħriġ; bord interattiv; filmati

**Ir-rabta:** Din il-lezzjoni tat-taħdit, tista' tintrabat ma' xi lezzjoni oħra li jissemma l-baħar bħal xi lezzjoni tal-qari jew smigħ.

**It-tagħlim dirett:** Sabiex l-istudenti jaqtgħu fuq xiex se tkun iffukata l-lezzjoni tal-lum, bħala ftuħ tal-lezzjoni se ngħid xi ftit mill-ħwejjeġ moħġaġa marbuta mal-baħar.

1*) Ħaġa Moħġaġa:*
*Imwieled minn ommu,*
*Jitrabba fix-xemx,*
*Jekk imiss m'ommu jerġa' jmut.* (melħ)

2) *Torri fuq torri*
*La bibien lanqas firrolli*. (qasba)

*3) Ħaġa Moħġaġa:*
*Imgħarraq jibqa' ħaj,*
*U fl-art mejjet.* (ħut)

4) *Ħaġa Moħġaġa:*
*It-tnejn bil-qoxra,*
*Mhux bħal xulxin,*
*Jisimhom xorta*
*U jgħixu mbegħdin.* (fekruna)

5) *Sewda dlam, dlam miniex,*
*Ratba ħaxu, ħaxu miniex,*
*Narmi l-ilma, għajn miniex,*
*Nimxi waħdi, saqajn m'għandix,*
*Nagħti bix-xwabel, gwerriera miniex,*
*Magħluqa, u kaxxetta miniex.* (rizza)

**L-involviment:** F'pari, l-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' dawn il-ħwejjeġ moħġaġa. Kif l-istudenti jaqtgħu t-tweġiba nintroduċi t-titlu tal-lezzjoni u nurihom li llum se niddiskutu u nitkellmu fuq kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-baħar speċjalment fis-sajf.

**Il-ħoloq:** B'hekk l-istudenti ftakru li dawn il-punti importanti li semmejtu llum waqt il-lezzjoni għandhom jużawhom biex inħarsu l-ambjent, b'mod partikolari l-baħar.

### *5.3.5 Il-Qari*

**It-titlu:** L-użu tal-ankra għall-baħħara

**L-iskaluna:** 3.3.1 Jaqraw firxa ta' reġistri u ta' ġeneri għall-gost

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jaqraw b'diversi modi differenti din is-silta.

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa; karti tat-taħriġ; stampa; filmat; bord interattiv; markers.

**Ir-rabta:** Fil-lezzjoni ta' qabel rajna kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-baħar. Marbuta mal-baħar, is-silta tal-qari hija deskrittiva bbażata fuq l-użu tal-ankra.

**It-tagħlim dirett:** Sabiex l-istudenti jaqtgħu fuq xiex se tkun iffukata l-lezzjoni tal-lum, bħala ftuħ tal-lezzjoni se ngħid il-ħaġa moħġaġa tal-ankra:

*1) Ħaġa Moħġaġa:*
*Meta tiġi bżonnha tarmiha,*
*Meta ma tridhiex terfgħha.* (ankra)

**L-involviment:** L-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' din il-ħaġa moħġaġa. Kif xi ħadd jaqtagħha, nintroduċi s-silta tal-qari u nuri stampa u filmat tal-ankra.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li l-ankra hija għodda fundamentali biex iżżomm il-vapur milli jmur mal-kurrent.

### *5.3.6 L-Esperjenza Letterarja*

**It-titlu:** L-użu tal-metafora fil-poeżija

**L-iskaluna:** 7.3.2 Jiddeskrivu l-karatteristi ewlenin tal-forom l-aktar frekwenti fil-letteratura Maltija

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jidentifikaw il-metafora
- Jagħtu t-tifsira tagħha

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa, karti tat-taħriġ, bord interattiv, markers.

**Ir-rabta:** Din tista' torbot ma' xi lezzjoni oħra li għandha l-istess tema ta' din il-poeżija.

**It-tagħlim dirett:** Sabiex l-istudenti isiru midħla ta' x'inhi l-metafora u kif tintuża fil-poeżija se nagħti xi eżempji ta' ħwejjeġ moħġaġa li għandhom il-metafora minsuġa fihom, qabel ma ngħaddi għall-poeżija.

1) *Ħaġa Moħġaġa:*

*L-għasfur tiegħi telaq u mar*
*U fuq it-tina huwa mar. (il-ħsieb)*

2) *Hawn Ħaġa:*

*Tnejn jaħdmu,*
*Tnax mistrieħa,*
*Wieħed jixxejjer*
*U kulħadd għassa.* (arloġġ)

*3)* Ħaġa Moħġaġa:

*Kunvent biċ-ċelel,*
*F'kull ċella patri bil-kappell.* (kaxxa tal-luminata)

**L-involviment:** F'pari, l-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' dawn il-ħwejjeġ moħġaġa. Kif l-istudenti jaqtgħu t-tweġiba, infiehem x'terminu lettrarju ikun qed jitħaddem biex meta tinbeda l-poeżija, huma jsiru iżjed konsapevoli ta' fejn qiegħda titħaddem il-metafora fil-poeżija.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li permezz tal-metafora, ikun hemm tixbih ma' xi ħaġa oħra li loġikament m'hemmx relazzjoni magħha.

### *5.3.7 Il-Kultura*

**It-titlu:** Ix-xogħol tradizzjonali Malti

**L-iskaluna:** 8.1.1 Jibdew jistaqsu dwar il-kunċett tal-kultura mifhuma bħala realtà dinamika

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jagħrfu xi xogħlijiet tradizzjonali Maltin.

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa, bord interattiv, PowerPoint, ċarts, kuluri, markers.

**Ir-rabta:** Din il-lezzjoni hija fuq ix-xogħol tradizzjonali Malti. Din tista' tintrabat ma' lezzjoni dwar xejriet oħra tradizzjonali Maltin.

**Tagħlim dirett:** Bħala għeluq tal-lezzjoni, se noffri xi ftit eżempji ta' ħwejjeġ moħġaġa marbutin ma' xogħol tradizzjonali sabiex l-istudenti jippruvaw iħaddmu moħħhom biex jaqtgħuhom.

*1) Ħaġa Moħġaġa:*
*Wiċċ ma' denb*
*U għaxra ma' tnejn. (tal-ħalib)*

*2) Hawn Ħaġa:*
*Meta m'għandux ilma jixrob l-ilma,*
*Meta jkollu l-ilma jixrob l-inbid. (bidwi)*

*3) Ħaġa Moħġaġa:*

*Għajnejn mgħottija,*
*Ma jafx fejn hu sejjer,*
*Mingħalih miexi dritt*
*Kultant rasu jmejjel. (sienja)*

**L-involviment:** Wara li l-istudenti jkunu għamlu l-preżentazzjonijiet tagħhom marbuta ma' xogħol tradizzjonali Malti, għall-għeluq tal-lezzjoni, l-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' dawn il-ħwejjeġ moħġaġa.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li x-xogħlijiet fi żmien l-imgħoddi kienu differenti mil-lum il-ġurnata, l-istess kif inbidel il-logħob minħabba l-progress u l-avvanzar fit-teknoloġija.

### *5.3.8 L-Istorja tal-Lingwa*

**It-titlu:** Tibdil fil-Lingwaġġ Malti

**L-iskaluna:** 6.2.1 Jitkellmu dwar kif il-lingwa tinbidel mal-ħajja tal-bniedem

**L-għanjiet:** Sa l-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se:

- Jsiru konxji ta' tibdil li qed issir fil-lingwa Maltija fost iż-żgħażagħ u l-anzjani.

**Ir-riżorsi:** ħwejjeġ moħġaġa, bord interattiv, leħħiet, filmati, karti tat-taħriġ

**Ir-rabta:** Rabta ma' lezzjonijiet fuq tibdil ieħor bħal logħob u x-xogħol ta' dari u llum.

**It-tagħlim dirett:** Bħala għeluq tal-lezzjoni, se ngħid il-ħaġa moħġaġa marbuta ma' Malta, peress li l-lezzjoni kienet ibbażata fuq kliem Malti. Din se sservi bħala logħba żgħira ta' taħbil il-moħħ.

1) *Ħaġa Moħġaġa:*
*Qisha ħuta imma mhix kreatura tal-baħar,*
*Ma tgħixx fil-baħar imma mdawra bih*. (Malta)

**L-involviment:** Wara li l-istudenti jkunu ħadmu bejniethom biex jidentifikaw it-tibdil fil-lingwa Maltija, l-istudenti se jiddiskutu bejniethom sabiex jippruvaw jaqtgħu t-tweġiba ta' din il-ħaġa moħġaġa fl-għeluq tal-lezzjoni.

**Il-ħoloq:** B'hekk ftakru li minħabba l-progress, il-lingwa Maltija dejjem qed tinbidel u tibqa' tinbidel maż-żmien.

## 5.4 Konklużjoni

F'dan il-kapitlu ġew ippreżentati għadd ta' lezzjonijiet ibbażati fuq żewġ pedagoġiji differenti. Dan ħloqtu biex inqajjem ideat varji ta' kif il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jsibu posthom fit-tagħlim tal-Malti, biex b'hekk din it-tradizzjoni orali ma tintemmx u jibqgħu jinżammu ħajjin. F'Kapitlu 7 se tingħata ħarsa riflessiva fuq dak li sar u kif ukoll fuq x'jista' jsir iżjed biex dan il-ġeneru ma jintesiex.

# Is-Sitt Kapitlu

# Ir-Riflessjoni Tiegħi fuq dan l-Istudju

## 6.0 L-importanza tar-riflessjoni

Ir-riflessjoni fil-professjoni ta' għalliema tgħini biex naħseb u nitgħallem mill-esperjenzi tiegħi stess. B'hekk, jirnexxieli ngħarbel dak li għaddejt minnu u nistħarreġ fil-fond dak li wettaqt u ġarrabt. Dan kollu jgħini sabiex intejjeb lili nnifsi u niżviluppa b'mod aktar sħiħ (Portelli, 2020). Fil-kitba ta' din it-teżi kelli bosta opportunitajiet biex ngħarbel l-esperjenzi tiegħi, mirfuda minn lehmiet ta' edukaturi ewlenin f'dan il-qasam.

Ir-riflessjoni hija proċess ta' awtoevalwazzjoni li fiha edukaturi effettivi jinvolvu ruħhom regolarment biex itejbu l-prattiki professjonali tagħhom. L-għeruq tat-tagħlim huma storikament evidenti fix-xogħlijiet ta' Dewey (1938), li sostna li r-riflessjoni hija aspett importanti tat-tagħlim mill-esperjenza. Il-ħsieb riflessiv iwassal lill-edukaturi biex jaġixxu deliberatament u intenzjonalment minflok b'mod każwali u reattiv. McKnight (2002) juri li:

> Reflective thinking is a multifaceted process. It is an analysis of classroom events and circumstances. By virtue of its complexity, the task of teaching requires constant and continual classroom observation, evaluation, and subsequent action. To be an effective teacher, it is not enough to be able to recognize what happens in the classroom. Rather, it is imperative to understand the "whys" "hows," and "what if's" as well. This understanding

comes through the consistent practice of reflective thinking (McKnight, 2002: 1).

McKnight (2002) argumenta li mingħajr riflessjoni, l-għalliema huma fir-riskju li jieħdu deċiżjonijiet u ġudizzji ħżiena. Mingħajr riflessjoni, l-għalliema bla dubju jemmnu li l-istudenti jistgħu jinterpretaw b'mod preċiż l-azzjonijiet tagħhom kif maħsub u barra minn hekk, l-għalliema jkomplu jippjanaw u jgħallmu fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet li mhumiex eżaminati.

## 6.1 It-tradizzjoni orali u l-ħaġa moħġaġa

Skont Giles u Grech (2011), it-tradizzjoni orali tittratta "l-mod ta' kif jitwassal id-diskors u taċċetta l-parteċipazzjoni u l-interpretazzjonijiet minn individwi differenti bejn dak li jkun qiegħed jintqal u l-kuntest" (p. 4).

Wara x-xogħol li wettaqt u l-informazzjoni miksuba minn dokumenti varji, ikkonkludejt li hemm bżonn ta' iżjed ħidma u interess f'dan il-qasam letterarju. Għalkemm il-ħwejjeġ moħġaġa ftit li xejn jixirfu f'dokumenti ewlenin tal-iskola (Ara Kapitlu 3), dan il-ġeneru umoristiku ċkejken li jistrieħ fuq il-logħob bil-kliem inħoss li għandu potenzjal pedagoġiku qawwi. Il-klassi tal-Malti bl-attenzjoni għall-ħiliet u l-oqsma tal-lingwa, hi l-post ideali fejn it-tagħlim tal-ħwejjeġ moħġaġa jsiru b'ħeffa, b'sistematiċità u b'effettività.

Biex il-ħwejjeġ moħġaġa jkollhom post fil-klassi tal-Malti, żviluppajt pedagoġija li tinqasam fi tnejn: Il-metodu ta' tagħlim ta' unità didattika ddedikata kollha kemm hi għal dan il-ġeneru li jagħmel parti mit-tradizzjoni orali; u l-metodu ta' tagħlim integrat

fejn il-ħaġa moħġaġa sservi ta' spunt mhux tas-soltu jew riżorsa kreattiva f'idejn l-għalliema biex tqanqal l-interess tal-istudenti tagħha. Iż-żewġ pedagoġiji għandhom l-istrutturi partikulari tagħhom, minbarra li jaqdu funzjonijiet partikulari fil-programm tat-tagħlim.

Il-metodu ta' unità didattika jippresta ruħu għal tagħlim ta' suġġett wieħed biss u jagħti spazju lil studenti b'abbiltajiet differenti biex jimirħu bir-ritmu u l-pass tagħhom. B'dan il-metodu, ikun qed jitwettaq tagħlim dirett. Dan hu tagħlim speċifiku bi struzzjonijiet u eżempji ċari. Il-komponent ċentrali ta' dan it-tagħlim hu: "gradual release of responsibility from the teacher to the student" (Roller: 71), sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jwettqu t-taħriġ b'mod indipendenti. Barra minn hekk, jistimula l-attenzjoni u l-entużjażmu wkoll. B'hekk l-istudenti jieħdu stampa kemm jista' jkun sħiħa u fil-fond ta' dan il-qasam li jagħmel parti mit-tradizzjoni orali, u għaldaqstant parti tal-qasam tal-Esperjenza Letterarja.

Min-naħa l-oħra, il-metodu ta' tagħlim integrat kienet idea innovattiva li taqdi lill-għalliema meta jridu stimolu kreattiv faċli, li jimmotiva tassew lill-istudenti tagħhom. B'dan l-att, l-għalliema tkun qed tivvalorizza l-wirt orali ta' Malti b'mod informali u stimulati. Is-sekwenza tal-lezzjoni f'lezzjoni wkoll hi waħda li l-għalliema tal-Malti jistgħu jassimilaw u jwettqu malajr u bla sforzi kbar.

Imma dan li pproponejt jien mhux biżżejjed. Biex il-ħwejjeġ moħġaġa ma jintesewx, inħoss li hemm bżonn ta' iżjed inizjattivi u ħidma. Fil-fehma tiegħi dan jista' jsir minn ħafna nies fosthom min ifassal il-Kurrikulu, l-għalliema, pubblikaturi ta' kotba u entitajiet oħra.

## 6.2 Il-ħidma ta' entitajiet differenti b'risq il-ħaġa moħġaġa

Fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel ħidma għandha tkun mit-tfassil tas-Sillabu tal-Malti u tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xogħol, 2012). Għalhekk, jekk il-fassala ta' dokumenti nazzjonali jirreferu għal tipi differenti ta' letteratura, fosthom il-ħaġa moħġaġa, dawn jingħatalhom l-importanza li jixirqilhom.

Is-Sillabu hu dikjarazzjoni konċiża tal-kontenut ittrattat u tas-suġġetti ta' serje ta' lezzjonijiet. Meta n-nies jibqgħu jqabblu l-kurrikulu ma' sillabu, x'aktarx li jillimitaw l-ippjanar tagħhom għal konsiderazzjoni tal-kontenut jew tal-għarfien li jixtiequ jittrażmettu (Kelly, 2009). Imma l-għarfien hu komponent wieħed ewlieni; tajjeb li tingħata attenzjoni wkoll lill-iżvilupp ta' valuri u attitudnijiet pożittivi, filwaqt li jkunu żviluppati ħiliet speċifiċi ta' suġġett jew b'rabta ma' programm ta' tagħlim partikulari.

F'Malta, is-Sillabu tal-Malti l-ġdid tas-seba' u t-tmien livell (Settembru, 2019), jinkorpora fih elementi tat-tradizzjoni orali fosthom il-leġġendi u l-ħrejjef. Fis-Sillabu tal-Malti Akkademiku tad-disa', l-għaxar u l-ħdax-il livell fihom ukoll elementi mit-tradizzjoni orali, iżda l-ħaġa moħġaġa ma tidhirx fis-sillabu.

Għalkemm il-ħwejjeġ moħġaġa jservu bħala sors ta' divertiment, dawn għandhom valur edukattiv (Asimeng-Boahene & Baffoe, 2014). Dawn jgħinu wkoll fl-iżvilupp tal-ħsieb kritiku, peress li wieħed irid jaħseb fil-fond billi jagħmel assoċjazzjonijiet u paraguni qabel ma wieħed ikun jista' jsolvi t-tweġiba. Fil-lezzjonijiet li ħejjejt, l-istudenti kienu esposti għall-ħwejjeġ moħġaġa kemm fil-ftuħ tal-lezzjonijiet, matul il-lezzjoni bħala ħidma fi gruppi u anke fl-għeluq tal-lezzjonijiet stess. Il-ħwejjeġ moħġaġa ġew mogħtija wkoll bħala xogħol fil-klassi u anke bħala

xogħol għad-dar. Inħoss għalhekk, li t-tagħlim tal-ħwejjeġ moħġaġa għandu jkun kontinwu. L-istudju tiegħi hu kkonċentrat fuq l-użu tal-ħaġa moħġaġa ma' studenti tal-iskejjel Medji u Sekondarji imma jien nissuġġerixxi li l-istudenti jiġu esposti għall-ħwejjeġ moħġaġa sa mill-Primarja. Jien nemmen li jekk fis-Sillabu tal-Malti tal-Primarja jiddaħħlu aktar ħwejjeġ moħġaġa, fis-Sekondarja, l-użu tagħhom fil-klassi mhux ħa jidher bħala 'inutli' jew inkella bħala 'ħela ta' ħin' kemm mill-għalliema u mill-istudenti nfushom. Dan għaliex, dak li jkun twettaq qabel se jkompli jinbena fuqu b'mod sod.

Fil-kuntest lokali, kemm fuq programmi tat-televiżjoni u fuq ir-radju għandhom taqsimiet fuq il-ħaġa moħġaġa permezz ta' xi kwiżż jew anke f'xi għeluq ta' xi programmi. Barra minn hekk, kemm fil-gazzetti u anke f'magażins għandu jkun hemm paġna ta' din il-logħba bil-kliem, biex il-poplu Malti jkun jista' jesploraha u jgawdiha fl-istess ħin. Dan għaliex, l-elementi tat-tradizzjoni orali jikbru u jissaħħu fil-komunità aktar ma jinstemgħu.

## 6.3 Bidliet fuq livell istituzzjonali

L-għalliema f'kull livell tal-edukazzjoni Medja u Sekondarja jitħeġġu jfasslu lezzjonijiet varji b'riżorsi għal magħhom għat-tfal ta' etajiet differenti msejsa fuq ħwejjeġ moħġaġa. It-teżi tiegħi saret sabiex toffri għajnuna u ideat varji ta' kif l-għalliema jistgħu jfasslu l-lezzjonijiet.

### *6.3.1 Ħidma mal-għalliema*

L-għalliema jistgħu wkoll jikkolaboraw flimkien u jaqsmu l-ideat, pedagoġiji u riżorsi ma' xulxin sabiex ikun iżjed faċli għalihom li jintegraw il-ħwejjeġ moħġaġa Maltin fit-tagħlim tal-lingwa. Wara kollox, kif jisħaq Sparks (2013), "schools rise and fall based on the quality of the teamwork that occurs within their walls" (p. 28).

Madanakollu, kollox jipponta għall-bżonn ta' bidla u iżjed ħidma fil-pedagoġija tal-għalliema li jista' jsir permezz ta' taħriġ fil-kontenut u fil-pedagoġija li jibqa' jiġġedded minn żmien għal ieħor. Skont Richards u Farrell (2005):

> Teacher training also involves trying out new strategies in the classroom, usually with supervision, and monitoring and getting feedback from others on one's practice. (p. 3)

Barra minn hekk, jistgħu jiżdiedu l-korsijiet ibbażati fuq strateġiji tat-tagħlim tal-litteriżmu li jinkludu ġeneri letterarji varji, li jinkludu dawk tat-tradizzjoni orali, fosthom il-ħwejjeġ moħġaġa. Nissuġġerixxi lill-għalliema biex iġemmgħu kull ħaġa moħġaġa li jisimgħu jew jiltaqgħu magħha. Jistgħu jħeġġu wkoll lill-istudenti biex ifittxu jew jistaqsu u jġibuhom magħhom għal xi lezzjoni partikolari. Fuq kollox l-għalliema għandhom jagħrfu li t-tradizzjoni orali hija parti integrali mill-ħajja tal-istudenti u għalhekk, anki jekk ma jkunux midħla tagħha, jippruvaw jagħtuha importanza.

### *6.3.2 Ħidma fl-iskejjel*

Illum, l-iskejjel saru multikulturali. Fil-fehma ta' Reagan (2005), bl-isfidi tremendi marbuta ma' razez u kulturi differenti, il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu joħolqu perspettivi differenti biex l-għalliema jsiru konxji tal-ħtieġa ta' metodi ta' tagħlim differenti għall-istudenti differenti li ġejjin minn kulturi u pajjiżi differenti. Għalhekk, l-għalliema tista' tagħti l-opportunità lill-istudenti stess biex jippreżentaw ħwejjeġ moħġaġa minn kulturi u pajjiżi differenti.

#### *6.3.2.1 L-inklużjoni u l-ekwità fil-klassijiet*

Reed and Black (2006) jemmnu li l-apprezzament tad-diversità fil-klassi jfisser li titgħallem dwar id-differenzi u x-xebh, u li jinstabu proċessi jew metodi kif jwasslu għall-iżvilupp ta' esperjenza tat-tagħlim kulturalment reattiva u ta' għarfien kulturali li jgħin lill-istudenti jibnu l-istima personali tagħhom.

L-istudjużi, Van Garderen u Whittaker (2006) jiffokaw fuq il-klassi inklussiva u jispjegaw kif il-proċess ta' inklużjoni jista' jkun ta' għajnuna biex jissodisfa l-bżonnijiet ta' studenti minn sfondi kulturali differenti.

Madankollu, huwa importanti li jkun hemm spazju għad-djalogu u d-diskussjoni dwar kwistjonijiet ta' interess għall-edukaturi u l-kultura li tenfasizza fuq r-rwoli tal-edukaturi li qed jinbidlu fid-dinja ġdida b'enfasi fuq l-inklużjoni u l-multikulturaliżmu b'tali mod li ħadd ma' jaqa' lura jew jitwarrab. Għalhekk, jekk il-valuri soċjali u kulturali jiġu mħeġġa u sostnuti, permezz tal-użu ta' kuntesti jew

permezz ta' rikonnoximent ta' direzzjonijiet personali, it-tagħlim ikun iktar sinifikanti speċjalment meta jiġu mgħallma l-ħwejjeġ moħġaġa.

### *6.3.3 Ħidma mill-ġenituri/kustodji*

Nemmen li l-ġenituri jew il-kustodji wkoll għandhom iħeġġu lil uliedhom jagħrfu s-sabiħ tat-tradizzjoni orali. Il-ġenituri għandhom iħeġġu lill-istudenti tagħhom biex jaqraw aktar kotba bil-Malti u biex jaqraw fost l-oħrajn anke ħwejjeġ moħġaġa differenti. Barra milli ngħallmu lit-tfal, naħseb li tkun idea tajba wkoll jekk inħajru lill-ġenituri jagħtu l-kontribut tagħhom f'dan l-aspett. Inħoss li t-tfal għandhom jiltaqgħu ma' dan il-ġeneru kemm bħala sors ta' tagħlim, ta' pjaċir u anke għarfien kulturali.

## 6.4 Bidliet fuq livell komunitarju

Maż-żmien, it-tradizzjonijiet orali ma baqgħux jingħaddu biss bil-fomm, iżda bdew jiġu ppubblikati wkoll u b'hekk kien hemm tibdil fil-modalità: minn fomm għal kitba. It-tibdil fil-modalità jgħin sabiex dawn ma jintesewx u jkollna dejjem referenza għalihom. L-inklużjoni tal-ħwejjeġ moħġaġa Maltin f'dokumenti nazzjonali jqawwi qalb kittieba u pubblikaturi Maltin sabiex jagħmlu iżjed xogħol dwarhom għall-istudenti, fosthom kotba ta' taħriġ.

Fil-ktieb tat-taħriġ *Stilel,* magħmul minn Żahra u Azzopardi (2004) għall-istudenti li huma fil-livell primarju, jidher li l-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa huwa ppreżentat f'dan ix-xogħol. Għalkemm din hija inizzjattiva sabiħa li t-tfal ikunu esposti minn età żgħira għal dan il-ġeneru, xorta waħda nħoss li hemm nuqqas. Fil-ktieb,

taħriġ wieħed biss huwa bbażat fuq il-ħwejjeġ moħġaġa, u għalhekk kien ikun iżjed ta' benefiċċju li kieku kien hemm iżjed attivitajiet u taħriġiet.

Azzopardi u Portelli (2016) ħarġu l-ktieb *Ħaġa Moħġaġa* mis-sensiela Tikka Qari. Il-ħwejjeġ moħġaġa huma kollha marbutin mat-tema tal-annimali flimkien ma' stampi ta' daqs kbir u kkuluriti. Għalhekk, għandha tiżdied il-popolarità ta' dan il-ġeneru, fejn l-istudenti jitgħallmu ħwejjeġ moħġaġa ġodda, isaħħu l-imħabba tagħhom lejhom u jimirħu wkoll f'dinja sekondarja. Kif isostnu Johnson u Giorgis (2003), "when the imaginations of authors and illustrators align with the imaginations of readers, grand journeys become possible" (p. 508).

B'hekk il-pubblikazzjonijiet ta' kotba ġodda għandhom isibu posthom fl-ixkafef tal-ħwienet u f'dawk tal-libreriji. B'hekk ikunu iżjed aċċessibli għall-ġenituri sabiex jaqsmu dawn ir-rakkonti mat-tfal tagħhom anke minn età żgħira. Aħna għandna nagħmlu sforz ferm ikbar biex il-ħwejjeġ moħġaġa mhux biss ma jintilfux iżda jerġgħu jiksbu l-popolarità tagħhom fostna l-Maltin.

Inizjattiva oħra tkun jekk jitħejja logħob bil-kliem tal-ħaġa moħġaġa bil-Malti, f'forma ta' kartini biex tintlagħab mal-familja kollha. B'hekk, kull membru tal-familja jkollu l-opportunità li jesponi ruħu għal din il-logħba bil-kliem.

Logħba oħra li tista' ssir hija bbażata iktar ma' avventura iżda l-ħwejjeġ moħġaġa jaf ikollhom sehem importanti. F'Malta, insibu l-logħba magħrufa ta' *The Escape Room,* fejn numru ta' nies ikunu magħluqin ġo kamra u flimkien iridu jsibu ħjiliet biex joħorġu minnha fl-inqas ħin possibbli. Hawn Malta, ikun tajjeb u

interessanti jekk tintuża l-ħaġa moħġaġa, fejn il-parteċipanti jridu jsolvu xi tweġibiet jew isibu xi oġġetti bil-għan li joħorġu mill-kamra f'inqas minn siegħa.

It-teknoloġija hija parti mill-ħajja kontemporanja u b'hekk ikun tajjeb jekk jitħejja iżjed logħob interattiv bil-Malti fuq il-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa permezz ta' *apps* u anke siti elettroniċi. It-tfal, l-adoloxxenti u anke l-adulti, ikollhom il-possibilità li jaċċessawhom fil-kumdità tagħhom. Barra minn hekk, ikun ideali wkoll li jittellgħu filmati fuq *YouTube*, b'għadd ta' ħwejjeġ moħġaġa u li jagħtu ftit ħin bejn waħda u oħra sabiex is-segwaċi jippruvaw jaqtgħuha qabel ma jgħaddu għal li jmiss.

Inħeġġeġ ukoll lill-istudenti-għalliema biex jesperimentaw bil-ħwejjeġ moħġaġa fil-lezzjonijiet tagħhom waqt il-perjodu tat-taħriġ. Peress li jkunu għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom, naħseb aktar ikollhom motivazzjoni biex jippruvaw metodi ġodda. B'referenza għat-teżi tiegħi u bi tħejjija ta' attivitajiet varji permezz tat-teknoloġija jew sorsi oħra, il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jidħlu fit-tagħlim. B'dan il-mod, l-għalliema jkunu qed iservu bħala għodda biex iwasslu dawn il-ħwejjeġ moħġaġa fid-djar tal-istudenti.

## 6.5 Skop għal aktar riċerka

Kull pass tul il-proġett tiegħi kien xhieda ta' kemm għad baqa' x'wieħed jgħarbel u jiskopri b'rabta mat-tagħlim tal-ħaġa moħġaġa. Għalhekk, it-tmiem tal-istudju tiegħi jista' jfisser il-bidu ta' studji oħra. Għaldaqstant nixtieq nagħti xi suġġerimenti li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal min jixtieq jagħmel aktar riċerki fuq

il-ġeneru tal-ħaġa moħġaġa f'kuntest pedagoġiku, u għal min għandu għal qalbu l-ħwejjeġ moħġaġa.

L-istudju tiegħi hu kkonċentrat fuq l-użu tal-ħwejjeġ moħġaġa ma' studenti tal-iskejjel Medji u Sekondarji imma jien nissuġġerixxi li l-istudenti jiġu esposti għall-ħwejjeġ moħġaġa sa mill-Primarja. Għalhekk ikun tajjeb jekk isir studju kif il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jiddaħħlu fit-tagħlim tal-istudenti li jinsabu fil-livell primarju. Wieħed jista' jippjana riżorsi speċjalment tipi differenti ta' logħob interattiv u innovattiv li jqanqal gost u tagħlim fost it-tfal ta' età żgħira.

Fit-teżi tiegħi jien ħaddimt żewġ metodi ewlenin ta' tagħlim: il-metodu ta' unità didattika u l-metodu integrat. B'dawn iż-żewġ metodi, ħejjejt għadd ta' lezzjonijiet marbuta mal-ħwejjeġ moħġaġa u kif dawn jistgħu jintużaw fil-klassi (Ara Kapitlu 6). Dawn se jkunu ta' benefiċċju u ta' għajnuna sabiex l-għalliema jkomplu jwessgħu l-bagalja pedagoġika tagħhom speċjalment fil-metodi ta' tagħlim. Huma jistgħu jagħtu ħarsa lejn il-mod ta' kif ġew imfassla l-lezzjonijiet, il-pedagoġiji użati u riżorsi biex b'hekk jużawhom u jaddattawhom fil-lezzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, naħseb li tkun idea tajba jekk tintwera l-effettività propja ta' dawn il-lezzjonijiet u r-riżorsi billi jitwettqu fil-klassi u ssir analiżi ta' dak li jkun twettaq. Nissuġġerixxi wkoll li jsiru fi klassijiet ta' livelli differenti. B'hekk nemmen li jkun hemm riżultat preċiż tal-mod ta' kif pedagoġija tintlaqa' minn studenti ta' skejjel differenti kif ukoll minn studenti b'livelli u ta' abiltajiet differenti. Barra minn hekk, jista' jsir studju wkoll dwar kif il-ħaġa moħġaġa tintlaqa' u x'reazzjoni jkun hemm għaliha fit-tagħlim tal-Malti.

Studju ieħor jista' jkun fuq l-għarfien tal-għalliema dwar il-ħwejjeġ moħġaġa u l-opinjonijiet tagħhom dwar dan il-ġeneru. Jekk huma interessati li jgħallmu l-ħwejjeġ moħġaġa u jinkorporawhom fil-lezzjonijiet tagħhom, juru b'liema mod se jħaddmuhom. Dan għaliex Matimbe (2014), huwa tal-fehma li n-nuqqas ta' materjal ta' istruzzjoni bħal sillabi u kotba li jintużaw waqt il-proċess ta' tagħlim, jaffettwa b'mod negattiv dan it-tagħlim.

Proposta oħra iżjed innovattiva hija li jitfassal xi ktieb bil-ħwejjeġ moħġaġa addattat għal xi livell partikolari tal-istudenti jew inkella tinħoloq riżorsa teknoloġika li tkun maħsuba għat-tagħlim ta' dan il-ġeneru. L-użu effettiv tat-teknoloġija jipprovdi kwalità fl-edukazzjoni u jilħaq aċċessibbiltà għall-informazzjoni. Barra minn hekk jipprovdi l-iżvilupp ta' ħila fl-użu tekniku (Yildirim, 2015).

Tkun idea tajba jekk issir riċerka simili fuq ngħidu aħna l-mistoqsijiet tal-ħsieb; logħba bil-kliem li jixbhu l-ħaġa moħġaġa iżda tkun magħmula biss minn mistoqsija waħda u qasira. Riċerka oħra tista' tkun ibbażata fuq xi ġeneru ieħor li huwa umoristiku bħal botti u risposti. B'dan il-mod, l-istudenti se jiġu esposti għal diversi ġeneri letterarji.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-ħaġa moħġaġa fiha aspetti umoristiċi għaliex tiżvija lis-semmiegħa f'dak li jingħad, u b'hekk tagħmilha iżjed diffiċli biex tinqata' t-tweġiba. B'hekk tip ta' riċerka li tista' ssir hi marbuta mal-aspett kritiku tal-umoriżmu fil-ħaġa moħġaġa minħabba li studju f'Malta m'hawnx fuq dan il-qasam. Fil-fatt, din ħassejtha meta kont qed infitex informazzjoni għall-ewwel kapitlu rigward l-umoriżmu f'dan il-ġeneru.

## 6.6 Xi limitazzjonijiet

Matul din ir-riċerka ltqajt ma' xi limitazzjonijiet: L-ewwel diffikultà kienet kif se nħejji dan il-proġett għat-tagħlim tal-ħwejjeġ moħġaġa minħabba li riċerka fuq dan il-ġeneru bħala pedagoġija fit-tagħlim qatt ma kien għadu sar. Għalhekk kelli nfittex minn sorsi differenti sabiex nikseb ideat varji u nħejji dan kollu.

It-tieni diffikultà kienet li ridt insib ħin biżżejjed biex naħdem fuq il-pjanijiet, riżorsi u karti ta' taħriġ. Waqt il-ħidma tagħhom irrealizzajt li dawn jirrikjedu aktar ħin milli ħsibt u b'hekk ma stajtx nippreżenta ammont kbir, iżda b'dak li ħloqt għini sabiex jintlaħaq l-għan ewlieni.

L-aħħar diffikultà kienet li mhux dejjem kont insib l-istampi, il-kuluri jew l-isfond li nixtieq, u għalhekk kont nieħu ammont konsiderevoli ta' ħin sakemm insib dak li nkun irrid. B'dan biss stajt inkompli nassigra li dak li kont qed inħejji u noħloq kienu ta' kwalità tajba.

## 6.7 Il-konklużjoni

Issa li qed nara t-teżi tiegħi magħquda u lesta, inħoss li bis-saħħa ta' dan il-proċess inbdilt bħala persuna u riċerkatriċi, u kemm kbirt bħala għalliema.

Permezz ta' dan l-istudju offrejt il-possibiltà lill-għalliema biex il-ħwejjeġ moħġaġa jintużaw bħala għodda pedagoġika fit-tagħlim tal-Malti permezz ta' żewġ metodi ta' pedagoġiji. Inħoss, li l-ħwejjeġ moħġaġa għalkemm huma valur għalina l-Maltin għax jagħmlu parti mill-wirt tat-tradizzjoni orali, huma wkoll għodda pedagoġika effettiva għat-tagħlim li fl-istess ħin joffru wkoll gost.

Jiena konvinta li jekk din il-proposta tiegħi ma sseħħx, u s-sistema edukattiva ma tibnix pont ma' dan il-ġeneru, il-ħwejjeġ moħġaġa se jinfatmu mit-tagħlim u mhux se jkun hemm iżjed proċess ta' kontinwità u ħarsien ta' din it-tradizzjoni orali. Kieku tkun ħasra tassew li dan il-ġeneru, aktar u aktar minħabba l-possibiltajiet tad-dinja teknoloġika li dejjem qed tavvanza, ma jiġux sfruttati biżżejjed biex dan il-ġeneru jibqa' ħaj f'fomm il-Maltin u l-Għawdxin.

Dan it-tifrid irid jinbeda l-ewwel u qabel kollox mill-ġenituri/kustodji stess. Meta xi ġenitur/kustodju jkun ġej minn kultura differenti, huwa impossibbi li l-wirt kulturali Malti jibqa' ta' valur importanti, għaliex huma jkollhom id-drawwiet tagħhom. L-għalliema jridu jsiru iżjed konxji ta' dan in-nuqqas biex b'hekk jaħdmu b'mod kollaborattiv b'tali mod li jinkludu l-ħwejjeġ moħġaġa fit-tagħlim tagħhom u b'hekk dan il-ġeneru ma jiddgħajjifx u ma jintesiex.

Nixtieq għalhekk, li dan li għamilt jien f'din it-teżi, jaddottawh bosta għalliema fil-klassijiet tagħhom, biex jilħaq aktar tfal. Huma għandhom jaddottaw il-livell ta' metodi ta' tagħlim, il-proposta u kif ukoll il-modi ta' assessjar. Dan se nwettqu jiena stess meta nibda l-karriera ta' għalliema. Bis-saħħa t'hekk, huma wkoll, bħalma għamilt jien, jiddakkru mis-sbuħija tad-dinja tal-ħwejjeġ moħġaġa.

L-istudju pedagoġiku tiegħi sar bil-għan ukoll biex l-istudenti Maltin jindunaw kemm jekk ma jitgħallmux il-ħwejjeġ moħġaġa ta' pajjiżhom ikunu tilfu... Il-bqija tas-sentenza, kelma waħda, jinsab fit-tweġiba ta' din ħaġa moħaġa:

*Ħaġa Ħaġa:*

*Inżomm l-affarijiet u idejn m'għandix,*

*Ħafna drabi nkun midfun u tebut miniex,*

*Inkun immarkat fuq mappa u triq miniex,*

*Jgħidu li jien ta' pirata u pappagal miniex.*

*X'jien?*

# Il-Lista ta' Referenzi

Adams, W. (2015). Conducting semi-structured interviews. F'J. Wholey, H. Harry & K. Newcomer (Eds), *Handbook of Practical Program Evaluation.* (pp. 492-504). New York: Jossey-Bass.

Ary, D., Jacobs, L., Razavieh, A. & Sorensen, C. (2010). *Introduction to Research in Education.* Belmont: Wadsworth.

Asimeng-Boahene, L. (2011). Riddles as critical thinking tools. F'V. Yenika- Agbaw & M. Napoli (Eds.), *African and African American Children's and Adoloscent Literature in the Classroom: A Critical Guide* (pp. 33-52). New York, NY: Peter Lang.

Asimeng-Boahene, L. & Baffoe, M. (2014). *African Traditional and Oral Literature as Pedagogical Tools in Content Area Classroom K-12.* New York: Information Age Publishing.

Attard, S. (2012). *Il-Gżejjer Maltin Joħolmu fil-Leġġendi.... Proposta Pedagoġika għat-Tisħiħ tal-Esperjenza Letterarja* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Edukazzjoni). L-Univeristà ta' Malta, Malta.

Azzopardi, C. & Portelli, R. (2016). *Ħaġa Moħġaġa.* Malta: Merlin Publishers.

Berk, R.A., & Nanda, J.P. (1998). Effects of jocular instructional methods on attitudes, anxiety, and achievement in statistics courses. *Humor: International Journal of Humor Research, 11*(4), 383-409.

Betcher, C., & Lee, M. (2009). *The Interactive Whiteboard Revolution: Teaching with IWBs.* Victoria: ACER Press.

Black, S. (1999). Using Polynesian legends and folktales to encourage culture vision and creativity. *Childhood Education, 75*(6), 332-336.

Black, P., & Wiliam, D. (1998). *Inside the Black Box: Raising Standards through Classroom Assessment.* London: Granada Learning Assessment.

Blackhawk, T. (1990). "The gifts of story: Using the oral tradition in the classroom". *Language Arts Journal of Michigan, 6*(2), 29-37.

Breen, M.P. (1984). 'Process syllabuses for the language classroom', F'C.J. Brumfit (Ed.), *General English Syllabus Design* (pp. 47-60), Oxford: Pergamon Press.

Briffa, C. (2016). It-twessigħ tal-esperjenza. F'Michael J. Schiavone u Charles Briffa (Ed.), *Il-Kotba għat-Tfal.* Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

British Educational Research Assocation (BERA) (2018). *Ethical Guidelines For Educational Research.* London. Meħud minn BERA:

https://www.bera.ac.uk/researchers-resources/publications/ethical-guidelines-for-educational-research-2018

Brookhart, S. M. (2010). *Formative Assessment Strategies for Every Classroom: An ASCD Action Tool.* Alexandria: Association for Supervision and Curriculum Development.

Brun, Y., & Kiddon, C. (2011). That's what she said: double entendre identification. *Association for Computational Linguistics: Human Language Technologies, 2,* 89-94.

Buchoff, R. (1996). Riddles: Fun with language across the curriculum. *The Reading Teacher, 49(*8), pp.666-668.

Burden, P.R. & Byrd, D.M. (2010). *Methods for Effective Teaching, Meeting the Needs of All Students.* London: Pearson Education.

Busuttil, B.A. (2016). *Xi Ġmiel ta' Leġġenda!: It-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Lingwa Permezz ta' Leġġendi Maltin fil-Ħames Klassi tal-Iskola Primarja* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Edukazzjoni). L-Università ta' Malta, Malta.

Calkins, L. (1994). *The Art of Teaching Writing*. Ontario: Irwin.

Camilleri Grima, A. (Ed.). (2001). *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja.* Malta: L-Istitut tal-Lingwistika, L-Università ta' Malta.

Candlin, C. (984). 'Syllabus Design as a Critical Process'. F'C.J. Brumfit, *General English Syllabus Design* (pp.29-46). Oxford: Pergamon Press.

Carabott, P.P., & Zammit, J. (1996). *An Evaluation of 'Understanding Science 2'* (Unpublished Bachelor of Education thesis). University of Malta, Malta.

Carter, C. (2004). *A Resource Pack for Form 4 and Form 5 Students Studying Art at Ordinary Level in Malta* (Unpublished Bachelor of Education thesis). University of Malta, Malta.

Cassar Pullicino, J. (1957). *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor.* Malta: Central Office of Information.

Chow, A. (2008). *A Practical Guide to a Task-Based Curriculum: Planning, Grammar Teaching and Assessment.* Hong Kong: City University of Hong Kong Press.

Cilia, R., & Xuereb, C. (2001). *L-Użu tat-Televixin għat-Tagħlim tal-Qwiel Maltin.* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Edukazzjoni). L-Università ta' Malta, Malta.

Clarke, D. (1995). 'Constructive assessment: Mathematics and the student', f'Richardson A. (Ed.). *Flair: AAMT Proceedings*, Adelaide: AAMT.

Cohen, L., & Manion, L. (1994). *Research Methods in Education*. London and New York: Routledge.

Creswell, J.W. (2009). *Research Design: Qualitative, Quantitative, and Mixed Method Approaches.* Thousand Oaks, CA: Sage Publications.

Denscombe, M. (2007). *The Good Research Guide for Small-Scale Social Research Projects*. Berkshire: Open University Press.

Department for Education (2013). The national curriculum in England: Framework document. Meħud minn:

https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/210969/NC_framework_document_-_FINAL.pdf

Dewey, J. (1938). *Experience and Education.* New York: Macmillan.

Dewey, J. (2001). *The School and Society and The Child and The Curriculum.* Mineola, NY: Dover Publications.

Diacono, T. (2020, Marzu 16). Malta to Close All Bars, Restaurants and Gyms from Tomorrow. Meħud minn LovinMalta:

https://lovinmalta.com/news/news-breaking/breaking-malta-to-close-all-bars-restaurants-and-gyms-from-tomorrow/

Dipartiment tal-Kurrikulu (b.d.). *Is-sillabu tat-tielet sena tas-sekondarja.* Misjub f'dan is-sit elettroniku:

https://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Form-3-to-5/Pages/default.aspx

Doherty, L. (1990). "The spark that initiates learning: oral language in the classroom". *Language Arts Journal of Michigan, 5*(3), 34-42.

Ellis, R. (1997). *Second Language Acquisition.* Oxford: Oxford University Press.

Erlam, R. (2003). The effects of deductive and inductive instruction on the acquisition of direct object pronouns in French as a second language. *The Modern Language Journal, 87*, 242-260.

Foley, J. (Ed.). (1998) *Teaching Oral Traditions.* New York, NY: Modern Language Association of America.

Fox, N.J., Hunn, A., & Mathers, N. (2000). Using interviews in a research project. F'M. Williams & A. Andrew; *Research Approaches in Primary care* (pp. 113-134). Oxford: Radcliffe Medical Press.

Frankfort Nachmias, C. & Nachmias, D. (1996). *Research Methods in the Social Sciences.* London & New York: Arnold.

Friggieri, O. (2010). *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: Teorija, Metrika, Stilistika b'Eżempji mil-Letteratura Maltija.* (ir-4a ediz.) Malta: Klabb Kotba Maltin.

*Fry*, W. F. (*1994*). The biology of humor. *Humor: International Journal of Humor Research, 7*(2), 111–126.

Gagnon, G. W., dan Collay, M. (2001). *Designing for Learning: Six Elements in Constructivst Classrooms.* California: Corwin Press.

Giles, R., & Grech, R. (2011). *It-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Lingwa Permezz ta' Taqbiliet Maltin.* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Edukazzjoni). University of Malta, Malta.

Gipps, C.V. (1994). *Beyond Testing*. Oxford UKL: RoutledgeFalmer.

Goldstein, H. (1991). *Assessment in Schools: An Alternative Framework.* London: Institute for Public Policy Research.

Grech, J. (2014). *Mela Darba… Ġabra ta' Ħrejjef Tradizzjonali Maltin għat-Tfal Żgħar b'Riżorsi u b'Eżerċizzi għal Magħhom.* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Edukazzjoni). L-Università ta' Malta, Malta.

Grech, M., & Rapa, R.M. (1999). *Laughing Matters: A Serious Look at Humour.* (Unpublished Bachelor of Education thesis). University of Malta, Malta.

Guest, G., Namey, E., & Mitchell, M. (2013). *Collecting Qualitative Data*. London: SAGE Publications.

Hamilton, B. (2007). *It's Elementary!: Integrating Technology in the Primary Grades.* Washington: ISTE.

Hargreaves, A. (2005). Educational change takes ages: Life, career, and generational factors in teachers' emotional responses to educational change. *Teaching and Teacher Education, 21*(8), 967-983.

Insley, K., Collins, J. & Soler, J. (Ed.). (2001). *Developing Pedagogy: Researching Practice*. New York: Sage Publications.

Johnson, B. & Christensen, L. (2014). *Educational Research: Quantitative, Qualitative and Mixed Approaches.* California: Sage Publications.

Johnson, N. J., & Giorgis, C. (2003). Children's books: Imagination. *The Reading Teacher, 56*(5), 504-511.

Katz, L.G., & Chard, S.C. (2000). *Engaging Children's Minds: The Project Approach.* Connecticut: Ablex Publishing Corporation.

Kelly, A.V (2009). *The Curriculum: Theory and Practice*. London: Sage.

Khwaja, I.U., Akhtar, S., Mirza, A., Malik, N.A., Hussain, F., Lodhi, I.S. (2014). *Module III: Curriculum development, assessment and evaluation: Professional Competency Enhancement Program for Teachers*. Islamabad. National Academy of Higher Education (NAHE). Higher Education Commission.

Knight, P. T. u Yorke, M. (2003). *The Undergraduate Curriculum and Employability.* New York: Learning and Teaching Support Network.

Kothari, C.R. (2004). *Research Methodology: Methods and Techniques.* New Delhi: New Age International Publishers.

Kotian, S.R., Dsouza, A.S., Bhat, N.P., Dsouza, A., & Hosapatna, M. (2016). Integrated teaching: boon or bane?! *Online Journal Health and Allied Science, 15*(2), 1-5.

Lancy, D.F. (1993). *Qualitative Research in Education: An Introduction to the Major Traditions.* New York: Longman.

Lebedev, P., & Sharma, M. D. (2019). Riddles on YouTube: Investigating the potential to engage viewers in reflective thinking. *Research in Learning Technology*, *27*, 1-12.

Lyons, A. (2016). Multimodality. F'Zhu Hua (Ed.), *Research Methods in Intercultural Communication: A Practical Guide* (pp.268-280). Malden, MA: Wiley-Blackwell.

Martin, R.A. (2007). *Introduction to the Psychology of Humor. An Integrative Approach.* Burlington, MA: Elsevier Academic Press.

Matimbe, R.T. (2014). *Financial Management.* Harare: Zimbabwe Open University.

MATSEC (2011). *Sillabu tal-Malti għaċ-Ċertifikat Sekondarja.* Malta: MATSEC Support Unit, L-Università ta' Malta.

McCormack, R. L., & Pasquarelli, S. L. (2010). *Teaching Reading: Strategies and Resources for Grades K-6.* New York: The Guilford Press.

McKnight, D. (2002). *Field Experience Handbook. A Guide for the Teacher Intern and Mentor Teacher.* United States: University of Maryland.

MacQueen, K. M. (2008). Ethics and team-based qualitative research. F'G. Guest, G u K. M., MacQueen. *Handbook for Team-based Qualitative Research* (pp. 21–38). Lanham, MD: Altamira.

Mifsud Chircop, Ġ. (2003). *Il-Folklor Malti: Analiżi u Kummenti fuq xi Aspetti tal-Folklor Kontemporanju Malti.* Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012). *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd.* Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2014). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u f'Għawdex.* Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Moss, C.M., & Brookhart, S.M. (2012). *Learning Targets: Helping Students Aim for Understanding in Todays' Lesson.* Alexandria: Association for Supervision and Curriculum Development.

Nassaji, H. u Fotos, S. (2011). *Teaching Grammar in Second Language Classrooms: Integrating Form-Focused Instruction in Communicative Context.* New York: Routledge.

Neumann, P.H. (1980). *Publishing for Schools. Textbooks and the Less Developed Countries.* Washington, D.C: The World Bank.

Newby, D. (2000). Syllabus and curriculum design, F'M. Byram (Ed.). *Routledge Encyclopedia of Language Teaching and Learning* (pp.390-594). London & New York: Routledge.

Nnyagu, U. (2017). The nature of oral literature: concepts and genres. *Scholars Journal of Arts, Humanities & Social Sciences, 5*(9A), 1149-1155.

Opdenakker, R. (2006). Advantages and disadvantages of four interview techniques in qualitative research. *Forum: Qualitative Social Research, 7*(4), Art. 11.

Pace, F. (2020, Jannar 20) "F'Malta m'hemmx lok għal allarm" – Prof Gauci dwar is-sejba ta' virus ġdid. Meħud mis-sit tat-TVM:

https://www.tvm.com.mt/mt/news/fmalta-mhemmx-lok-ghal-allarm-prof-gauci-dwar-is-sejba-ta-virus gdid/?fbclid=IwAR1O4GPaEJUKyFGSeedi5R2nMeP5d_mGaZWlW9Z9xsduHUT72caMLlhGrzI

Petraki, E., & Nguyen, H.H.P. (2016). Do Asian EFL teachers use humor in the classroom? A case study of Vietnamese EFL university teachers. *System, 61*, 98-109.

Pinteŕ Krekić, V. (2007). Creativity in the teaching of mathematics. *Annals, 1*(1), 167-174.

Portelli, T. (2011). *A Reader-Response Approach to the Initial Training of Maltese Literature Teachers.* (Ph.D). Birmingham: University of Birmingham.

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim.* Malta: Horizons.

Portelli, T. u Camilleri Grima, A. (2002). *Stedina għat-Tagħlim fis-Sekondarja.* Malta: Dyad Publications.

Powell, J.P., & Andresen, L.W. (1985). Humor and teaching in higher education. *Studies in Higher Education,* 10(1), 79-90.

Prodanović-Stankić, D. (2011). Using humour in teaching English as a foreign language at more advanced levels. *Zbornik Instituta za Pedagoska Istrazivanja, 43*(2), 254-265.

Puren, C. (2001a). Methods and methodologies constructions in the teaching and learning of languages. *Modern Languages, 1*, pp. 68-70.

Reagan, T. (2005). *Non-Western Educational Traditions: Indigenous Approaches to Educational Thought and Practice.* Mahwah, NJ: Lawrence Erlbaum.

Reed. J., & Black, D.J. (2006). Toward a pedagogy of transformative teacher education: World educational links. *Multicultural Education, 14*(2), 34-39.

Richards, J.C. & Farrel, T.S.C. (2005). *Professional Development for Language Teachers:Strategies for Teacher Learning.* Cambridge: Cambridge University Press.

Rodd, J. (1996). Children, culture and education. *Childhood Education, 72*(6), 325-329.

Romero, E.J., & Cruthirds, K.W. (2006). The use of humour in the workplace. *Academy of Management Perspectives, 20*(2), 58-69.

Rosenthal, S. (2017) 'Motivations to seek science videos on YouTube: Free-choice learning in a connected society', *International Journal of Science Education,* 8(1), pp. 22–39.

Rüütmann, T., & Kipper, H. (2011). Effective teaching strategies for direct and indirect instruction in teaching engineering implemented at Talinn University of Technology. *Problems of Education in the 21st Century, 36*, pp. 60-75.

Scotland, J. (2012). Exploring the philosophical underpinnings of research: relating ontology and epistemology to the methodology and methods of the scientific, interpretive, and critical research paradigms. *English Language Teaching, 5*(9), pp. 9-16.

Simpson, P. (2003). *On the discourse of satire: Towards a stylistic model of satirical humor.* Amsterdam/Philadelphia: John Benjamins Publishing.

Smith, K.A., Sheppard, S.D., Johnson, D.W. & Johnson, R.T. (2005). Pedagogies of engagement: Classroom-based practices. *Journal of Enginerring Education, 94*(1), 87-101.

Smith, M.L. (1987). Publishing qualitative research. *American Educational Research Journal, 24*(2), 173-183.

Spagnol, M., & Micallef, A. (2000). *Physics Through Themes: Sports and Transport – Worksheets for Third Formers* (Unpublished Bachelor of Education thesis). University of Malta, Malta.

Sparks, D. (2013). Strong teams, strong schools. *Journal of Staff Development, 34*(2), 28-30.

Stout, K. (1999). *Teaching Tips and Techniques: Help for the Homeschooling Parent.* Delaware: Design-A-Study.

Thiyagu, K. (2012). Effectiveness of integrating riddles in teaching Mathematics among VIII standard students. *I-manager's Journal on Educational Psychology, 6*(2), 8-12.

Thornbury, S. (1999). *How to Teach Grammer.* Harlow: Longman.

Tomlinson, C.A., & Strickland, C.A. (2005). *Differentiated in Practice: A Resource Guide For Differentiating Curriculum, Grades 9-12*. Alexandria: ASCD.

Torok, S.R., McMorris, R., & Lin, W. (2004). Is humor an appreciated teaching tool? Perceptions of professors' teaching styles and use of humor. *College teaching, 52(*1), 14-20.

Tuckman, B.W., & Harper, B. E. (2012). *Conducting Educational Research*. Maryland, MD: Rowman & Littlefield.

Turner, T. (2004). *Behavioural Interviewing Guide.* Indiana: Trafford Publishing.

Tyler, R.W. (2011). Desirable content for a curriculum development syllabus today. The Tyler rationale reconsidered, F'B.D. Schultz (Ed.), *Listening to and learning from students: Possibilities for teaching, learning and curriculum* (pp. 179-188). Charlotte, NC: Information Age Publishing.

Van Garderen, P., & Whittaker, C. (2006). Planning differentiated, multicultural instruction for secondary inclusive classrooms. *Teaching Exceptional Children, 38*(3), 12-20.

Vella, C.M. (2013). *Idjomi għaż-Żgħar: Riżorsi għat-Tagħlim tal-Idjomi fil-Primarja.* (Teżi mhux ippubblikata tal-Baċellerat tal-Arti). L-Università ta' Malta, Malta.

Walker, L. (2008). *The Essential Guide to Lesson Planning.* London: Pearson Education Limited.

Wanzer, M.B., & Frymier, A.B. (1999). The relationship between student perceptions of instructor humor and students' reports of learning. *Communication Education, 48*, 48-62.

Wiersma, W., & Jurs, S. (2009). *Research Methods in Education: An Introduction*. Boston: Pearson.

Wilson, D. (2015). A study on oral tradition as a communication tool. *International Journal of Research in Economics & Social Sciences, 5*(7), 118-124.

Wray, D. & Medwell, J. (1991) *Literacy and Language in the Primary Years.* London: Routledge.

Yalden, J. (1984). Syllabus design in general education: Options for ELT', F'C.J. Bumfit (ed.), *General English Syllabus Design* (pp.13-21). Oxford: Pergamon Press.

Yildirim, M. (2015). The importance of technological resources in the educational system in design. *Procedia: Social and Behavioural Sciences, 182*, 502-506.

Żahra, T. (1974). *Il-Praspar ta' Kunċett u Marinton.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Żahra, T., Briffa, C., u Mallia, Ġ. (2002). *Il-Kotba għat-Tfal*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.

Żahra, T. u Azzopardi, C. (2004). *Stilel 1.* Malta: Merlin Publishers.

Zion, S., & Konzleski. E. (2005). Understanding culture. *On Point, 1*(1), 1-20.

# Appendiċi 1
# Ittra ta' informazzjoni lill-parteċipanti

Għażiż/ż għalliem/a,

Jisimni Michela Saliba, u jiena studenta l-ewwel sena fil-kors tal-Master in Teaching and Learning fl-Universitá ta' Malta. Bħala parti minn dan il-kors, se nkun qiegħda nagħmel dissertazzjoni: *Hawn Ħaġa... X'inhija? Il-Ħaġa Moħġaġa fit-Tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Medji u Sekondarji* mmexxija mis-superviżur Dr Terence Portelli.

F'din id-dissertazzjoni se nkun qiegħda nanalizza: 1) Kif il-ħaġa moħġaġa tista' tiġi inkorporata fis-sillabu tal-Malti, kemm fil-livell Medju u dak Sekondaju? 2) Kif il-ħwejjeġ moħġaġa jistgħu jinkisbu minn tħaddim tal-metodu tat- tagħlim integrat u dak ta' unità didattika? L-ewwel se nfassal żewġ pjanijiet ta' ħidma għal kull mudell ta' tagħlim u wara se nippreżenta proposta mifruxa fuq għadd ta' lezzjonijiet b'riżorsi kreattivi u damma ta' taħriġiet innovattivi, bil-għan li jissensibilizzaw lill-istudenti għal aspetti tematiċi u stilistiċi tal-ħwejjeġ moħġaġa Maltin. Dawn se jiġu evalwati minn għadd ta' għalliema.

Bħala wieħed/waħda mill-parteċipanti, inti mitlub/a biex tagħti l-kummenti tiegħek fuq dan il-pakkett ta' riżorsi mfassal minni. Jekk inti tixtieq tagħti l-evalwazzjoni tiegħek fuq dan ix-xogħol, dan jista' jsir f'ħin u post informali li hu konvinjenti għalik. Dan m'għandux jieħu iktar minn nofs siegħa. Sabiex nikseb l-informazzjoni u r-responsi tagħkom, se nkun qed nipprovdi sett ta' mistoqsijiet li se jkunu f'forma ta' intervista u li sabiex niġbor din l-informazzjoni, se jkolli nagħmel użu mir-rekordjar.

Il-parteċipazzjoni f'din ir-riċerka hija volontarja, u tista' tieqaf mill-parteċipazzjoni f'kull ħin mingħajr ma tiġġustifika r-raġunijiet tiegħek għal dan. In-noti u l-irrekordjar li jien se nkun qed nieħu se jkunu f'post sigur li jien biss se jkolli aċċess għalihom. L-irrekordjar se nkun qed nagħmel użu minnu minħabba t-traskrizzjoni. L-isem tiegħek se nagħtih numru u l-vuċijiet tal-irrekordjar se jkunu mibdula sabiex l-identità tiegħek tibqa' anonima. Kif inkun lesta minn dan il-proċess, se nħassar kull traskrizzjoni li se jkolli.

Nixtieqek tieħu din l-opportunità u nirringrazzjak bil-quddiem għall-kontribuzzjoni tiegħek. Jekk tixtieq li tieħu sehem, ikkuntattjani fuq xi wieħed minn dawn il-kuntatti t'hawn taħt.

Saħħiet,

Michela

Il-firma tar-riċerkatriċi:

L-isem tar-riċerkatriċi: Michela Saliba

L-indirizz elettroniku: michela.saliba.15@um.edu.mt

Numru ta' kuntatt:

Il-firma tas-superviżur:

L-isem tas-superviżur: Dr Terence Portelli

Id-data:

# Appendiċi 2
# Il-formola tal-kunsens

Jiena nikkonferma li qrajt l-ittra tal-informazzjoni għal dan l-istudju u li kelli l-opportunità li nistaqsi l-mistoqsijiet u niddiskuti l-istudju.
Abbażi tal-informazzjoni mogħtija lili, jien se nħalli lis- Sa. Michela Saliba:

- Tipprovidili sett ta' mistoqsijiet sabiex nagħti l-evalwazzjoni tiegħi fuq il-pakkett tar-riżorsi
- Tagħmel użu mill-irrekordjar sabiex tikseb l-evalwazzjonijiet tiegħi
- Tuża l-irrekordjar għat-traskrizzjonijiet.

<u>Billi niffirma din il-formola ta' kunsens, naqbel li:</u>

✓ Qrajt il-formola ta' kunsens

✓ Qed nieħu sehem b'mod volontarju f'dan l-istudju ta' riċerka, u fhimt li nista' nieqaf mill-parteċipazzjoni fi kwalunkwe ħin.

✓ Minix nistenna li se ningħata xi rigali għaliex qed nieħu sehem f'dan l-istudju

✓ L-identità tiegħi se tibqa' anonima għaliex għalkemm se jkun hemm użu ta' rekordjar, se jkun hemm tibdil diġitali sabiex il-vuċi tinvidel.

✓ Wara li l-proċess tat-traskrizzjoni jkun sar, se titħassar kull evidenza miġbura.

| ____________________ | ____________________ | ____________________ |
|---|---|---|
| Isem | Firma | Indirizz elettroniku |

Data: ________________

Firma tar-riċerkatriċi: ______________________

# Appendiċi 3
# Il-mistoqsijiet tal-intervista

1. X'taħseb fuq il-pjan ta' ħidma li fassalt għal dan il-proġett?

2. X'jidhirlek mill-attivitajiet ta' waqt il-lezzjonijiet?

3. Taħseb li kienu addattati għal-livell tal-istudenti? Għaliex?

4. X'taħseb fuq ir-riżorsi li huma ppreżentati flimkien mal-lezzjonijiet? X'impatt se jħallu?

5. X'dehrlek mir-riżorsi li jużaw it-teknoloġija? X'effett taħseb li se jħallu?

6. X'impatt għandu l-użu tal-proġett fuq il-kisba u l-progress tal-istudenti?

7. Kif tiddeskrivi l-karti tat-taħriġ mehmuża ma' dan il-pakkett?

8. X'laqtek mill-pjanijiet tal-lezzjonijiet?

9. Fl-opinjoni tiegħek, liema pjan ta' lezzjoni laqtek l-iżjed? Għaliex?

10. X'sehem għandhom il-forom ta' assessjar formattivi u summattivi f'dawn il-lezzjonijiet?

11. Taħseb li dan il-proġett hu ta' fejda għal studenti bi bżonnijiet speċjali?

12. Kieku kellek iċ-ċans li tibdel xi ħaġa minn dan il-pakkett ta' riżorsi, x'kont tagħmel differenti? Għaliex?